Parlament Ewropew
2014-2019

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2016/0132(COD)

3.3.2017

EMENDI
61 - 271

Abbozz ta' rapport
Monica Macovei
(PE597.620v02-00)

L-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) Nru 604/2013, għall-identifikazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li qed jirresjiedu illegalment u dwar talbiet għat-tqabbil ma' data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi (riformulazzjoni)

Proposta għal regolament
(COM(2016)0272 – C8-0179/2016 – 2016/0132(COD))

Emenda 61
Gérard Deprez, Louis Michel, Petr Ježek

Proposta għal regolament
Kunsiderazzjoni 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari ***l-Artikolu 78(2)(e)***, 79(2)(c), 87(2)(a) u 88(2)(a) tiegħu,	Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari ***l-Artikoli 78(2)(d) u (e)***, 79(2)(c), 87(2)(a) u 88(2)(a) tiegħu,

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Riformulazzjoni: Din hija l-bażi ġuridika applikabbli għall-proposta għal regolament li jistabbilixxi Qafas ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni. Teħtieġ li tiżdied peress li l-proposta hija għal persuni li għalihom l-Istati Membri qed iqisu r-risistemazzjoni skont l-Artikolu 10(2) tal-proposta li tistabbilixxi Qafas ta' Risistemazzjoni tal-UE li għandu jiġi inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Eurodac.

Emenda 62
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Politika komuni dwar ***l-ażil***, inkluża Sistema Ewropea Komuni ***tal-Ażil***, hija parti kostitwenti ***tal-għan*** tal-Unjoni Ewropea li tistabbilixxi b'mod progressiv spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja miftuħ għal dawk li, ***sforz iċ-ċirkustanzi***, ifittxu protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni.	(2) Politika komuni dwar ***l-asil***, inkluża Sistema Ewropea Komuni ***tal-Asil***, hija parti kostitwenti ***tal-objettiv*** tal-Unjoni Ewropea li tistabbilixxi b'mod progressiv spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja miftuħ għal dawk li, ***minħabba s-sitwazzjoni personali tagħhom***, ***huma eliġibbli biex*** ifittxu protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

It-terminu "sforz iċ-ċirkustanzi" huwa wisq wiesa' u jimplika li kwalunkwe ċirkostanza (mhux speċifikata) tista' tissemma bħala bażi għal protezzjoni internazzjonali. Madankollu, ir-rata ta' rifjut ta' applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali (aktar minn 66 % fi Franza fl-

2016) turi li t-triq lejn il-protezzjoni internazzjonali spiss isservi għal skopijiet ta' immigrazzjoni illegali, li hija fattur li rridu niġġieldu kontrih b'mod aktar effikaċi. Ta' min jgħid li huwa fl-aħħar mill-aħħar abbażi tas-sitwazzjoni personali tal-applikant (jew tal-familja tiegħu/tagħha) li tista' ssir applikazzjoni valida għal protezzjoni internazzjonali.

Emenda 63
Gérard Deprez, Louis Michel, Petr Ježek

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru […/…] li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun determinat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida***[24]** , huwa neċessarju li tkun stabbilita l-identità tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali u ta' persuni maqbuda b'konnessjoni mal-qsim kontra l-liġi tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. Huwa wkoll mixtieq, sabiex jiġi applikat b'mod effettiv ir-Regolament (UE) Nru […/…], u b'mod partikolari l-Artikoli [..] u [..]) tiegħu, li kull Stat Membru jitħalla jivverifika jekk ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li jinstabu illegalment fit-territorju tiegħu jkunx applika għall-protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru ieħor.	(4) Għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru […/…] li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun determinat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida ***u tar-Regolament XXX/XXX li jistabbilixxi Qafas ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni***, huwa neċessarju li tkun stabbilita l-identità tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali***, tal-persuni li għalihom l-Istati Membri beħsiebhom iniedu proċedura ta' risistemazzjoni*** u ta' persuni maqbuda b'konnessjoni mal-qsim kontra l-liġi tal-fruntieri esterni tal-Unjoni[24]. Huwa wkoll mixtieq, sabiex jiġi applikat b'mod effettiv ir-Regolament (UE) Nru […/…], u b'mod partikolari l-Artikoli [..] u [..]) tiegħu, li kull Stat Membru jitħalla jivverifika jekk ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li jinstabu illegalment fit-territorju tiegħu jkunx applika għall-protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru ieħor.
24 Ara paġna 31 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali	[24] Ara paġna 31 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali**.**

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Riformulazzjoni: Jeħtieġ li tiġi inkluża l-implimentazzjoni tar-Regolament futur li jistabbilixxi Qafas ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni fost il-proposti tal-Eurodac sabiex tippermetti r-

reġistrazzjoni ta' persuni li għalihom l-Istati Membri beħsiebhom iniedu proċedura ta' risistemazzjoni skont l-Artikolu 10(2) ta' dak ir-regolament.

Emenda 64
Gérard Deprez, Louis Michel, Petr Ježek

Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Huwa meħtieġ li, għall-fini tal-implimentazzjoni tar-Regolament XXX/XXX li jistabbilixxi Qafas ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni, l-Istati Membri kollha jirreġistraw l-informazzjoni Eurodac dwar ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi li għalihom beħsiebhom iwettqu proċedura ta' risistemazzjoni, skont l-Artikolu 10(2) ta' dak ir-Regolament.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Riformulazzjoni: L-Artikolu 10 tal-proposta għal regolament dwar ir-risistemazzjoni jipprevedi li l-Istati Membri jirreġistraw idata dwar il-persuni li beħsiebhom jirrisistemaw u li wara jaħżnuhom. Mhux speċifikat f'liema bażi ta' data dawn huma rreġistrati. Għalhekk qed jiġi propost li dawn jiġu rreġistrati direttament fil-Eurodac sabiex ikunu jistgħu jieħdu vantaġġ mill-garanziji offruti minn dan ir-Regolament u jkunu soġġetti għall-istess reġim bħad-data tal-benefiċjarji l-oħra ta' protezzjoni internazzjonali. Din ir-reġistrazzjoni se tagħmilha wkoll possibbli li jiġi determinat l-Istat Membru ta' risistemazzjoni u dan, sabiex jiġu kkontrollati l-movimenti sekondarji kif huwa invokat mill-Kummissjoni fil-proposta tagħha.

Emenda 65
Gérard Deprez, Louis Michel, Louis Michel

Proposta għal regolament
Premessa 4b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4b) Ir-reġistrazzjoni fil-Eurodac għandha l-għan li tiggarantixxi lil dawk il-persuni, li għalihom Stat Membru jkun bi ħsiebu jesegwixxi proċedura ta'

	risistemazzjoni, l-istess livell ta' protezzjoni u l-istess drittijiet bħal dawk applikabbli għall-applikanti u l-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali l-oħra fir-rigward tat-trattament tad-data tagħhom. Dan għandu jippermetti wkoll li l-Istati Membri jivverifikaw jekk ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida tkun diġà ġiet risistemati fi Stat Membru ieħor skont ir-Regolament XXX/XXX Rapport pożittiv b'hekk għandu jippermetti li jiġi determinat l-Istat Membru ta' risistemazzjoni u b'hekk li jiġu kkontrollati l-movimenti sekondarji potenzjali;

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Riformulazzjoni: din l-emenda għandha l-għan li tispjega l-objettiv tar-reġistrazzjoni fil-Eurodac tad-data dwar il-persuni risistemati skont ir-Regolament XXX/XXX.

Emenda 66
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Il-bijometriċi jikkostitwixxu element importanti biex tkun stabbilita l-identità eżatta ta' dawn il-persuni. Huwa meħtieġ li ***titwaqqaf*** sistema għat-tqabbil tad-data tal-marki tas-swaba' tagħhom u tax-xbiha tal-wiċċ .	***5. Biex jiġi żgurat livell għoli ta' preċiżjoni fl-identifikazzjoni ta' tali persuni, huwa*** meħtieġ li ***tiġi stabbilita*** sistema għat-tqabbil tad-data tal-marki tas-swaba' tagħhom u tax-xbiha tal-wiċċ .

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-għan prinċipali tal-Eurodac huwa r-reġistrazzjoni u li jippermetti livell għoli ta' preċiżjoni fir-(ri)identifikazzjoni ta' persuni li jaqgħu taħt it-tliet kategoriji ta' dan ir-regolament. Għaldaqstant jenħtieġ li jiġi dikjarat b'mod ċar bħala waħda mill-premessi prinċipali fit-test.

Emenda 67

Judith Sargentini
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Il-bijometriċi jikkostitwixxu element importanti biex ***tkun*** stabbilita l-identità eżatta ta' dawn il-persuni. Huwa meħtieġ li ***titwaqqaf*** sistema għat-tqabbil tad-data tal-marki tas-swaba' tagħhom ***u*** tax-xbiha tal-wiċċ .	***5. Il-bijometrika tikkostitwixxi*** element importanti biex ***tiġi*** stabbilita l-identità eżatta ta' dawn il-persuni. Huwa meħtieġ li ***tiġi stabbilita*** sistema għat-tqabbil tad-data tal-marki tas-swaba' tagħhom***,*** tax-xbiha tal-wiċċ ***jew it-tnejn li huma***.

Or. en

Emenda 68
Judith Sargentini
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Għal dak ***il-għan***, hemm bżonn li tiġi stabbilita sistema magħrufa bħala "Eurodac", li tikkonsisti minn Sistema Ċentrali, li ***għandha*** tħaddem bażi tad-data ċentrali kompjuterizzata ta' data ***fuq marki*** tas-swaba' ***u*** tax-xbiha tal-wiċċ , kif ukoll tal-mezzi elettroniċi ta' trażmissjoni bejn l-Istati Membri u s-Sistema Ċentrali, minn hawn 'il quddiem "l-Infrastruttura ta' Komunikazzjoni".	***6.*** Għal dak ***l-għan***, hemm bżonn li tiġi stabbilita sistema magħrufa bħala "Eurodac", li tikkonsisti minn Sistema Ċentrali, li ***se*** tħaddem bażi tad-data ċentrali kompjuterizzata ta' data ***tal-marki*** tas-swaba'***,*** tax-xbiha tal-wiċċ ***jew it-tnejn li huma***, kif ukoll tal-mezzi elettroniċi ta' trażmissjoni bejn l-Istati Membri u s-Sistema Ċentrali, minn hawn 'il quddiem "l-Infrastruttura ta' Komunikazzjoni".

Or. en

Emenda 69
Gérard Deprez, Louis Michel, Petr Ježek

Proposta għal regolament
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) Jenħtieġ li l-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (ue-LISA) twettaq studju sabiex tiddetermina jekk jaqbilx li l-kombinazzjonijiet ta' identifikaturi bijometriċi tal-bażijiet ta' data differenti tal-UE fil-qasam tal-ĠAI jiġu armonizzati. Speċifikament, jekk jaqbilx li l-Eurodac tnaqqas l-identifikaturi għal erba marki tas-swaba u xbieha tal-wiċċ, kif inhu l-każ għas-sistema ta' dħul/ħruġ f'konformità mar-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Riformulazzjoni: Jeħtieġ li l-kombinazzjonijiet ta' identifikaturi bijometriċi tal-bażijiet ta' data differenti tal-UE fil-qasam tal-ĠAI jiġu armonizzati.

Emenda 70
Judith Sargentini
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Fl-2015, il-kriżi tar-refuġjati u l-migrazzjoni wrew l-isfidi li kienu qed jiffaċċjaw xi Stati Membri biex jieħdu l-marki tas-swaba' ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li kienu qed jirrisjedu illegalment jew persuni bla stat li pruvaw jevitaw il-proċeduri għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Mejju 2015, bit-titolu "Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni"[25] innutat li "L-Istati Membri jridu wkoll jimplimentaw b'mod sħiħ ir-regoli dwar it-teħid ta' marki tas-swaba' tal-migranti fil-fruntieri" u kompliet	***9***. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Mejju 2015, bit-titolu "Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni"[25] innutat li "L-Istati Membri jridu wkoll jimplimentaw b'mod sħiħ ir-regoli dwar it-teħid ta' marki tas-swaba' tal-migranti fil-fruntieri" u kompliet tipproponi li "Il-Kummissjoni se tesplora wkoll kif aktar identifikaturi bijometriċi jistgħu jintużaw permezz tas-sistema Eurodac (bħal ma hu l-użu ta' tekniki ta' rikonoxximent tal-wiċċ permezz ta' ritratti diġitali)".

tipproponi li “Il-Kummissjoni se tesplora wkoll kif aktar identifikaturi bijometriċi jistgħu jintużaw permezz tas-sistema Eurodac (bħal ma hu l-użu ta’ tekniki ta’ rikonoxximent tal-wiċċ permezz ta’ ritratti diġitali)”.

[25] ***COM(2015) 240*** final, 13.5.2015

[25] ***COM(2015)240*** final, 13.5.2015

Or. en

Emenda 71
Judith Sargentini
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Biex jgħin lill-Istati Membri jegħlbu l-isfidi relatati ma' nuqqas ta' konformità mal-proċess tat-teħid tal-marki tas-swaba', dan ir-Regolament ***jippermetti wkoll il-paragun tal-immaġni tal-wiċċ mingħajr il-marki tas-swaba’ bħala l-aħħar possibbiltà, fejn ikun impossibbli li jittieħdu l-marki tas-swaba’ ta’ persuni ċittadini ta’ pajjiż terz jew mingħajr stat minħabba li l-marki tas-swaba’ tiegħu jew tagħha huma danneġġati, b’mod intenzjonali jew le, jew amputati. L-Istati Membri jinħtieġ li jeżawrixxu l-isforzi tagħhom kollha biex jiżguraw li l-marki tas-swaba’ jkunu jistgħu jittieħdu mis-suġġett tad-data qabel ma jagħmlu paragun fejn jużaw ix-xbiha tal-wiċċ biss fejn in-nuqqas ta' konformità bażata fuq raġunijiet mhux*** relatati ***mal-kundizzjonijiet tas-swaba' tal-individwu hija mogħtija. Meta jintużaw ix-xbihat tal-wiċċ flimkien mad-data tal-marki*** tas-swaba'***, dan jippermetti għal tnaqqis tal-marki tas-swaba' reġistrati filwaqt li jippermetti l-istess riżultat f'termini ta' preċiżjoni tal-identifikazzjoni***.	***10.*** Biex jgħin lill-Istati Membri jegħlbu l-isfidi relatati ma' nuqqas ta' konformità mal-proċess tat-teħid tal-marki tas-swaba', dan ir-Regolament ***jenħtieġ li jiġi implimentat f'konformità mal-linji gwida stabbiliti mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali fid-Dokument ta' Fokus tagħha "L-implikazzjonijiet*** relatati ***mad-drittijiet fundamentali tal-obbligu li jingħataw il-marki*** tas-swaba' ***għall-Eurodac" ("Fundamental rights implications of the obligation to provide fingerprints for Eurodac") ta' Mejju 2015***.[1a]

1a

http://fra.europa.eu/sites/default/files/fra_uploads/fra-2015-fingerprinting-focus-paper_en.pdf

Or. en

Emenda 72
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Biex jgħin lill-Istati Membri jegħlbu l-isfidi relatati ma' nuqqas ta' konformità mal-proċess tat-teħid tal-marki tas-swaba'***, dan ir-Regolament jippermetti wkoll il-paragun tal-immaġni tal-wiċċ mingħajr il-marki tas-swaba' bħala l-aħħar possibbiltà***, fejn ikun impossibbli li jittieħdu l-marki tas-swaba' ta' persuni ċittadini ta' pajjiż terz jew ***mingħajr stat*** minħabba li l-marki tas-swaba' tiegħu jew tagħha huma danneġġati, b'mod intenzjonali jew le, jew amputati. L-Istati Membri ***jinħtieġ*** li jeżawrixxu l-isforzi tagħhom kollha biex jiżguraw li l-marki tas-swaba' jkunu jistgħu jittieħdu mis-suġġett tad-data qabel ma jagħmlu paragun fejn jużaw ix-xbiha tal-wiċċ biss ***fejn in-nuqqas ta' konformità bażata fuq raġunijiet mhux relatati mal-kundizzjonijiet tas-swaba' tal-individwu hija mogħtija. Meta jintużaw ix-xbihat tal-wiċċ flimkien mad-data tal-marki tas-swaba', dan jippermetti għal tnaqqis tal-marki tas-swaba' reġistrati filwaqt li jippermetti l-istess riżultat f'termini ta' preċiżjoni tal-identifikazzjoni***.	***10. Għall-finijiet ta' ksib ta' identifikazzjoni ta' preċiżjoni għolja, jenħtieġ li l-marki*** tas-swaba' ***jiġu dejjem preferuti fuq ix-xbihat tal-wiċċ. Biex jgħin lill-Istati Membri jegħlbu l-isfidi***, fejn ikun impossibbli li jittieħdu l-marki tas-swaba' ta' persuni ċittadini ta' pajjiż terz jew ***ta' persuni apolidi*** minħabba li l-marki tas-swaba' tiegħu jew tagħha huma danneġġati, b'mod intenzjonali jew le, jew amputati***, dan ir-Regolament jenħtieġ li jippermetti wkoll ir-reġistrazzjoni u l-paragun tax-xbiha tal-wiċċ mingħajr il-marki tas-swaba'***. L-Istati Membri ***jenħtieġ*** li jeżawrixxu l-isforzi tagħhom kollha biex jiżguraw li l-marki tas-swaba' jkunu jistgħu jittieħdu mis-suġġett tad-data qabel ma jagħmlu paragun fejn jużaw ix-xbiha tal-wiċċ biss.

Or. en

Emenda 73
Monika Hohlmeier, Heinz K. Becker, Rachida Dati, Brice Hortefeux, Artis Pabriks

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Biex jgħin lill-Istati Membri jegħlbu l-isfidi relatati ma' nuqqas ta' konformità mal-proċess tat-teħid tal-marki tas-swaba', dan ir-Regolament jippermetti wkoll il-paragun ***tal-immaġni*** tal-wiċċ mingħajr il-marki tas-swaba' bħala l-aħħar possibbiltà, fejn ikun impossibbli li jittieħdu l-marki tas-swaba' ta' persuni ċittadini ta' pajjiż terz jew ***mingħajr stat*** minħabba li l-marki tas-swaba' tiegħu jew tagħha ***huma*** danneġġati, b'mod intenzjonali jew le, jew amputati. L-Istati Membri ***jinħtieġ*** li jeżawrixxu l-isforzi tagħhom kollha biex jiżguraw li l-marki tas-swaba' jkunu jistgħu jittieħdu mis-suġġett tad-data qabel ma jagħmlu paragun fejn jużaw ix-xbiha tal-wiċċ biss fejn ***in-nuqqas*** ta' konformità ***bażata*** fuq raġunijiet mhux relatati mal-kundizzjonijiet tas-swaba' tal-individwu ***hija mogħtija***. Meta jintużaw ix-xbihat tal-wiċċ flimkien mad-data tal-marki tas-swaba', ***dan jippermetti għal tnaqqis*** tal-marki tas-swaba' reġistrati ***filwaqt li*** jippermetti l-istess riżultat f'termini ta' preċiżjoni tal-identifikazzjoni.	***10.*** Biex jgħin lill-Istati Membri jegħlbu l-isfidi relatati ma' nuqqas ta' konformità mal-proċess tat-teħid tal-marki tas-swaba', dan ir-Regolament jippermetti wkoll il-paragun ***tax-xbiha*** tal-wiċċ mingħajr il-marki tas-swaba' bħala l-aħħar possibbiltà, fejn ikun impossibbli li jittieħdu l-marki tas-swaba' ta' persuni ċittadini ta' pajjiż terz jew ***apolidi*** minħabba li l-marki tas-swaba' tiegħu jew tagħha ***jkunu*** danneġġati, b'mod intenzjonali jew le, jew amputati. ***Jekk l-impossibilità fiżika li jingħataw il-marki tas-swaba' tkun ta' natura temporanja, jenħtieġ li dan jiġi mniżżel u l-proċess tat-teħid tal-marki tas-swaba' jenħtieġ li jsir aktar tard meta titreġġa l-integrità fiżika tal-marki tas-swaba'.*** L-Istati Membri ***jenħtieġ*** li jeżawrixxu l-isforzi tagħhom kollha biex jiżguraw li l-marki tas-swaba' jkunu jistgħu jittieħdu mis-suġġett tad-data qabel ma jagħmlu paragun fejn jużaw ix-xbiha tal-wiċċ biss fejn ***tiġi mogħtija nuqqas*** ta' konformità ***bbażata*** fuq raġunijiet mhux relatati mal-kundizzjonijiet tas-swaba' tal-individwu . Meta jintużaw ix-xbihat tal-wiċċ ***b'riżoluzzjoni u kwalità tax-xbiha suffiċjenti fit-tqabbil bijometriku awtomatizzat*** flimkien mad-data tal-marki tas-swaba', ***suppost ikun possibbli li jitnaqqas l-għadd*** tal-marki tas-swaba' reġistrati***, dment li dan*** jippermetti l-istess riżultat f'termini ta' preċiżjoni tal-identifikazzjoni.

Or. en

Emenda 74
Judith Sargentini
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma għandhomx id-dritt li joqogħdu fl-Unjoni, skont id-drittijiet fundamentali bħala prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll tal-liġi internazzjonali, inklużi l-protezzjoni tar-refuġjati u l-obbligi tad-drittijiet tal-bniedem, u f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/115/KE[26] , huwa parti essenzjali tal-isforzi komprensivi biex jittrattaw il-migrazzjoni u, b'mod partikolari, biex inaqqsu u jiskoraġġixxu l-migrazzjoni irregolari. Biex tiżdied l-effettività tas-sistema tal-Unjoni biex jiġu ritornati ċittadini ta' pajjiżi terzi li qed jirrisjedu illegalment hija meħtieġa sistema biex tinżamm il-fiduċja pubblika fis-sistema tal-ażil u l-migrazzjoni tal-Unjoni, u jinħtieġ li timxi id f'id mal-isforzi biex jiġu protetti dawk li jetieġu protezzjoni.	***imħassar***
[26] Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2008, dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, ĠU L 348, 24,12,2008, p. 98.	

Or. en

Emenda 75
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma għandhomx id-dritt li joqogħdu fl-Unjoni, skont id-drittijiet fundamentali bħala prinċipji ġenerali tad-dritt ***tal-Unjoni*** kif ukoll ***tal-liġi*** internazzjonali, inklużi l-protezzjoni tar-refuġjati u l-obbligi tad-drittijiet tal-bniedem, u f'konformità mad-	***11.*** Ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma għandhomx id-dritt li joqogħdu fl-Unjoni, skont id-drittijiet fundamentali bħala prinċipji ġenerali tad-dritt ***tal-UE*** kif ukoll ***tad-dritt*** internazzjonali, inklużi l-protezzjoni tar-refuġjati u l-obbligi tad-drittijiet tal-bniedem, u f'konformità mad-

dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/115/KE[26] ***, huwa parti*** essenzjali ***tal-isforzi komprensivi biex jittrattaw il-migrazzjoni u, b'mod partikolari, biex inaqqsu u jiskoraġġixxu*** l-migrazzjoni irregolari. ***Biex*** tiżdied l-effettività tas-sistema tal-Unjoni ***biex jiġu ritornati*** ċittadini ta' pajjiżi terzi ***li qed jirrisjedu illegalment hija meħtieġa sistema biex*** tinżamm il-fiduċja pubblika ***fis-sistema tal-ażil u l-migrazzjoni tal-Unjoni, u jinħtieġ li timxi id f'id mal-isforzi biex jiġu protetti dawk li jetieġu*** protezzjoni.

[26] Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2008, dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, ĠU L 348, ***24,12,2008***, p. 98.

dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/115/KE[26]***, huwa pedament*** essenzjali ***ta' Sistema Ewropea Komuni tal-Asil ġusta u effiċjenti li jkollha wkoll l-iskop li tnaqqas u tiskoraġġixxi*** l-migrazzjoni irregolari. ***Hu meħtieġ li*** tiżdied l-effettività tas-sistema tal-Unjoni ***għar-ritorn ta'*** ċittadini ta' pajjiżi terzi ***b'residenza illegali sabiex*** tinżamm il-fiduċja pubblika ***fis-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil, li hija fundamentali sabiex jinżamm l-obbligu ta' protezzjoni ta' dawk fi bżonn ta'*** protezzjoni.

[26] Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2008, dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, ĠU L 348, ***24.12.2008***, p. 98.

Or. en

Emenda 76
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma għandhomx id-dritt li joqogħdu fl-Unjoni, skont id-drittijiet fundamentali bħala prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll tal-liġi internazzjonali, inklużi l-protezzjoni tar-refuġjati u l-obbligi tad-drittijiet tal-bniedem, u f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/115/KE[26] , huwa parti essenzjali tal-isforzi komprensivi biex jittrattaw il-migrazzjoni u, b'mod partikolari, biex inaqqsu u jiskoraġġixxu l-migrazzjoni irregolari. Biex tiżdied l-effettività tas-sistema tal-Unjoni biex jiġu ritornati ċittadini ta' pajjiżi terzi li qed jirrisjedu illegalment hija meħtieġa sistema biex tinżamm il-fiduċja pubblika fis-sistema ***tal-***	(11) Ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma għandhomx id-dritt li joqogħdu fl-Unjoni, skont id-drittijiet fundamentali bħala prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll tal-liġi internazzjonali, inklużi l-protezzjoni tar-refuġjati u l-obbligi tad-drittijiet tal-bniedem, u f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/115/KE[26], huwa parti essenzjali tal-isforzi komprensivi biex jittrattaw il-migrazzjoni u, b'mod partikolari, biex inaqqsu u jiskoraġġixxu l-migrazzjoni irregolari. Biex tiżdied l-effettività tas-sistema tal-Unjoni biex jiġu ritornati ***sistematikament*** ċittadini ta' pajjiżi terzi li qed jirrisjedu illegalment hija meħtieġa sistema biex tinżamm il-fiduċja pubblika

ażil u l-migrazzjoni tal-Unjoni, u ***jinħtieġ li timxi id f'id mal-isforzi*** biex jiġu protetti dawk li ***jetieġu protezzjoni***.	fis-sistema ***tal-asil*** u l-migrazzjoni tal-Unjoni, u ***din trid tkun inseparabbli mill-isforzi*** biex jiġu protetti dawk li ***jeħtieġu l-protezzjoni u huma fost l-ewwel li jġarrbu l-immigrazzjoni illegali***.
[26] Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2008, dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, ĠU L 348, 24,12,2008, p. 98.	[26] Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2008, dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, ĠU L 348, 24,12,2008, p. 98.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Ir-rata ta' implimentazzjoni tar-ritorni taċ-ċittadini ta' pajjiż terz hija inkredibilment baxxa (għal Franza, minn 1 % skont il-Qorti tal-Awdituri sa 10 % skont is-Servizz Ekumeniku ta' Għajnuna - CIMADE). Il-politika dwar l-asil konsegwentement għandha tkun aktar ibbilanċjata u bbażata fuq żewġ pilastri inseparabbli: riċeviment taċ-ċittadini eliġibbli għall-protezzjoni internazzjonali imma ritorn sistematiku u rapidu ta' dawn li mhumiex. Id-dgħjufija strutturali ta' dan it-tieni pilastru huwa wieħed mill-muturi li jsostnu n-nuqqas ta' fiduċja tal-popli Ewropej fir-rigward tal-immigrazzjoni. Fost l-ewwel nies li jsofru minn dan in-nuqqas ta' fiduċja mifrux hemm iċ-ċittadini eliġibbli għal protezzjoni internazzjonali. Għalhekk jenħtieġ li l-kwistjoni tas-sistematiċita tar-ritorni u n-natura inseparabbli tagħhom mill-isforzi provduti għar-riċeviment tiġi trattata aħjar.

Emenda 77
Gérard Deprez, Louis Michel, Petr Ježek

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma għandhomx id-dritt li joqogħdu fl-Unjoni, skont id-drittijiet fundamentali bħala prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll tal-liġi internazzjonali, ***inklużi l-protezzjoni*** tar-refuġjati u ***l-obbligi*** tad-drittijiet tal-bniedem, u f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/115/KE[26] , huwa parti essenzjali tal-isforzi komprensivi biex jittrattaw il-migrazzjoni u, b'mod partikolari, biex inaqqsu u jiskoraġġixxu l-migrazzjoni	(11) Ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma għandhomx id-dritt li joqogħdu fl-Unjoni, skont id-drittijiet fundamentali bħala prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll tal-liġi internazzjonali, ***notevolemtn l-obbligi fil-qasam tan-non-refoulement, tal-protezzjoni*** tar-refuġjati u tad-drittijiet tal-bniedem, u f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/115/KE[26], huwa parti essenzjali tal-isforzi komprensivi biex jittrattaw il-migrazzjoni u, b'mod partikolari, biex

irregolari. Biex tiżdied l-effettività tas-sistema tal-Unjoni biex jiġu ritornati ċittadini ta' pajjiżi terzi li qed jirrisjedu illegalment hija meħtieġa sistema biex tinżamm il-fiduċja pubblika fis-sistema ***tal-ażil*** u l-migrazzjoni tal-Unjoni, u jinħtieġ li timxi id f'id mal-isforzi biex jiġu protetti dawk li jetieġu protezzjoni.

inaqqsu u jiskoraġġixxu l-migrazzjoni irregolari. Biex tiżdied l-effettività tas-sistema tal-Unjoni biex jiġu ritornati ċittadini ta' pajjiżi terzi li qed jirrisjedu illegalment hija meħtieġa sistema biex tinżamm il-fiduċja pubblika fis-sistema ***tal-asil*** u l-migrazzjoni tal-Unjoni, u jinħtieġ li timxi id f'id mal-isforzi biex jiġu protetti dawk li jetieġu protezzjoni.

---

[26] Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2008, dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, ĠU L 348, 24,12,2008, p. 98.

[26] Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2008, dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, ĠU L 348, 24,12,2008, p. 98.

Or. fr

Emenda 78
Josef Weidenholzer, Josef Weidenholzer, Vilija Blinkevičiūtė, Péter Niedermüller, Maria Grapini, Juan Fernando López Aguilar, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma għandhomx id-dritt li ***joqogħdu*** fl-Unjoni, skont id-drittijiet fundamentali bħala prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll ***tal-liġi*** internazzjonali, inklużi l-protezzjoni tar-refuġjati u l-obbligi tad-drittijiet tal-bniedem, u f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/115/KE[26] , huwa parti essenzjali tal-isforzi komprensivi biex ***jittrattaw*** il-migrazzjoni u, b'mod partikolari, biex inaqqsu u jiskoraġġixxu l-migrazzjoni irregolari. Biex tiżdied ***l-effettività*** tas-sistema tal-Unjoni biex jiġu ritornati ċittadini ta' pajjiżi terzi li qed jirrisjedu illegalment hija meħtieġa sistema biex tinżamm il-fiduċja pubblika fis-sistema ***tal-ażil*** u l-migrazzjoni ***tal-Unjoni, u jinħtieġ*** li timxi id f'id mal-isforzi biex jiġu protetti	***11.*** Ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma għandhomx id-dritt li ***jirrisjedu*** fl-Unjoni, skont id-drittijiet fundamentali bħala prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll ***tad-dritt*** internazzjonali, inklużi l-protezzjoni tar-refuġjati u l-obbligi tad-drittijiet tal-bniedem, u f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/115/KE[26], huwa parti essenzjali tal-isforzi komprensivi biex ***jindirizzaw*** il-migrazzjoni u, b'mod partikolari, biex inaqqsu u jiskoraġġixxu l-migrazzjoni irregolari. Biex tiżdied ***l-effikaċja*** tas-sistema tal-Unjoni biex jiġu ritornati ċittadini ta' pajjiżi terzi li qed jirrisjedu illegalment hija meħtieġa sistema biex tinżamm il-fiduċja pubblika fis-sistema ***tal-asil*** u l-migrazzjoni ***tal-UE, u jenħtieġ*** li timxi id f'id mal-isforzi biex

dawk li ***jetieġu*** protezzjoni.

jiġu protetti dawk li ***jeħtieġu*** protezzjoni.

---

[26] Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2008, dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, ĠU L 348, ***24,12,2008***, p. 98.

[26] Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2008, dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, ĠU L 348, ***24.12.2008***, p. 98.

Or. en

Emenda 79
Gérard Deprez, Louis Michel, Petr Ježek

Proposta għal regolament
Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) Sabiex tiżdied il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-ġestjoni tal-migrazzjoni irregolari, iċ-ċittadini li jirrisjedu illegalment, minflok in-numru tal-applikazzjoni għall-asil, għandhom iżidu l-isem tal-miżura ta' tkeċċija meħuda mill-Istat Membru li daħħal id-data fil-Eurodac.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Jeżistu diversi miżuri ta' tkeċċija ta' persuni li jirrisjedu b'mod irregolari. Pereżempju: ir-ritorn volontarju, l-ordni ta' tkeċċija mit-territorju, l-ordni ta' akkumpanjament, ir-rifjut tad-dħul, it-tkeċċija,... Kull miżura fiha proċeduri u skadenzi differenti ta' applikazzjoni. Għalhekk huwa importanti li Stat Membru jkun jista' jkun jaf bil-miżuri ta' tkeċċija meħuda fil-konfront ta' ċittadin li jirrisjedi illegalment min-naħa ta' Stat Membru ieħor u għalhekk titjieb il-kooperazzjoni tagħhom.

Emenda 80
Judith Sargentini
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) L-awtoritajiet nazzjonali fl-Istati Membri jesperjenzaw diffikultajiet fl-identifikazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li qed jirrisjedu illegalment li jużaw mezzi frodulenti biex jevitaw li jiġu identifikati u biex ifixklu l-proċeduri ta' dokumentazzjoni mill-ġdid fid-dawl ta' ritorn u riammissjoni. Huwa għalhekk essenzjali li jiġi żgurat li informazzjoni dwar ċittadini ta' pajjiż terz jew persuni bla stat li jinstabu li qed jirrisjedu illegalment fl-UE tinġabar u tiġi trażmessa lill-Eurodac u tiġi mqabbla ma' dik miġbura u trażmessa għall-finijiet biex tiġi stabbilita l-identità ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali u ċittadini ta' pajjiżi terzi maqbuda f'relazzjoni ma' qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni, sabiex jiġu faċilitati l-identifikazzjoni u r-ridokumentazzjoni tagħhom u biex jiġu żgurati r-ritorn u r-riammissjoni tagħhom, u biex jitnaqqas il-frodi tal-identità. Dan jinħtieġ li jikkontribwixxi wkoll għat-tnaqqis tat-tul tal-proċeduri amministrattivi meħtieġa biex jiġi żgurat ir-ritorn u r-riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiż terz li qed jirrissjedu illegalment, inkluż il-perjodu li fih jistgħu jinżammu f'detenzjoni amministrattiva waqt li qed jistennew li jiġu mkeċċija. Jinħtieġ li jippermetti wkoll l-identifikazzjoni ta' pajjiżi terzi ta' tranżitu, fejn ċittadini ta' pajjiż terz residenti illegalment jistgħu jiġu riammessi.	***imħassar***

Or. en

Emenda 81
Sylvia-Yvonne Kaufmann, Josef Weidenholzer, Vilija Blinkevičiūtė, Péter Niedermüller, Maria Grapini, Juan Fernando López Aguilar

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(12) L-awtoritajiet nazzjonali fl-Istati Membri jesperjenzaw diffikultajiet fl-identifikazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li qed jirrisjedu illegalment li jużaw mezzi frodulenti biex jevitaw li jiġu identifikati u biex ifixklu l-proċeduri ta' dokumentazzjoni mill-ġdid fid-dawl ta' ritorn u riammissjoni. Huwa għalhekk essenzjali li jiġi żgurat li informazzjoni dwar ċittadini ta' pajjiż terz jew persuni ***bla stat*** li jinstabu li qed jirrisjedu illegalment fl-UE tingħabar u tiġi trażmessa lill-Eurodac u tiġi mqabbla ma' dik miġbura u trażmessa għall-finijiet ***biex*** tiġi stabbilita l-identità ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali u ċittadini ta' pajjiżi terzi maqbuda ***f'relazzjoni*** ma' qsim illegali tal-fruntieri esterni ***tal-Unjoni***, sabiex jiġu faċilitati l-identifikazzjoni u r-ridokumentazzjoni tagħhom u biex jiġu żgurati r-ritorn u r-riammissjoni tagħhom, u biex jitnaqqas il-frodi tal-identità. Dan ***jinħtieġ*** li jikkontribwixxi wkoll għat-tnaqqis tat-tul tal-proċeduri amministrattivi meħtieġa biex jiġi żgurat ir-ritorn u r-riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiż terz li qed jirrissjedu illegalment, inkluż il-perjodu li fih jistgħu jinżammu f'detenzjoni amministrattiva waqt li qed jistennew li jiġu mkeċċija. ***Jinħtieġ*** li jippermetti wkoll l-identifikazzjoni ta' pajjiżi terzi ta' tranżitu, fejn ċittadini ta' pajjiż terz residenti illegalment jistgħu jiġu riammessi.

12. Huwa essenzjali li jiġi żgurat li informazzjoni dwar ċittadini ta' pajjiż terz jew persuni ***apolidi*** li jinstabu li qed jirrisjedu illegalment fl-UE tingħabar u tiġi trażmessa lill-Eurodac u tiġi mqabbla ma' dik miġbura u trażmessa għall-finijiet ***li*** tiġi stabbilita l-identità ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali u ċittadini ta' pajjiżi terzi maqbuda ***b'rabta*** ma' qsim illegali tal-fruntieri esterni ***tal-UE***, sabiex jiġu faċilitati l-identifikazzjoni u r-ridokumentazzjoni tagħhom u biex jiġu żgurati r-ritorn u r-riammissjoni tagħhom, u biex jitnaqqas il-frodi tal-identità. Dan ***jenħtieġ*** li jikkontribwixxi wkoll għat-tnaqqis tat-tul tal-proċeduri amministrattivi meħtieġa biex jiġi żgurat ir-ritorn u r-riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiż terz li qed jirrissjedu illegalment, inkluż il-perjodu li fih jistgħu jinżammu f'detenzjoni amministrattiva waqt li qed jistennew li jiġu mkeċċija. ***Jenħtieġ*** li jippermetti wkoll l-identifikazzjoni ta' pajjiżi terzi ta' tranżitu, fejn ċittadini ta' pajjiż terz residenti illegalment jistgħu jiġu riammessi.

Or. en

Emenda 82
Carlos Coelho, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) L-awtoritajiet nazzjonali fl-Istati Membri jesperjenzaw diffikultajiet fl-identifikazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li qed jirrisjedu illegalment li jużaw mezzi frodulenti biex jevitaw li jiġu identifikati u	***12.*** L-awtoritajiet nazzjonali fl-Istati Membri jesperjenzaw diffikultajiet fl-identifikazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li qed jirrisjedu illegalment li jużaw mezzi frodulenti biex jevitaw li jiġu identifikati u

biex ifixklu l-proċeduri ta’ dokumentazzjoni mill-ġdid fid-dawl ***ta' ritorn u riammissjoni***. Huwa għalhekk essenzjali li jiġi żgurat li informazzjoni dwar ċittadini ta’ pajjiż terz jew persuni ***bla stat*** li jinstabu li qed jirrisjedu illegalment fl-UE tinġabar u tiġi trażmessa lill-Eurodac u tiġi mqabbla ma' dik miġbura u trażmessa għall-finijiet ***biex*** tiġi stabbilita l-identità ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali u ċittadini ta' pajjiżi terzi maqbuda ***f'relazzjoni*** ma' qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni, sabiex jiġu faċilitati l-identifikazzjoni u r-ridokumentazzjoni tagħhom u biex jiġu żgurati r-ritorn u r-riammissjoni tagħhom, u biex jitnaqqas il-frodi tal-identità. Dan ***jinħtieġ*** li jikkontribwixxi wkoll għat-tnaqqis tat-tul tal-proċeduri amministrattivi meħtieġa biex jiġi żgurat ir-ritorn u r-riammissjoni ta’ ċittadini ta’ pajjiż terz li qed jirrissjedu illegalment, inkluż il-perjodu li fih jistgħu jinżammu f’detenzjoni amministrattiva waqt li qed jistennew li jiġu mkeċċija. ***Jinħtieġ*** li jippermetti wkoll l-identifikazzjoni ta’ pajjiżi terzi ta’ tranżitu, fejn ċittadini ta’ pajjiż terz residenti illegalment jistgħu jiġu riammessi.

biex ifixklu l-proċeduri ta' dokumentazzjoni mill-ġdid fid-dawl ***tar-ritorn u r-riammissjoni tagħhom***. Huwa għalhekk essenzjali li jiġi żgurat li informazzjoni dwar ċittadini ta' pajjiż terz jew persuni ***apolidi*** li jinstabu li qed jirrisjedu illegalment fl-UE tinġabar u tiġi trażmessa lill-Eurodac u tiġi mqabbla ma' dik miġbura u trażmessa għall-finijiet ***li*** tiġi stabbilita l-identità ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali u ċittadini ta' pajjiżi terzi maqbuda ***b'rabta*** ma' qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni, sabiex jiġu faċilitati l-identifikazzjoni u r-ridokumentazzjoni tagħhom u biex jiġu żgurati r-ritorn u r-riammissjoni tagħhom, u biex jitnaqqas il-frodi tal-identità. Dan ***jenħtieġ*** li jikkontribwixxi wkoll għat-tnaqqis tat-tul tal-proċeduri amministrattivi meħtieġa biex jiġi żgurat ir-ritorn u r-riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiż terz li qed jirrissjedu illegalment, inkluż il-perjodu li fih jistgħu jinżammu f'detenzjoni amministrattiva waqt li qed jistennew li jiġu mkeċċija. ***Jenħtieġ*** li jippermetti wkoll l-identifikazzjoni ta' pajjiżi terzi ta' tranżitu, fejn ċittadini ta' pajjiż terz residenti illegalment jistgħu jiġu riammessi. ***Dan huwa mingħajr preġudizzju għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS), li tibqa' s-sistema fundamentali li tiżgura l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni meta jseħħ ir-ritorn.***

Or. en

Emenda 83
Sylvia-Yvonne Kaufmann, Sylvia-Yvonne Kaufmann, Vilija Blinkevičiūtė, Sylvia-Yvonne Kaufmann, Sylvia-Yvonne Kaufmann, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	12a. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom l-iskadenza raġonevoli ta' 15-il jum minn meta tinqabeż ir-residenza

awtorizzata qabel ma jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament dwar it-tqabbil, il-ġbir u t-trażmissjoni ta' data tal-marki tas-swaba' u tax-xbieha tal-wiċċ ta' ċittadini terzi li qed joqgħodu illegalment li daħlu permezz tal-qsim irregolari tal-fruntiera esterna taż-żona Schengen.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija marbuta direttament mal-Artikolu 14 tal-proposta tal-Kummissjoni. L-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni biex jinkludi "ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi li jinsabu qed jirrisjedu illegalment fi Stat Membru" trid tiġi akkumpanjata minn salvagwardji jekk persuna tkun daħlet illegalment fl-UE u tkun eċċediet iż-żjara tagħha bi ftit jiem għal raġunijiet li jistgħu ma jkunux intenzjonali.

Emenda 84
Gérard Deprez, Louis Michel, Petr Ježek

Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu illegalment iżda li jkunu daħlu billi qasmu legalment il-fruntiera esterna taż-żona Schengen, l-Istati Membri jistgħu jħallu skadenza ta' 15-il jum ta' qbiż tas-soġġorn awtorizzat qabel ma jissodisfaw l-obbligi tagħhom li jirriżultaw mill-Artikolu 14.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Les données de ressortissant de pays tiers en séjour irrégulier seront enregistrées pour une période de 5 ans dans Eurodac. C'est pourquoi, les personnes qui sont entrée légalement sur le territoire de l'UE et qui font l'objet d'un dépassement très court de la durée de séjour autorisée et pour lesquels soit un retour volontaire est imminent soit une procédure de régularisation est cours et qu'ils ne présentent aucun risque de fuite, les Etats membres devrait disposer d'une marge d'appréciation et leur octroyer un délai raisonnable pour quitter le territoire ou se régulariser avant d'enregistrer leur données pour une si longue durée. Il convient donc que pour les personnes entré illégalement sur le territoire d'un Etat

membre, ces données soient directement enregistrées dans Eurodac mais que pour celles entré légalement un délai raisonnable de 15 jours leur soit laissé.

Emenda 85
Judith Sargentini
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-8 ta' Ottubru 2015 dwar il-futur tal-politika tar-ritorn, il-Kunsill approva l-inizjattiva mħabbra mill-Kummissjoni biex jesplora estensjoni tal-ambitu u l-iskop tal-Eurodac biex jippermetti l-użu ta' data għall-fini tar-ritorn[27] . L-Istati Membri jinħtieġ li jkollhom l-għodod neċessarja għad-dispożizzjoni tagħhom biex ikunu jistgħu jaqbdu l-migrazzjoni illegali u l-movimenti sekondarji ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li qed jirrisjedu fl-Unjoni illegalment. Għaldaqstant, id-data fil-Eurodac jinħtieġ li tkun disponibbli, suġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, biex tiġi mqabbla mill-awtoritajiet maħtura tal-Istati Membri.	***imħassar***
[27] Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar ir-ritorn, COM(2015) 453 final.	

Or. en

Emenda 86
Péter Niedermüller, Josef Weidenholzer, Vilija Blinkevičiūtė, Péter Niedermüller, Kati Piri, Maria Grapini, Juan Fernando López Aguilar

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-8 ta'	***13.*** Fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-

Ottubru 2015 dwar il-futur tal-politika tar-ritorn, il-Kunsill approva l-inizjattiva mħabbra mill-Kummissjoni biex jesplora estensjoni ***tal-ambitu*** u l-iskop tal-Eurodac biex jippermetti l-użu ta' data għall-fini tar-ritorn[27] . L-Istati Membri ***jinħtieġ*** li jkollhom l-għodod ***neċessarja*** għad-dispożizzjoni tagħhom biex ikunu jistgħu jaqbdu l-migrazzjoni illegali ***u l-movimenti sekondarji ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li qed jirrisjedu fl-Unjoni illegalment. Għaldaqstant, id-data fil-Eurodac jinħtieġ li tkun disponibbli, suġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, biex tiġi mqabbla mill-awtoritajiet maħtura tal-Istati Membri***.

8 ta' Ottubru 2015 dwar il-futur tal-politika tar-ritorn, il-Kunsill approva l-inizjattiva mħabbra mill-Kummissjoni biex jesplora estensjoni ***tal-kamp ta' applikazzjoni*** u l-iskop tal-Eurodac biex jippermetti l-użu ta' data għall-fini tar-ritorn[27]. L-Istati Membri ***jenħtieġ*** li jkollhom l-għodod ***meħtieġa*** għad-dispożizzjoni tagħhom biex ikunu jistgħu jaqbdu l-migrazzjoni illegali.

[27] Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar ir-ritorn, COM(2015) 453 final.

[27] Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar ir-ritorn, COM(2015) 453 final.

Or. en

Emenda 87
Carlos Coelho, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-8 ta' Ottubru 2015 dwar il-futur tal-politika tar-ritorn, il-Kunsill approva l-inizjattiva mħabbra mill-Kummissjoni biex jesplora estensjoni ***tal-ambitu*** u l-iskop tal-Eurodac biex jippermetti l-użu ta' data ***għall-fini*** tar-ritorn[27] . L-Istati Membri ***jinħtieġ*** li jkollhom l-għodod ***neċessarja*** għad-dispożizzjoni tagħhom biex ikunu jistgħu jaqbdu l-migrazzjoni illegali u l-movimenti sekondarji ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li qed jirrisjedu fl-Unjoni illegalment. Għaldaqstant, id-data fil-Eurodac ***jinħtieġ*** li tkun disponibbli, suġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, biex tiġi mqabbla mill-awtoritajiet maħtura tal-Istati Membri.	***13.*** Fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-8 ta' Ottubru 2015 dwar il-futur tal-politika tar-ritorn, il-Kunsill approva l-inizjattiva mħabbra mill-Kummissjoni biex jesplora estensjoni ***tal-kamp ta' applikazzjoni*** u l-iskop tal-Eurodac biex jippermetti l-użu ta' data ***għall-finijiet*** tar-ritorn[27]. L-Istati Membri ***jenħtieġ*** li jkollhom l-għodod ***meħtieġa*** għad-dispożizzjoni tagħhom biex ikunu jistgħu jaqbdu l-migrazzjoni illegali u l-movimenti sekondarji ***mill-identifikazzjoni*** ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li qed jirrisjedu fl-Unjoni illegalment. Għaldaqstant, id-data fil-Eurodac ***jenħtieġ*** li tkun disponibbli, suġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, biex tiġi mqabbla

	mill-awtoritajiet maħtura tal-Istati Membri.
[27] Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar ir-ritorn, COM(2015) 453 final.	[27] Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar ir-ritorn, COM(2015) 453 final.

Or. en

Emenda 88
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-8 ta' Ottubru 2015 dwar il-futur tal-politika tar-ritorn, il-Kunsill approva l-inizjattiva mħabbra mill-Kummissjoni biex jesplora estensjoni ***tal-ambitu*** u l-iskop tal-Eurodac biex jippermetti l-użu ta' data ***għall-fini*** tar-ritorn[27] . L-Istati Membri ***jinħtieġ*** li jkollhom l-għodod ***neċessarja*** għad-dispożizzjoni tagħhom biex ikunu jistgħu jaqbdu l-migrazzjoni illegali u l-movimenti sekondarji ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li qed jirrisjedu fl-Unjoni illegalment. Għaldaqstant, id-data fil-Eurodac ***jinħtieġ*** li tkun disponibbli, suġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, biex tiġi mqabbla mill-awtoritajiet maħtura tal-Istati Membri.	***13.*** Fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-8 ta' Ottubru 2015 dwar il-futur tal-politika tar-ritorn, il-Kunsill approva l-inizjattiva mħabbra mill-Kummissjoni biex jesplora estensjoni ***tal-kamp ta' applikazzjoni*** u l-iskop tal-Eurodac biex jippermetti l-użu ta' data ***għall-finijiet*** tar-ritorn[27]. L-Istati Membri ***jenħtieġ*** li jkollhom l-għodod ***meħtieġa*** għad-dispożizzjoni tagħhom biex ikunu jistgħu jaqbdu l-migrazzjoni illegali u l-movimenti sekondarji ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ***jew persuni apolidi*** li qed jirrisjedu fl-Unjoni illegalment. Għaldaqstant, id-data fil-Eurodac ***jenħtieġ*** li tkun disponibbli, suġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, biex tiġi mqabbla mill-awtoritajiet maħtura tal-Istati Membri.
[27] Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar ir-ritorn, COM(2015) 453 final.	[27] Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar ir-ritorn, COM(2015) 453 final.

Or. en

Emenda 89
Anna Maria Corazza Bildt, Damiano Zoffoli, Barbara Matera, Petras Auštrevičius, Beatriz Becerra Basterrechea, Hilde Vautmans

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Sistemi tal-Informazzjoni aktar ***Qawwija*** u aktar Intelliġenti għall-Fruntieri u s-Sigurtà[28] ***tisħaq dwar il-ħtieġa*** li tittejjeb l-interoperabbiltà tas-sistemi tal-informazzjoni bħala objettiv fit-tul, kif identifikat ukoll mill-Kunsill Ewropew u mill-Kunsill. Il-Komunikazzjoni tipproponi li twaqqaf Grupp ta' Esperti dwar is-Sistemi tal-Informazzjoni u l-Interoperabbiltà biex tkun ittrattata l-fattibbiltà legali u teknika tal-kisba tal-interoperabbiltà tas-sistemi tal-informazzjoni ***għall-fruntieri u s-sigurtà. Dan il-grupp jinħtieġ li jevalwa n-neċessità u l-proporzjonalità biex tiġi stabbilita*** l-interoperabbiltà ***tas-Sistemi tal-Informazzjoni*** ta' Schengen (***Schengen Information Systems , SIS***) ***u s-Sistemi tal-Informazzjoni dwar il-Visa (Visa Information Systems, VIS), u jeżamina jekk hemmx bżonn li jiġi rivedut il-qafas legali għall-aċċess għall-infurzar tal-liġi għall-EURODAC***.	***14.*** Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Sistemi tal-Informazzjoni aktar ***b'Saħħithom*** u aktar Intelliġenti għall-Fruntieri u s-Sigurtà[28] ***tenfasizza l-ħtieġa*** li tittejjeb l-interoperabbiltà tas-sistemi tal-informazzjoni bħala objettiv fit-tul, kif identifikat ukoll mill-Kunsill Ewropew u mill-Kunsill. Il-Komunikazzjoni tipproponi li twaqqaf Grupp ta' Esperti dwar is-Sistemi tal-Informazzjoni u l-Interoperabbiltà biex tkun ittrattata l-fattibbiltà legali u teknika tal-kisba tal-interoperabbiltà tas-sistemi tal-informazzjoni ***u teżamina jekk hemmx il-ħtieġa ta' reviżjoni tal-qafas legali għall-aċċess għall-infurzar tal-liġi għall-Eurodac. Jenħtieġ li jiġu żviluppati soluzzjonijiet teknoloġiċi sabiex tiġi żgurata*** l-interoperabbiltà ***tal-Eurodac mas-Sistema ta' Informazzjoni*** ta' Schengen (***SIS), is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS), l-Europol u s-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES***) ***sabiex tittejjeb il-kooperazzjoni effettiva fost l-Istati Membri fl-immaniġġjar tal-fruntieri esterni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja. Jekk data addizzjonali tal-minuri tiġi inkluża f'verżjoni futura tal-Eurodac, l-Istati Membri jenħtieġ ukoll li jniżżlu r-rabtiet familjari sabiex jiffaċilitaw ir-riunifikazzjoni tal-familji u jitraċċaw tfal mitlufa***.
[28] COM(2016) 205 finali	[28] COM(2016) 205 finali

Or. en

Emenda 90
Monika Hohlmeier, Heinz K. Becker, Jeroen Lenaers, Heinz K. Becker, Brice Hortefeux, Mariya Gabriel

Proposta għal regolament
Premessa 13a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	13a. L-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, kif stabbilita mir-Regolament 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a] , għandha rwol fundamentali fl-isforzi tal-UE għall-ġestjoni aħjar tal-fruntieri esterni, il-prevenzjoni tal-immigrazzjoni irregolari u l-movimenti sekondarji. Konsegwentement, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta jenħtieġ li tingħata aċċess għad-data tal-Eurodac sabiex tkun tista' tagħmel analiżijiet tar-riskju tal-ogħla standards possibbli u tgħin lill-Istati Membri f'kompiti relatati mar-ritorn. L-ipproċessar ta' dawn id-data jenħtieġ li jitwettaq b'konformità mal-miżuri ta' salvagwardja tal-protezzjoni tad-data previsti fir-Regolament (UE) 2016/1624.
	[1a] Regolament (UE) 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 63/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru2 007/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/267/KE (ĠU L 251, 16.9.2016, p. 1).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tikkorrispondi mar-rwol il-ġdid li assuma l-Eurodac, li jidher fil-paragrafu (b) tal-Artikolu 1. Il-Eurodac issa għandu jassisti fil-kontroll tal-immigrazzjoni illegali u l-moviment sekondarju. Fil-mandat il-ġdid tagħha, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta li nħolqot issa wkoll għandha dan il-kompitu. L-għoti ta' aċċess lill-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta għandu jiżgura li l-potenzjal il-ġdid tal-Eurodac jiġi sfruttat bis-sħiħ.

Emenda 91
Monika Hohlmeier, Heinz K. Becker, Rachida Dati, Brice Hortefeux, Mariya Gabriel

Proposta għal regolament
Premessa 13b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13 b) Bħala wieħed mill-kompiti prinċipali tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil futura, stabbilita f'dan ir-Regolament, hemm it-teħid u t-trażmissjoni tad-data bijometrika. L-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil jenħtieġ li jingħataw interfaċċja proprja sabiex ma jibqgħux dipendenti fuq l-infrastruttura nazzjonali. Fit-tul, dawn l-interfaċċji jistgħu jintużaw bħala interfaċċja tat-tiftix unika, kif deskritt fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' April 2016 intitolata "Sistemi ta' Informazzjoni aktar b'Saħħithom u aktar Intelliġenti għall-Fruntieri u s-Sigurtà"[1a]
	_____
	[1a] COM(2016) 205 final

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha tnaqqas id-dipendenza tal-Aġenzija fuq l-infrastruttura nazzjonali li tista' tkun piż reali għall-ħidma ta' kuljum tal-aġenziji, peress li mhux kull infrastruttura nazzjonali hija tal-ogħla standards.

Emenda 92
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Sistemi ***tal-Informazzjoni*** aktar ***Qawwija*** u aktar Intelliġenti għall-Fruntieri u s-Sigurtà[28] ***tisħaq dwar*** il-ħtieġa li tittejjeb l-	***14. F'konformità mal-Komunikazzjoni*** tal-Kummissjoni dwar Sistemi ***ta' Informazzjoni*** aktar ***b'Saħħithom*** u aktar Intelliġenti għall-Fruntieri u s-Sigurtà[28] ***li enfasizzat*** il-ħtieġa li tittejjeb l-

interoperabbiltà tas-sistemi tal-informazzjoni bħala objettiv fit-tul, kif identifikat ukoll mill-Kunsill Ewropew u mill-Kunsill***. Il-Komunikazzjoni tippproponi li twaqqaf*** Grupp ta' Esperti dwar is-Sistemi tal-Informazzjoni u l-Interoperabbiltà biex tkun ittrattata l-fattibbiltà legali u teknika tal-kisba tal-interoperabbiltà tas-sistemi tal-informazzjoni għall-fruntieri u s-sigurtà***. Dan*** il-grupp ***jinħtieġ li jevalwa n-neċessità*** u l-proporzjonalità biex tiġi stabbilita l-interoperabbiltà ***tas-Sistemi*** tal-Informazzjoni ta' Schengen (***Schengen Information Systems , SIS) u s-Sistemi*** tal-Informazzjoni dwar ***il-Visa (Visa Information Systems,*** VIS)***, u jeżamina jekk hemmx bżonn li jiġi rivedut il-qafas legali għall-aċċess għall-infurzar tal-liġi għall-EURODAC***.

[28] COM(2016) 205 ***finali***

interoperabbiltà tas-sistemi tal-informazzjoni bħala objettiv fit-tul, kif identifikat ukoll mill-Kunsill Ewropew u mill-Kunsill***, il-Kummissjoni stabbiliet*** Grupp ta' Esperti dwar is-Sistemi tal-Informazzjoni u l-Interoperabbiltà biex tkun ittrattata l-fattibbiltà legali u teknika tal-kisba tal-interoperabbiltà tas-sistemi tal-informazzjoni għall-fruntieri u s-sigurtà ***bl-għan prinċipali li tittejjeb il-kwalità tas-servizz li l-bażijiet tad-data tal-UE jfornu lill-utenti tagħhom, bħal aċċess aħjar, aktar sempliċi u aktar rapidu għall-informazzjoni rilevanti kollha li fihom u l-garanzija ta' data ta' kwalità għolja. Għalhekk, dan*** il-grupp ***jenħtieġ li jivvaluta l-ħtieġa*** u l-proporzjonalità biex tiġi stabbilita l-interoperabbiltà ***bejn is-sistemi tal-informazzjoni tal-UE bħas-Sistema*** tal-Informazzjoni ta' Schengen (***SIS) u s-Sistema*** tal-Informazzjoni dwar ***il-Viża (***VIS)***, l-Eurodac u sistemi ġodda ta' informazzjoni rilevanti oħra li qed jiġu żviluppati bħalissa***.

[28] COM(2016) 205 ***final***

Or. en

Emenda 93
Kinga Gál

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Sistemi tal-Informazzjoni aktar ***Qawwija*** u aktar Intelliġenti għall-Fruntieri u s-Sigurtà[28] ***tisħaq dwar il-ħtieġa*** li tittejjeb l-interoperabbiltà tas-sistemi tal-informazzjoni bħala objettiv fit-tul, kif identifikat ukoll mill-Kunsill Ewropew u mill-Kunsill. Il-Komunikazzjoni tippproponi li ***twaqqaf*** Grupp ta' Esperti dwar is-Sistemi tal-Informazzjoni u l-	***14.*** Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Sistemi tal-Informazzjoni aktar ***b'Saħħithom*** u aktar Intelliġenti għall-Fruntieri u s-Sigurtà[28] ***tenfasizza l-ħtieġa*** li tittejjeb l-interoperabbiltà tas-sistemi tal-informazzjoni bħala objettiv fit-tul, kif identifikat ukoll mill-Kunsill Ewropew u mill-Kunsill. Il-Komunikazzjoni tippproponi li ***tistabbilixxi*** Grupp ta' Esperti dwar is-Sistemi tal-Informazzjoni u l-

Interoperabbiltà biex tkun ittrattata l-fattibbiltà legali u teknika tal-kisba tal-interoperabbiltà tas-sistemi tal-informazzjoni ***għall-fruntieri u s-sigurtà. Dan il-grupp jinħtieġ li jevalwa n-neċessità u l-proporzjonalità biex tiġi stabbilita*** l-interoperabbiltà ***tas-Sistemi tal-Informazzjoni*** ta' Schengen (***Schengen Information Systems ,*** SIS) ***u s-Sistemi tal-Informazzjoni dwar il-Visa (Visa Information Systems, VIS*****), u jeżamina jekk hemmx bżonn li jiġi rivedut il-qafas legali għall-aċċess għall-infurzar tal-liġi għall-EURODAC***.	Interoperabbiltà biex tkun ittrattata l-fattibbiltà legali u teknika tal-kisba tal-interoperabbiltà tas-sistemi tal-informazzjoni ***u teżamina jekk hemmx il-ħtieġa ta' reviżjoni tal-qafas legali għall-aċċess għall-infurzar tal-liġi għall-Eurodac. Jenħtieġ li jiġu żviluppati soluzzjonijiet teknoloġiċi sabiex tiġi żgurata*** l-interoperabbiltà ***tal-Eurodac mas-Sistema ta' Informazzjoni*** ta' Schengen (SIS)***, is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS), l-Europol u s-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES*****) sabiex tittejjeb il-kooperazzjoni effettiva fost l-Istati Membri fl-immaniġġjar tal-fruntieri esterni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja***.
[28] COM(2016) 205 ***finali***	[28] COM(2016) 205 ***final***

Or. en

Emenda 94
Gérard Deprez, Petr Ježek, Petr Ježek

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Sistemi tal-Informazzjoni aktar Qawwija u aktar Intelliġenti għall-Fruntieri u s-Sigurtà[28] tisħaq dwar il-ħtieġa li tittejjeb l-interoperabbiltà tas-sistemi tal-informazzjoni bħala objettiv fit-tul, kif identifikat ukoll mill-Kunsill Ewropew u mill-Kunsill. Il-Komunikazzjoni tipproponi li twaqqaf Grupp ta' Esperti dwar is-Sistemi tal-Informazzjoni u l-Interoperabbiltà biex tkun ittrattata l-fattibbiltà legali u teknika tal-kisba tal-interoperabbiltà tas-sistemi tal-informazzjoni għall-fruntieri u s-sigurtà. ***Dan*** il-grupp ***jinħtieġ li*** jevalwa n-neċessità u l-proporzjonalità biex tiġi stabbilita l-interoperabbiltà tas-Sistemi tal-	(14) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Sistemi tal-Informazzjoni aktar Qawwija u aktar Intelliġenti għall-Fruntieri u s-Sigurtà[28] tisħaq dwar il-ħtieġa li tittejjeb l-interoperabbiltà tas-sistemi tal-informazzjoni bħala objettiv fit-tul, kif identifikat ukoll mill-Kunsill Ewropew u mill-Kunsill. Il-Komunikazzjoni tipproponi li twaqqaf Grupp ta' Esperti dwar is-Sistemi tal-Informazzjoni u l-Interoperabbiltà biex tkun ittrattata l-fattibbiltà legali u teknika tal-kisba tal-interoperabbiltà tas-sistemi tal-informazzjoni għall-fruntieri u s-sigurtà. ***Jenħtieġ li dan*** il-grupp jevalwa n-neċessità u l-proporzjonalità biex tiġi stabbilita l-interoperabbiltà tas-Sistemi tal-

Informazzjoni ta' Schengen (Schengen Information Systems , SIS) u s-Sistemi tal-Informazzjoni dwar il-Visa (Visa Information Systems, VIS), u jeżamina jekk hemmx bżonn li jiġi rivedut il-qafas legali għall-aċċess għall-infurzar tal-liġi għall-EURODAC.	Informazzjoni ta' Schengen (Schengen Information Systems , SIS)***, is-Sistema ta' Dħul/Ħrug*** u s-Sistemi tal-Informazzjoni dwar il-Visa (Visa Information Systems, VIS), u jeżamina jekk hemmx bżonn li jiġi rivedut il-qafas legali għall-aċċess għall-infurzar tal-liġi għall-EURODAC.
[28] COM(2016) 205 ***finali***	[28] COM(2016) 205 ***final***

Or. fr

Emenda 95
Gérard Deprez, Petr Ježek, Petr Ježek

Proposta għal regolament
Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a) L-eu-LISA tistabbilixxi mezz sikur ta' komunikazzjoni bejn is-Sistema Ċentrali tal-EES u dik tal-Eurodac biex tippermetti l-interoperabilità bejn iż-żewġ sistemi. Konnessjoni bejn iż-żewġ sistemi hija neċessarja sabiex id-data bijometriċi dwar ċittadin ta' pajjiż terz irreġistrati fl-EES ikunu jistgħu jiġu ttrasferiti lejn il-Eurodac peress li r-reġistrazzjoni ta' dawn id-data bijometriċi hija prevista minn dan ir-Regolament.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

L-EES se jkollha l-objettiv li tirreġistra d-data ta' dħul u ta' ħruġ taċ-ċittadini terzi li jidħlu fiż-żona Schengen għal soġġorn qasir u li tissenjala kull qbiż tas-soġġorn awtorizzat. Ċittadin ta' pajjiż terz wara li jkun qabeż l-iskadenza tas-soġġorn tiegħu jsib ruħu jirrisjedi illegalment u jkollu għalhekk jiġi rreġistrat fil-Eurodac f'konformità mal-Artikolu 14. L-interoperabilità bejn iż-żewġ sistemi tagħmilha possibbli li Stat Membru jevita li jkollu jirriċerka dwar dawn il-persuni fit-territorju tiegħu u d-duplikazzjonijiet.

Emenda 96
Carlos Coelho, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Premessa 14a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	14a. Il-proposta tal-Kummissjoni[1a] li temenda s-SIS fil-qasam tal-kontrolli tal-fruntieri tiftaħ il-possibbiltà li l-użu tat-tiftix bil-marki tas-swaba' fis-SIS jagħmel immedjatament disponibbli l-identità u l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għal deċiżjonijiet ta' ritorn. Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu bl-aktar mod preċiż possibbli l-punti ta' kuntatt li jiġġestixxu t-tqabbil tal-Eurodac u l-punti ta' kuntatt nazzjonali li jiġġestixxu informazzjoni supplementari fis-SIS.
	[1a] COM 2016(882) final

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tirriżulta mill-Premessa 14 u tirreferi għal proposta mressqa wara din ir-riformulazzjoni.

Emenda 97
Monika Hohlmeier, Heinz K. Becker, Rachida Dati, Brice Hortefeux, Mariya Gabriel

Proposta għal regolament
Premessa 14a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	14a. Il-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar is-Sistemi ta' Informazzjoni u l-Interoperabbiltà huwa mistenni li jippreżenta r-riżultati tiegħu fir-rebbiegħa 2017. Dawk ir-riżultati jaf ikunu rilevanti għall-iżvilupp tal-Eurodac. Meta dan ikun il-każ, l-aħjar prerekwiżiti legali u tekniċi possibbli jenħtieġ li jiġu stabbiliti għal interoperabbiltà potenzjali tal-Eurodac ma' sistemi ta' informazzjoni oħra għall-fruntieri u s-sigurtà.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tikkorrispondi mal-premessa l-ġdida nru. 14 tar-riformulazzjoni u tesprimi r-rieda tal-awtur li jistabbilixxi s-sisien legali u tekniċi ta' interoperabbiltà potenzjali tal-Eurodac ma' bażijiet tad-data oħrajn.

Emenda 98
Monika Hohlmeier, Heinz K. Becker, Jeroen Lenaers, Rachida Dati, Brice Hortefeux, Mariya Gabriel, Artis Pabriks

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Huwa essenzjali li, fil-ġlieda kontra r-reati terroristiċi u reati serji oħra, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jkollhom l-informazzjoni l-aktar sħiħa u aġġornata jekk iridu jwettqu l-kompiti tagħhom. L-informazzjoni miżmuma fil-Eurodac hija meħtieġa għall-finijiet tal-prevenzjoni, ***ir-rintraċċar jew l-investigazzjoni*** ta' reati terroristiċi kif imsemmi ***fid-Deċiżjoni*** Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI jew ta' reati serji oħra kif imsemmi fid-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/ĠAI . Għaldaqstant, id-data fil-Eurodac ***għandha*** tkun disponibbli, ***suġġetta*** għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, biex tiġi mqabbla mill-awtoritajiet maħtura tal-Istati Membri u mill-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol).***[29] [30]***	***15.*** Huwa essenzjali li, fil-ġlieda kontra r-reati terroristiċi u reati serji oħra, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jkollhom l-informazzjoni l-aktar sħiħa u aġġornata jekk iridu jwettqu l-kompiti tagħhom. L-informazzjoni miżmuma fil-Eurodac hija meħtieġa għall-finijiet tal-prevenzjoni, ***d-detezzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni*** ta' reati terroristiċi kif imsemmi ***fid-Direttiva (UE) 2017/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni*** Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI ***u temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI]*** jew ta' reati serji oħra kif imsemmi fid-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/ĠAI . Għaldaqstant, id-data fil-Eurodac ***jenħtieġ li*** tkun disponibbli, ***soġġetta*** għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, biex tiġi mqabbla mill-awtoritajiet maħtura tal-Istati Membri u mill-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol).

[29] THIS FOOTNOTE IS MISSING. THANK YOU FOR USING ANOTHER LANGUAGE.

[30] THIS FOOTNOTE IS MISSING. THANK YOU FOR USING ANOTHER LANGUAGE.

Ġustifikazzjoni

Dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Qafas 2002/475/ĠAI ġew integrati fid-direttiva l-ġdida dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu, ivvutata fil-Parlament Ewropew fis-16 ta' Frar 2017.

Emenda 99
Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) It-talbiet għal tqabbil ta' data tal-Eurodac min-naħa tal-Europol ***għandhom ikunu aċċettati*** permessi biss f'każijiet speċifiċi, f'ċirkustanzi speċifiċi u b'kondizzjonijiet stretti.	***19.*** It-talbiet għal tqabbil ta' data tal-Eurodac min-naħa tal-Europol ***jenħtieġ li jiġu*** permessi biss f'każijiet speċifiċi, f'ċirkustanzi speċifiċi u b'kondizzjonijiet stretti***, f'konformità mal-prinċipji ta' neċessità u proporzjonalità minquxa fl-Artikolu 52(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u kif interpretati mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea[1a]***.
	[1a] QtĠ-UE, Kawżi Magħquda C-293/12 u C-594/12, Digital Rights Ireland Ltd u Seitlinger et al., Sentenza tal-Qorti (Awla Manja) tat-8 ta' April 2014. QtĠ-UE, Kawżi Magħquda C-203/15 u C-698/15, Tele2 Sverige AB v. Post-och telestyrelsen u Segretarju tal-Istat għall-Intern v. Tom Watson et al., Sentenza tal-Qorti (Awla Manja) tal-21 ta' Diċembru 2016.

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'konformità mal-Artikolu 104 tar-Regoli ta' Proċedura, din l-emenda hija meħtieġa peress li hija marbuta b'mod intrinsiku mal-emendi l-oħra ammissibli relatati mal-iskopijiet tal-Eurodac (Artikolu 1), li jintroduċu referenzi għall-konformità mal-prinċipji ta' neċessità u proporzjonalità skont l-Artikolu 52(1) tal-Karta u l-ġurisprudenza rilevanti tal-QtĠ-UE.

Emenda 100
Judith Sargentini
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Ladarba l-Eurodac kien oriġinalment stabbilit sabiex jiffaċilita l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Dublin, l-aċċess għall-Eurodac għall-finijiet tal-prevenzjoni, ***ir-rintraċċar*** jew l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew ta' reati serji oħra tikkostitwixxi bidla fl-iskop oriġinali tal-Eurodac, li tinterferixxi ***fid-dritt*** fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata tal-individwi li d-data personali tagħhom tkun ipproċessata fil-Eurodac. F'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 52(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ***kull*** interferenza bħal din għandha tkun konformi mal-liġi, li għandha tkun ifformulata bi preċiżjoni suffiċjenti sabiex tippermetti lill-individwi ***li*** jaġġustaw il-kondotta tagħhom u li għandha tipproteġi lill-individwi ***kontra l-arbitrarjetà*** u tindika b'ċarezza suffiċjenti l-marġini ta' diskrezzjoni mogħtija lill-awtoritajiet kompetenti u l-mod tal-eżerċizzju tagħha. Kull interferenza ***għandha*** tkun meħtieġa ***biex b'mod ġenwin tilhaq għan ta'*** interess ***ġenerali u proporzjonata*** għall-għan leġittimu li hija timmira li tikseb.	***20.*** Ladarba l-Eurodac kien oriġinalment stabbilit sabiex jiffaċilita l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Dublin, l-aċċess għall-Eurodac għall-finijiet tal-prevenzjoni, ***id-detezzjoni*** jew l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew ta' reati serji oħra tikkostitwixxi bidla fl-iskop oriġinali tal-Eurodac, li tinterferixxi ***mad-dritt*** fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata tal-individwi li d-data personali tagħhom tkun ipproċessata fil-Eurodac. F'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 52(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ***kwalunkwe*** interferenza bħal din għandha tkun konformi mal-liġi, li għandha tkun ifformulata bi preċiżjoni suffiċjenti sabiex tippermetti lill-individwi jaġġustaw il-kondotta tagħhom u li għandha tipproteġi lill-individwi ***mill-arbitrarjetà*** u tindika b'ċarezza suffiċjenti l-marġini ta' diskrezzjoni mogħtija lill-awtoritajiet kompetenti u l-mod tal-eżerċizzju tagħha. Kull interferenza ***jenħtieġ li*** tkun meħtieġa ***f'soċjetà demokratika sabiex tipproteġi*** interess ***leġittimu u proporzjonat u proporzjonali*** għall-għan leġittimu li hija timmira li tikseb.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Kummissjoni ħassret id-diċitura standard mill-Artikolu 8 tal-KEDB fil-proposta tagħha. Din l-emenda żżomm dik id-diċitura, kif minquxa fil-KEDB u kif interpretata fil-ġurisprudenza tal-QtĠ-UE.

Emenda 101
Monika Hohlmeier, Heinz K. Becker, Jeroen Lenaers, Rachida Dati, Artis Pabriks, Jeroen Lenaers, Artis Pabriks

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Ladarba l-Eurodac kien oriġinalment stabbilit sabiex jiffaċilita l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Dublin, l-aċċess għall-Eurodac għall-finijiet tal-prevenzjoni, ***ir-rintraċċar jew l-investigazzjoni*** ta' reati terroristiċi jew ta' reati serji oħra tikkostitwixxi ***bidla*** fl-iskop oriġinali tal-Eurodac***, li tinterferixxi fid-dritt*** fundamentali ***għar-rispett*** tal-ħajja privata tal-individwi li d-data personali tagħhom ***tkun ipproċessata*** fil-Eurodac***. F'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 52(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kull interferenza bħal din għandha*** tkun konformi mal-liġi, li ***għandha*** tkun ifformulata bi preċiżjoni suffiċjenti sabiex tippermetti lill-individwi ***li*** jaġġustaw il-kondotta tagħhom u li għandha tipproteġi lill-individwi kontra l-arbitrarjetà u tindika b'ċarezza suffiċjenti l-marġini ta' diskrezzjoni mogħtija lill-awtoritajiet kompetenti u l-mod tal-eżerċizzju tagħha. ***Kull*** interferenza ***għandha*** tkun meħtieġa ***biex b'mod ġenwin*** tilħaq għan ta' interess ġenerali u proporzjonata għall-għan leġittimu li hija timmira li tikseb.	***20.*** Ladarba l-Eurodac kien oriġinalment stabbilit sabiex jiffaċilita l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Dublin, l-aċċess għall-Eurodac għall-finijiet tal-prevenzjoni, ***id-detezzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni*** ta' reati terroristiċi jew ta' reati serji oħra tikkostitwixxi ***żvilupp ulterjuri*** fl-iskop oriġinali tal-Eurodac***. F'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 52(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kwalunkwe interferenza mad-dritt*** fundamentali ***tar-rispett*** tal-ħajja privata tal-individwi li d-data personali tagħhom ***jkunu proċessati*** fil-Eurodac ***trid*** tkun konformi mal-liġi, li ***trid*** tkun ifformulata bi preċiżjoni suffiċjenti sabiex tippermetti lill-individwi jaġġustaw il-kondotta tagħhom u li għandha tipproteġi lill-individwi kontra l-arbitrarjetà u tindika b'ċarezza suffiċjenti l-marġini ta' diskrezzjoni mogħtija lill-awtoritajiet kompetenti u l-mod tal-eżerċizzju tagħha. ***Kwalunkwe*** interferenza ***trid*** tkun meħtieġa ***biex ġenwinament*** tilħaq għan ta' interess ġenerali u proporzjonata għall-għan leġittimu li hija timmira li tikseb.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija marbuta mal-Emenda lill-Artikolu 1(1)(c).

Emenda 102
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll il-kundizzjonijiet li taħthom għandhom jiġu permessi talbiet għat-tqabbil ta' data ***ta' marki tas-swaba'*** mad-data tal-Eurodac għall-finijiet tal-	***22.*** Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll il-kundizzjonijiet li taħthom għandhom jiġu permessi talbiet għat-tqabbil ta' data ***tal-marki tas-swaba', ta' xbiha tal-wiċċ u data alfanumerika***

prevenzjoni, ***ir-rintraċċar*** jew l-investigazzjoni ta’ reati terroristiċi jew reati serji oħra u s-salvagwardji meħtieġa biex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-dritt fundamentali tar-rispett għall-ħajja privata tal-individwi li tiġi pproċessata d-data personali tagħhom fil-Eurodac. Ir-rigorożità ta’ dawk il-kundizzjonijiet tirrifletti l-fatt li l-bażi tad-data tal-Eurodac tirreġistra data ta’ marki tas-swaba’ ta’ persuni li ma jkunux preżunti li kkommettew reat serju ***jew reat marbut mat-terroriżmu***.	mad-data tal-Eurodac għall-finijiet tal-prevenzjoni, ***id-detezzjoni*** jew l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew reati serji oħra u s-salvagwardji meħtieġa biex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-dritt fundamentali tar-rispett għall-ħajja privata tal-individwi li tiġi pproċessata d-data personali tagħhom fil-Eurodac. Ir-rigorożità ta' dawk il-kundizzjonijiet tirrifletti l-fatt li l-bażi tad-data tal-Eurodac tirreġistra data ta' marki tas-swaba'***, ta' xbiha tal-wiċċ u data alfanumerika*** ta' persuni li ma jkunux preżunti li kkommettew reat ***marbut mat-terroriżmu jew reat*** serju***. Minkejja li paraguni bbażati fuq data tal-marki tas-swaba' u tax-xbiha ta-lwiċċ jirriżultaw f'riżultati ta' tiftix ta' preċiżjoni akbar, huwa rikonoxxut li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-Europol mhux dejjem ikollhom fil-pussess tagħhom id-data tal-marki tas-swaba' u tax-xbiha tal-wiċċ tal-persuni suspettati u tal-vittmi li l-każijiet tagħhom ikunu qed jinvestigaw, u dan jista' jtellef mill-abbiltà tagħhom li jqabblu l-marki tas-swaba' u x-xbihat tal-wiċċ f'bażijiet tad-data bħall-Eurodac. Sabiex isir kontribut ulterjuri għall-investigazzjonijiet ta' dawk l-awtoritajiet u tal-Europol, jenħtieġ li f'tali każijiet tiftixiet ibbażati fuq data alfanumerika jiġu permessi fil-Eurodac, b'mod partikolari meta dawk l-awtoritajiet u l-Europol ikollhom fil-pussess tagħhom provi dwar il-persuna suspettata kriminalment jew id-dettalji personali jew id-dokumenti tal-identità tal-vittma***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Under the proposal, national law enforcement authorities and Europol cannot request comparison with specific alphanumeric data, which is highly detrimental to investigations, especially in the counter-terrorism field, trying to establish the places and dates of entry in the EU of suspects for which a used identity is known, but no fingerprint is available. In this context, and given that Art.1.1(c) of the proposal, extends its scope of Eurodac to law enforcement purposes, it would be essential for national law enforcement authorities and Europol to have access to all data contained in Eurodac in order to properly carry out their tasks.

Emenda 103
Gérard Deprez, Louis Michel, Petr Ježek

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Sabiex jiġi żgurat trattament ugwali għall-applikanti kollha u għall-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali, kif ukoll sabiex tiġi żgurata konsistenza mal-acquis attwali tal-UE dwar ***l-ażil***, b'mod partikolari mad-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***u r-Regolament*** (UE) Nru […/…] dan ir-Regolament jinkludi applikanti għal protezzjoni sussidjarja u persuni li huma eliġibbli għal protezzjoni ***sussidjarja fl-iskop tiegħu*** .[32]	(23) Sabiex jiġi żgurat trattament ugwali għall-applikanti kollha u għall-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali, kif ukoll sabiex tiġi żgurata konsistenza mal-acquis attwali tal-UE dwar ***l-asil***, b'mod partikolari mad-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[32], mar-Regolament XXX/XXX li jistabbilixxi Qafas ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni, kif ukoll mar-REgolament*** (UE) Nru […/…]**,** dan ir-Regolament ***fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu*** jinkludi applikanti għal protezzjoni sussidjarja u persuni li huma eliġibbli ***għall-protezzjoni sussidjarja kif ukoll il-persuni li huma eliġibbli*** għal protezzjoni ***internazzjonali skont ir-risistemazzjoni f'konformità mar-Regolament XXX/XXX***.
[32] ***THIS FOOTNOTE IS MISSING. THANK YOU FOR USING ANOTHER LANGUAGE***.	***[32] Id-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-rifuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU L 337, 20.12.2011, p. 9)***.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Riformulazzjoni: din l-emenda għandha l-għan li żżid referenza għar-regolament futur li jistabbilixxi qafas tal-Unjoni għar-risistemazzjoni billi tipproponi li fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Eurodac jiddaħħlu l-persuni li għalihom l-Istati Membri bi ħsiebhom jesegwixxu proċedura ta' risistemazzjoni f'konformità ma' dak ir-Regolament.

Emenda 104
Gérard Deprez, Louis Michel, Gérard Deprez

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Hemm bżonn ukoll li l-Istati Membri jkunu mitluba ***li*** jieħdu u jittrażmettu fil-pront id-data ***dwar il-marki tas-swaba'*** ta' kull applikant għall-protezzjoni internazzjonali u ta' kull ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li jinqabdu b'konnessjoni ma' qsim irregolari ta' fruntieri esterni ta' Stat Membru jew jekk jinstabu li qed jirrisjedu illegalment fi Stat Membru , jekk ikunu minn sitt snin 'il fuq .	(24) Hemm bżonn ukoll li l-Istati Membri jkunu mitluba jieħdu u jittrażmettu fil-pront id-data ***bijometriċi*** ta' kull applikant għall-protezzjoni internazzjonali***, ta' kull ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li għalihom l-Istati Membri jkunu bi ħsiebhom jesegwixxu proċedura ta' risistemazzjoni b'konformita mar-Regolament XXX/XXX*** u ta' kull ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li jinqabdu b'konnessjoni ma' qsim irregolari ta' fruntieri esterni ta' Stat Membru jew jekk jinstabu li qed jirrisjedu illegalment fi Stat Membru , jekk ikunu minn sitt snin 'il fuq .

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Riformulazzjoni: din l-emenda għandha l-għan li tagħmel referenza għall-persuni li għalihom l-Istati Membri bi ħsiebhom jesegwixxu proċedura ta' risistemazzjoni peress li qed jiġi propost li dawn il-persuni jiddaħħlu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Emenda 105
Judith Sargentini
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Hemm bżonn ukoll li l-Istati Membri jkunu mitluba li jieħdu u jittrażmettu fil-pront id-data dwar il-marki tas-swaba' ta' kull applikant għall-protezzjoni internazzjonali u ta' kull ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida	***24.*** Hemm bżonn ukoll li l-Istati Membri jkunu mitluba li jieħdu u jittrażmettu fil-pront id-data dwar il-marki tas-swaba' ta' kull applikant għall-protezzjoni internazzjonali u ta' kull ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna

li jinqabdu b'konnessjoni ma' qsim irregolari ta' fruntieri esterni ta' Stat Membru ***jew jekk jinstabu li qed jirrisjedu illegalment fi Stat Membru , jekk ikunu minn*** sitt snin ‘il fuq .	apolida li jinqabdu b'konnessjoni ma' qsim irregolari ta' fruntieri esterni ta' Stat Membru***, jekk ikollhom minn*** sitt snin 'il fuq.

Or. en

Emenda 106
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Hemm bżonn ukoll li l-Istati Membri ***jkunu mitluba li*** jieħdu u jittrażmettu fil-pront id-data dwar il-marki tas-swaba’ ta' kull applikant għall-protezzjoni internazzjonali u ta' kull ċittadin ta’ pajjiż terz jew persuna apolida li ***jinqabdu*** b'konnessjoni ma' qsim irregolari ta' fruntieri esterni ta' Stat Membru jew jekk ***jinstabu*** li qed ***jirrisjedu*** illegalment fi Stat Membru ***, jekk ikunu minn*** sitt snin ‘il fuq .	***24.*** Hemm bżonn ukoll li l-Istati Membri ***jintalbu*** jieħdu u jittrażmettu fil-pront id-data dwar il-marki tas-swaba' ***u dwar ix-xbiha tal-wiċċ*** ta' kull applikant għall-protezzjoni internazzjonali u ta' kull ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li ***jinqabad*** b'konnessjoni ma' qsim irregolari ta' fruntieri esterni ta' Stat Membru jew jekk ***jinstab*** li qed ***jirrisjedi*** illegalment fi Stat Membru***, jekk ikollu minn*** sitt snin ‘il fuq.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Korrezzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni li ma żżidx fil-postijiet kollha meħtieġa kemm "il-marki tas-swaba" kif ukoll "ix-xbiha tal-wiċċ", b'dan konformi mal-obbligu ġenerali tat-teħid tal-marki tas-swaba' u x-xbiha tal-wiċċ kif imsemmi fl-Artikolu 2.

Emenda 107
Judith Sargentini
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Fid-dawl tat-tisħiħ tal-protezzjoni ***ta’*** minuri mhux akkumpanjati li għadhom	***25.*** Fid-dawl tat-tisħiħ tal-protezzjoni ***tat-tfal migranti u rifuġjati, fosthom***

ma applikawx għal protezzjoni internazzjonali u dawk it-tfal li ***jistgħu*** jiġu separati mill-familji tagħhom, huwa meħtieġ ukoll li jittieħdu marki tas-swaba' u xbiha tal-wiċċ għall-ħażna fis-Sistema Ċentrali biex jgħinu jistabbilixxu l-identità ***tat-tfal*** u jassistu lill-Istat Membru biex jitraċċa ***kull rabta jew familjari*** li jista' jkollhom ma' Stat Membru ieħor. Li jiġu stabbiliti rabtiet familjari huwa ***elementi*** ewlieni ***fir-restawrar ta' unità*** familjari u jrid ikun marbut mill-qrib mad-determinazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal u eventwalment ***tad-determinazzjoni*** ta' soluzzjoni fit-tul.

minuri mhux akkumpanjati li għadhom ma applikawx għal protezzjoni internazzjonali u dawk it-tfal li ***jaf*** jiġu separati mill-familji tagħhom, huwa meħtieġ ukoll li jittieħdu marki tas-swaba' u xbiha tal-wiċċ għall-ħażna fis-Sistema Ċentrali ***sakemm jilħqu l-età ta' 18*** biex jgħinu ***biex*** jistabbilixxu l-identità ***tagħhom*** u jassistu lill-Istat Membru biex jitraċċa ***kwalunkwe familja jew rabta*** li jista' jkollhom ma' Stat Membru ieħor. ***Id-data tal-marki tas-swaba' u tax-xbiha tal-wiċċ jenħtieġ li jittieħdu għal dan l-iskop espliċitu, u jenħtieġ li jiġu pproċessati u użati kif jixraq.*** Li jiġu stabbiliti rabtiet familjari huwa ***element*** ewlieni ***fir-restawr tal-unità*** familjari u jrid ikun marbut mill-qrib mad-determinazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal u eventwalment ***mad-determinazzjoni*** ta' soluzzjoni fit-tul. ***Proċeduri ta' identifikazzjoni mtejba għat-tfal nieqsa se jgħinu lill-Istati Membri jiggarantixxu li l-protezzjoni xierqa tat-tfal tiġi żgurata. Għal dan l-għan, malli l-Istati Membri jidentifikaw tfal nieqsa jew tfal li jkunu vittmi ta' kriminalità, jenħtieġ li minnufih jikkuntattjaw lill-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tat-tfal u jwettqu valutazzjoni tal-ħtiġijiet bil-ħsieb li tinstab soluzzjoni dejjiema għat-tifel/tifla skont l-aħjar interessi tiegħu jew tagħha.***

Or. en

Emenda 108
Fabio Massimo Castaldo, Laura Ferrara, Ignazio Corrao

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Fid-dawl tat-tisħiħ tal-protezzjoni ta' minuri mhux akkumpanjati li għadhom ma applikawx għal protezzjoni internazzjonali u dawk it-tfal li jistgħu jiġu separati mill-familji tagħhom, huwa meħtieġ ukoll li jittieħdu marki tas-swaba' u xbiha tal-wiċċ għall-ħażna fis-Sistema	(25) Fid-dawl tat-tisħiħ tal-protezzjoni ta' minuri mhux akkumpanjati li għadhom ma applikawx għal protezzjoni internazzjonali u dawk it-tfal li jistgħu jiġu separati mill-familji tagħhom, huwa meħtieġ ukoll li jittieħdu marki tas-swaba' u xbiha tal-wiċċ għall-ħażna fis-Sistema

Ċentrali biex jgħinu jistabbilixxu l-identità tat-tfal u jassistu lill-Istat Membru biex jitraċċa kull rabta jew familjari li jista' jkollhom ma' Stat Membru ieħor. Li jiġu stabbiliti rabtiet familjari huwa elementi ewlieni fir-restawrar ta' unità familjari u jrid ikun marbut mill-qrib mad-determinazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal u eventwalment tad-determinazzjoni ta' soluzzjoni fit-tul.	Ċentrali biex jgħinu jistabbilixxu l-identità tat-tfal u jassistu lill-Istat Membru biex jitraċċa kull rabta jew familjari li jista' jkollhom ma' Stat Membru ieħor. Li jiġu stabbiliti rabtiet familjari huwa elementi ewlieni fir-restawrar ta' unità familjari u jrid ikun marbut mill-qrib mad-determinazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal u eventwalment tad-determinazzjoni ta' soluzzjoni fit-tul. ***L-operazzjonijiet kollha jridu jitwettqu min-naħa tal-Istati Membri b'rispett għall-prinċipji stabbiliti fil-Konvenzjoni tan-NU tal-1989 dwar id-Drittijiet tat-Tfal.***
	Or. it

Emenda 109
Gérard Deprez, Louis Michel, Hilde Vautmans, Petr Ježek

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) ***Fid-dawl*** tat-tisħiħ tal-protezzjoni ta' minuri mhux akkumpanjati li għadhom ma applikawx għal protezzjoni internazzjonali u dawk it-tfal li jistgħu jiġu separati mill-familji tagħhom, huwa meħtieġ ukoll li jittieħdu marki tas-swaba' u xbiha tal-wiċċ għall-ħażna fis-Sistema Ċentrali biex jgħinu jistabbilixxu l-identità tat-tfal u jassistu lill-Istat Membru biex jitraċċa kull rabta jew familjari li jista' jkollhom ma' Stat Membru ieħor. Li jiġu stabbiliti rabtiet familjari huwa elementi ewlieni fir-restawrar ta' unità familjari u jrid ikun marbut mill-qrib mad-determinazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal u eventwalment tad-determinazzjoni ta' soluzzjoni fit-tul.	(25) ***Sabiex jiġu protetti u identifikati t-tfal vittma tat-traffikar tal-persuni, ta' telf jew ta' sekwestru u fid-dawl*** tat-tisħiħ tal-protezzjoni ta' minuri mhux akkumpanjati li għadhom ma applikawx għal protezzjoni internazzjonali u dawk it-tfal li jistgħu jiġu separati mill-familji tagħhom, huwa meħtieġ ukoll li jittieħdu marki tas-swaba' u xbiha tal-wiċċ għall-ħażna fis-Sistema Ċentrali biex jgħinu jistabbilixxu l-identità tat-tfal u jassistu lill-Istat Membru biex jitraċċa kull rabta jew familjari li jista' jkollhom ma' Stat Membru ieħor. Li jiġu stabbiliti rabtiet familjari huwa elementi ewlieni fir-restawrar ta' unità familjari u jrid ikun marbut mill-qrib mad-determinazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal u eventwalment tad-determinazzjoni ta' soluzzjoni fit-tul.
	Or. fr

Emenda 110
Judith Sargentini
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) L-aħjar interessi tat-tfal ***jinħtieġ li jkunu konsiderazzjoni*** primarja għall-Istati Membri meta japplikaw dan ir-Regolament. Meta l-Istat Membru rikjedenti jistabbilixxi li d-data tal-Eurodac tkun relatata ma' ***minorenni***, din id-data tista' tintuża biss għall-finijiet ***tal-infurzar tal-liġi mill-Istat Membru rikjedenti skont il-liġijiet ta' dan l-Istat applikabbli għal minorenni u skont l-obbligu li tingħata konsiderazzjoni primarja fl-aħjar interessi tat-tfal***.	***26.*** L-aħjar interessi tat-tfal ***għandhom ikunu kunsiderazzjoni*** primarja għall-Istati Membri meta japplikaw dan ir-Regolament. Meta l-Istat Membru rikjedenti jistabbilixxi li d-data tal-Eurodac tkun relatata ma' ***minuri***, din id-data tista' tintuża biss għall-finijiet ***relatati mal-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-investigazzjoni tat-traffikar tat-tfal u għall-protezzjoni tat-tfal nieqsa***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandha tintuża t-terminoloġija korretta tal-Artikolu 3.1 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal tan-NU: L-Artikolku 3.1 tal-UN CRC jgħid hekk: "Fl-azzjonijiet kollha li jirrigwardaw it-tfal, kemm jekk meħuda minn istituzzjonijiet ta' għajnuna soċjali pubbliċi jew privati, qrati tal-liġi, awtoritajiet amministrattivi jew korpi leġiżlattivi, l-aħjar interessi tat-tfal għandhom jitqiesu tal-ewwel".

Emenda 111
Sylvia-Yvonne Kaufmann, Josef Weidenholzer, Vilija Blinkevičiūtė, Péter Niedermüller, Kati Piri, Maria Grapini, Juan Fernando López Aguilar, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) L-aħjar interessi ***tat-tfal jinħtieġ*** li jkunu ***konsiderazzjoni*** primarja għall-Istati Membri meta japplikaw dan ir-Regolament. Meta l-Istat Membru rikjedenti jistabbilixxi li d-data tal-Eurodac tkun relatata ***ma' minorenni***, din id-data tista' tintuża biss għall-finijiet ***tal-infurzar tal-liġi mill-Istat Membru rikjedenti skont***	***26.*** L-aħjar interessi ***tal-minuri jenħtieġ*** li jkunu ***kunsiderazzjoni*** primarja għall-Istati Membri meta japplikaw dan ir-Regolament. Meta l-Istat Membru rikjedenti jistabbilixxi li d-data tal-Eurodac tkun relatata ***mat-tfal***, din id-data tista' tintuża biss għall-finijiet ***relatati mal-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-***

il-liġijiet ta' dan l-Istat applikabbli għal minorenni u skont l-obbligu li tingħata konsiderazzjoni primarja fl-aħjar interessi tat-tfal.	***investigazzjoni tat-traffikar tat-tfal u għall-protezzjoni tat-tfal nieqsa u għat-teħid ta' miżuri għat-traċċar u r-riunifikazzjoni tal-familji.***

Or. en

Emenda 112
Anna Maria Corazza Bildt, Damiano Zoffoli, Barbara Matera, Petras Auštrevičius, Carlos Coelho, Hilde Vautmans

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) L-aħjar interessi tat-tfal jinħtieġ li jkunu konsiderazzjoni primarja għall-Istati Membri meta japplikaw dan ir-Regolament. Meta l-Istat Membru rikjedenti jistabbilixxi li d-data tal-Eurodac tkun relatata ma' minorenni, din id-data tista' tintuża biss għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi ***mill-Istat Membru rikjedenti*** skont il-liġijiet ta' dan l-Istat applikabbli għal minorenni u ***skont*** l-obbligu li tingħata konsiderazzjoni primarja fl-aħjar interessi tat-tfal.	(26) L-aħjar interessi tat-tfal jinħtieġ li jkunu konsiderazzjoni primarja għall-Istati Membri meta japplikaw dan ir-Regolament. Meta l-Istat Membru rikjedenti jistabbilixxi li d-data tal-Eurodac tkun relatata ma' minorenni, din id-data tista' tintuża biss għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi***, sabiex jiġi żgurat l-aċċess għas-sistemi ta' protezzjoni u ta' traċċar tat-tfal neqsin*** skont il-liġijiet ta' dan l-Istat applikabbli għal minorenni u l-obbligu li tingħata konsiderazzjoni primarja fl-aħjar interessi tat-tfal.

Or. en

Emenda 113
Judith Sargentini
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Hemm bżonn li jkunu preskritti regoli preċiżi għat-trażmissjoni ta' dik id-data dwar marki tas-swaba' ***u x-xbiha tal-wiċċ*** lis-Sistema Ċentrali, ir-reġistrar ta' dik id-data dwar marki tas-swaba' u x-xbiha tal-wiċċ u ta' informazzjoni	(27) Hemm bżonn li jkunu preskritti regoli preċiżi għat-trażmissjoni ta' dik id-data dwar marki tas-swaba'***, data dwar ix-xbiha tal-wiċċ jew it-tnejn li huma*** lis-Sistema Ċentrali, ir-reġistrar ta' dik id-data dwar marki tas-swaba' u x-xbiha tal-wiċċ u

personali rilevanti oħra fis-Sistema Ċentrali, il-ħażna tagħhom, it-tqabbil ma' data dwar marki tas-swaba' oħra ***u x-xbiha tal-wiċċ*** , it-trażmissjoni tar-riżultati ta' dak it-tqabbil u l-immarkar u t-tħassir tad-data rreġistrata. Dawn ir-regoli jistgħu jvarjaw skont is-sitwazzjoni ta' kategoriji differenti ta' ċittadini ta' pajjiż terz jew persuni apolidi, u għandhom ikunu adattati speċifikament għaliha.

ta' informazzjoni personali rilevanti oħra fis-Sistema Ċentrali, il-ħażna tagħhom, it-tqabbil ***tagħhom*** ma' data dwar marki tas-swaba' oħra***, data dwar ix-xbiha tal-wiċċ jew it-tnejn li huma***, it-trażmissjoni tar-riżultati ta' dak it-tqabbil u l-immarkar u t-tħassir tad-data rreġistrata. Dawn ir-regoli jistgħu jvarjaw skont is-sitwazzjoni ta' kategoriji differenti ta' ċittadini ta' pajjiż terz jew persuni apolidi, u għandhom ikunu adattati speċifikament għaliha.

Or. en

Emenda 114
Judith Sargentini
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) L-Istati Membri għandhom jiżguraw it-trażmissjoni tad-data tal-marki tas-swaba' ***u xbiha tal-wiċċ*** fi kwalità xierqa għall-iskop ta' tqabbil permezz tas-sistema kompjuterizzata ta' rikonoxximent tal-marki tas-swaba' u x-xbiha tal-wiċċ . L-awtoritajiet kollha bi dritt ta' aċċess għall-Eurodac għandhom jinvestu f'taħriġ adegwat u fit-tagħmir teknoloġiku meħtieġ. L-awtoritajiet bi dritt ta' aċċess għall-Eurodac għandhom jinfurmaw lill-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà sigurtà u ġustizzja stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[33] ("eu-LISA") dwar diffikultajiet speċifiċi fir-rigward tal-kwalità tad-data, sabiex tinstab soluzzjoni għalihom.	(28) L-Istati Membri għandhom jiżguraw it-trażmissjoni tad-data tal-marki tas-swaba'***, id-data dwar ix-xbiha tal-wiċċ jew it-tnejn li huma*** fi kwalità xierqa għall-iskop ta' tqabbil permezz tas-sistema kompjuterizzata ta' rikonoxximent tal-marki tas-swaba' u x-xbiha tal-wiċċ . L-awtoritajiet kollha bi dritt ta' aċċess għall-Eurodac għandhom jinvestu f'taħriġ adegwat u fit-tagħmir teknoloġiku meħtieġ. L-awtoritajiet bi dritt ta' aċċess għall-Eurodac għandhom jinfurmaw lill-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà sigurtà u ġustizzja stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[33] ("eu-LISA") dwar diffikultajiet speċifiċi fir-rigward tal-kwalità tad-data, sabiex tinstab soluzzjoni għalihom.

[33] Ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u

[33] Ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u

ġustizzja (ĠU L 286, 1.11.2011, p. 1).

ġustizzja (ĠU L 286, 1.11.2011, p. 1).

Or. en

Emenda 115
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) L-Istati Membri għandhom jiżguraw it-trażmissjoni tad-data tal-marki tas-swaba' u xbiha tal-wiċċ fi kwalità xierqa għall-iskop ta' tqabbil permezz tas-sistema kompjuterizzata ta' rikonoxximent tal-marki tas-swaba' u x-xbiha tal-wiċċ . L-awtoritajiet kollha bi dritt ta' aċċess għall-Eurodac għandhom jinvestu f'taħriġ adegwat u fit-tagħmir teknoloġiku meħtieġ. L-awtoritajiet bi dritt ta' aċċess għall-Eurodac għandhom jinfurmaw lill-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà sigurtà u ġustizzja stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[33] ("eu-LISA") dwar diffikultajiet speċifiċi fir-rigward tal-kwalità tad-data, sabiex tinstab soluzzjoni għalihom.	(28) L-Istati Membri għandhom jiżguraw it-trażmissjoni tad-data tal-marki tas-swaba' u xbiha tal-wiċċ fi kwalità xierqa għall-iskop ta' tqabbil permezz tas-sistema kompjuterizzata ta' rikonoxximent tal-marki tas-swaba' u x-xbiha tal-wiċċ . L-awtoritajiet kollha bi dritt ta' aċċess għall-Eurodac għandhom jinvestu f'taħriġ adegwat u fit-tagħmir teknoloġiku meħtieġ. L-awtoritajiet bi dritt ta' aċċess għall-Eurodac għandhom jinfurmaw lill-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà sigurtà u ġustizzja stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[33] (***minn hawn 'il quddiem*** "eu-LISA") dwar diffikultajiet speċifiċi fir-rigward tal-kwalità tad-data, sabiex tinstab soluzzjoni għalihom ***u jiġu promossi standards komuni***.
[33] Ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (ĠU L 286, 1.11.2011, p. 1).	[33] Ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (ĠU L 286, 1.11.2011, p. 1).

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Sabiex ikunu effikaċji, il-produzzjoni u t-trażmissjoni tad-data mill-Istati Membri għandhom jiġu armonizzati. L-iskambji ta' esperjenzi, għalhekk, għandhom joffru okkażjoni biex l-eu-Lisa tipproduċi u tippromwovi standards komuni.

Emenda 116
Judith Sargentini
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) Il-fatt li jkun temporanjament jew permanentement impossibbli li tittieħed u / jew tiġi trażmessa data tal-marki tas-swaba' ***u x-xbiha tal-wiċċ*** minħabba raġunijiet bħall-kwalità insuffiċjenti tad-data għal tqabbil xieraq, problemi tekniċi, raġunijiet marbuta mal-ħarsien tas-saħħa jew minħabba li s-suġġett tad-data ma jkunx f'qagħda jew ma jkollux il-ħila li jitteħdulu l-marki tas-swaba' u x-xbiha tal-wiċċ minħabba ċirkostanzi barra mill-kontroll tiegħu, ma għandhiex taffettwa b'mod negattiv l-eżami ta', jew id-deċiżjoni dwar, l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ppreżentata minn dik il-persuna.	(29) Il-fatt li jkun temporanjament jew permanentement impossibbli li tittieħed u / jew tiġi trażmessa data tal-marki tas-swaba'***, data dwar ix-xbiha tal-wiċċ jew it-tnejn li huma,*** minħabba raġunijiet bħall-kwalità insuffiċjenti tad-data għal tqabbil xieraq, problemi tekniċi, raġunijiet marbuta mal-ħarsien tas-saħħa jew minħabba li s-suġġett tad-data ma jkunx f'qagħda jew ma jkollux il-ħila li jitteħdulu l-marki tas-swaba' u x-xbiha tal-wiċċ minħabba ċirkostanzi barra mill-kontroll tiegħu, ma għandhiex taffettwa b'mod negattiv l-eżami ta', jew id-deċiżjoni dwar, l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ppreżentata minn dik il-persuna.

Or. en

Emenda 117
Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) L-Istati Membri ***jinħtieġ li jirreferu għad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar l-Implimentazzjoni tar-Regolament Eurodac rigward l-obbligi li jittieħdu*** l-marki tas-swaba' ***adottat mill-Kunsill fl-20 ta' Lulju 2015[34] , li jistabbilixxi l-istrateġija dwar l-aħjar prattiki biex jittieħdu l-marki tas-swaba' ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi irregolari***. Meta l-liġi nazzjonali ta' Stat Membru	(30) L-Istati Membri ***għandhom japplikaw il-linji gwida li għandhom jiġu stabbiliti u monitorjati, b'mod konġunt, mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil u mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) għal prattika komuni li tieħu*** l-marki tas-swaba' ***u l-immaġni tax-xbiha tal-wiċċ ta' ċittadini irregolari ta' pajjiżi terzi f'konformità mal-Karta tad-Drittijiet***

tippermetti ***għat-teħid*** tal-marki tas-swaba' bil-forza bħala l-aħħar miżura, dawn il-miżuri jridu jirrispettaw bis-sħiħ il-Karta tal-UE dwar id-Drittijiet Fundamentali. Ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu meqjusa persuni vulnerabbli u minuri ma għandhomx jiġu furzati jagħtu l-marki tas-swaba' jew ix-xbiha tal-wiċċ, ħlief f'ċirkostanzi ġustifikati li huma permessi skont il-liġi nazzjonali.

Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li tibni fuq il-Lista ta' Kontroll 2015 tal-FRA[1a]. Meta l-liġi nazzjonali ta' Stat Membru tippermetti ***t-teħid*** tal-marki tas-swaba' bil-forza bħala l-aħħar miżura, dawn il-miżuri jridu jirrispettaw bis-sħiħ il-Karta tal-UE dwar id-Drittijiet Fundamentali. Ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu meqjusa persuni vulnerabbli u minuri ma għandhomx jiġu furzati jagħtu l-marki tas-swaba' jew ix-xbiha tal-wiċċ, ħlief f'ċirkostanzi ġustifikati li huma permessi skont il-liġi nazzjonali.

_____

_____

[1a] Lista ta' Kontroll tal-FRA sabiex ikun hemm konformità mad-drittijiet fundamentali meta jittieħdu l-marki tas-swaba' għall-Eurodac, 2015 http://fra.europa.eu/en/publication/2015/fundamental-rights-implications-obligation-provide-fingerprints-eurodac#checklist

[34] COM(2015) 150 final, 27.5.2015

Or. en

Emenda 118
Judith Sargentini
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) L-Istati Membri jinħtieġ li jirreferu għad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar l-Implimentazzjoni tar-Regolament Eurodac rigward l-obbligi li jittieħdu l-marki tas-swaba' adottat mill-Kunsill fl-20 ta' Lulju 2015[34] , li jistabbilixxi l-istrateġija dwar l-aħjar prattiki biex jittieħdu l-marki tas-swaba' ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi irregolari. Meta l-liġi nazzjonali ta' Stat Membru tippermetti għat-teħid tal-marki tas-swaba' bil-forza bħala l-aħħar miżura, dawn il-miżuri jridu	(30) L-Istati Membri jinħtieġ li jirreferu għad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar l-Implimentazzjoni tar-Regolament Eurodac rigward l-obbligi li jittieħdu l-marki tas-swaba' adottat mill-Kunsill fl-20 ta' Lulju 2015[34], li jistabbilixxi l-istrateġija dwar l-aħjar prattiki biex jittieħdu l-marki tas-swaba' ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi irregolari. ***Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jirreferu għal-linji gwida stabbiliti mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-***

jirrispettaw bis-sħiħ il-Karta tal-UE dwar id-Drittijiet Fundamentali. Ċittadini ta' pajjiżi terzi ***li jkunu meqjusa persuni vulnerabbli*** u minuri ma għandhomx jiġu furzati jagħtu l-marki tas-swaba' jew ix-xbiha tal-wiċċ, ħlief f'ċirkostanzi ġustifikati li huma permessi skont il-liġi nazzjonali.	***Drittijiet Fundamentali fid-Dokument ta' Fokus tagħha "L-implikazzjonijiet tal-obbligu li jingħataw il-marki tas-swaba' għall-Eurodac fuq id-drittijiet fundamentali" ta' Mejju 2015.***[34a] Meta l-liġi nazzjonali ta' Stat Membru tippermetti għat-teħid tal-marki tas-swaba' bil-forza bħala l-aħħar miżura, dawn il-miżuri jridu jirrispettaw bis-sħiħ il-Karta tal-UE dwar id-Drittijiet Fundamentali. Ċittadini ta' pajjiżi terzi u minuri ma għandhomx jiġu furzati jagħtu l-marki tas-swaba' jew ix-xbiha tal-wiċċ, ħlief f'ċirkostanzi ġustifikati li huma permessi skont il-liġi nazzjonali.
[34] ***COM(2015) 150*** final, 27.5.2015	[34] ***COM(2015)0150*** final, 27.5.2015

Or. en

Emenda 119
Sylvia-Yvonne Kaufmann, Josef Weidenholzer, Vilija Blinkevičiūtė, Péter Niedermüller, Kati Piri, Maria Grapini, Juan Fernando López Aguilar, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) L-Istati Membri jinħtieġ li jirreferu għad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar l-Implimentazzjoni tar-Regolament Eurodac rigward l-obbligi li jittieħdu l-marki tas-swaba' adottat mill-Kunsill fl-20 ta' Lulju 2015[34] , li jistabbilixxi l-istrateġija dwar l-aħjar prattiki biex jittieħdu l-marki tas-swaba' ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ***irregolari***. Meta l-liġi nazzjonali ta' Stat Membru tippermetti ***għat-teħid*** tal-marki tas-swaba' bil-forza bħala l-aħħar miżura, dawn il-miżuri jridu jirrispettaw bis-sħiħ il-Karta tal-UE dwar id-Drittijiet Fundamentali. Ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu meqjusa persuni vulnerabbli u minuri ma għandhomx jiġu furzati jagħtu l-marki tas-swaba' jew ix-xbiha tal-wiċċ, ħlief f'ċirkostanzi ġustifikati li huma permessi skont il-liġi	(30) L-Istati Membri jinħtieġ li jirreferu għad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar l-Implimentazzjoni tar-Regolament Eurodac rigward l-obbligi li jittieħdu l-marki tas-swaba' adottat mill-Kunsill fl-20 ta' Lulju 2015[34], li jistabbilixxi l-istrateġija dwar l-aħjar prattiki biex jittieħdu l-marki tas-swaba' ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ***u sabiex il-lista ta' kontroll tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) tkun konformi mad-drittijiet fundamentali meta tieħu l-marki tas-swaba' għall-Eurodac.34a*** Meta l-liġi nazzjonali ta' Stat Membru tippermetti ***t-teħid*** tal-marki tas-swaba' bil-forza bħala l-aħħar miżura, dawn il-miżuri jridu jirrispettaw bis-sħiħ il-Karta tal-UE dwar id-Drittijiet Fundamentali. Ċittadini ta' pajjiżi terzi ***u***

nazzjonali.

persuni apolidi li jkunu meqjusa persuni vulnerabbli u minuri ma għandhomx jiġu furzati jagħtu l-marki tas-swaba’ jew ix-xbiha tal-wiċċ, ħlief f’ċirkostanzi ġustifikati li huma permessi skont il-liġi nazzjonali.

---

[34] ***COM(2015) 150*** final, 27.5.2015

[34] ***COM(2015)0150*** final, 27.5.2015

Or. en

Emenda 120
Gérard Deprez, Gérard Deprez, Petr Ježek

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) ***L-Istati*** Membri ***jinħtieġ li jirreferu għad-Dokument ta’ Ħidma tal-Persunal*** tal-Kummissjoni dwar l-Implimentazzjoni tar-Regolament Eurodac rigward l-obbligi li jittieħdu l-marki tas-swaba’ adottat mill-Kunsill fl-20 ta’ Lulju 2015[34] , li jistabbilixxi l-istrateġija dwar l-aħjar prattiki biex jittieħdu l-marki tas-swaba' ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi irregolari. Meta l-liġi nazzjonali ta’ Stat Membru tippermetti għat-teħid tal-marki tas-swaba’ bil-forza bħala l-aħħar miżura, dawn il-miżuri jridu jirrispettaw bis-sħiħ il-Karta tal-UE dwar id-Drittijiet Fundamentali. Ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jkunu meqjusa persuni vulnerabbli u minuri ma għandhomx jiġu furzati jagħtu l-marki tas-swaba’ jew ix-xbiha tal-wiċċ, ħlief f’ċirkostanzi ġustifikati li huma permessi skont il-liġi nazzjonali.	(30) ***Jenthieġ li l-Istati*** Membri ***jirrispettaw l-approċċ komuni żviluppat mis-servizzi*** tal-Kummissjoni dwar l-Implimentazzjoni tar-Regolament Eurodac rigward l-obbligi li jittieħdu l-marki tas-swaba' adottat mill-Kunsill fl-20 ta' Lulju 2015[34] ***u miżjud fl-anness għal dan ir-regolament,*** li jistabbilixxi l-istrateġija dwar l-aħjar prattiki biex jittieħdu l-marki tas-swaba' ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi irregolari. Meta l-liġi nazzjonali ta’ Stat Membru tippermetti għat-teħid tal-marki tas-swaba’ bil-forza bħala l-aħħar miżura, dawn il-miżuri jridu jirrispettaw bis-sħiħ il-Karta tal-UE dwar id-Drittijiet Fundamentali. Ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jkunu meqjusa persuni vulnerabbli u minuri ma għandhomx jiġu furzati jagħtu l-marki tas-swaba’ jew ix-xbiha tal-wiċċ, ħlief f’ċirkostanzi ġustifikati li huma permessi skont il-liġi nazzjonali.

---

[34] ***COM(2015) 150*** final, 27.5.2015

[34] ***COM(2015)0150*** final, 27.5.2015

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Riformulazzjoni: Ir-riżultati ta' stħarriġ juru li xi Stati Membri jawtorizzaw ir-rikors għad-detenzjoni sabiex jiżguraw ruħhom li l-migranti jagħtu l-marki tas-swaba tagħhom, xi wħud jawtorizzaw l-użu ta' livell proporzjonat ta' sfurzar, filwaqt li oħrajn ma jużaw la d-detenzjoni u lanqas l-isfurzar. Għalhekk huwa neċessarju li jiġu armonizzati l-prattiki eżistenti sabiex ikun żgurat li l-obbligi tagħhom skont ir-Regolament Eurodac jiġu sodisfatti bl-istess livell ta' garanziji. Approċċ komuni żviluppat mill-Kummissjoni fid-dokument SWD(2015)150 final.

Emenda 121
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) ***L-Istati*** Membri jinħtieġ li jirreferu għad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar l-Implimentazzjoni tar-Regolament Eurodac rigward l-obbligi li jittieħdu l-marki tas-swaba' adottat mill-Kunsill fl-20 ta' Lulju 2015[34] , li jistabbilixxi l-istrateġija dwar l-aħjar prattiki biex jittieħdu l-marki tas-swaba' ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi irregolari. Meta l-liġi nazzjonali ta' Stat Membru tippermetti ***għat-teħid*** tal-marki tas-swaba' bil-forza bħala l-aħħar miżura, dawn il-miżuri jridu jirrispettaw bis-sħiħ il-Karta tal-UE dwar id-Drittijiet Fundamentali. Ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu meqjusa persuni vulnerabbli u minuri ma għandhomx jiġu furzati jagħtu l-marki tas-swaba' jew ix-xbiha tal-wiċċ, ħlief f'ċirkostanzi ġustifikati li huma permessi skont il-liġi nazzjonali.	(30) ***Huwa ta' importanza kbira għall-funzjonament tajjeb tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil li tinkiseb rata ta' reġistrazzjoni ta' 100% fir-rigward tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew minn persuna apolida, persuni maqbuda b'rabta mal-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni u ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi li jinstabu jgħixu b'mod illegali fit-territorju tagħha. Sabiex tinkiseb din ir-rata ta' reġistrazzjoni, l-Istati*** Membri jinħtieġ li jirreferu għad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar l-Implimentazzjoni tar-Regolament Eurodac rigward l-obbligi li jittieħdu l-marki tas-swaba' adottat mill-Kunsill fl-20 ta' Lulju 2015[34], li jistabbilixxi l-istrateġija dwar l-aħjar prattiki biex jittieħdu l-marki tas-swaba' ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ***jew persuni apolidi*** irregolari. Meta l-liġi nazzjonali ta' Stat Membru tippermetti ***t-teħid*** tal-marki tas-swaba' bil-forza bħala l-aħħar miżura, dawn il-miżuri jridu jirrispettaw bis-sħiħ il-Karta tal-UE dwar id-Drittijiet Fundamentali. Ċittadini ta' pajjiżi terzi ***jew persuni apolidi*** li jkunu meqjusa persuni vulnerabbli u minuri ma għandhomx jiġu furzati jagħtu l-marki tas-swaba' jew ix-xbiha tal-wiċċ, ħlief f'ċirkostanzi ġustifikati

li huma permessi skont il-liġi nazzjonali.

[34] ***COM(2015) 150*** final, 27.5.2015

[34] ***COM(2015)0150*** final, 27.5.2015

Or. en

Emenda 122
Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) ***In-numru ta' hits li nkisbu*** mill-Eurodac għandhom jiġu vverifikati minn espert imħarreġ fil-marki tas-swaba' sabiex tiġi żgurata d-determinazzjoni preċiża tar-responsabbiltà taħt ir-Regolament (UE) Nru l-identifikazzjoni eżatta ***ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew apolidi*** u l-identifikazzjoni eżatta ***tal-persuna kriminali suspettata*** jew il-vittma tar-reat li d-data tagħha tista' ***tiġi*** maħżuna fil-Eurodac. ***Hits miksuba mill-Eurodac bażati fuq ix-xbiha tal-wiċċ jinħtieġ li wkoll jiġu verifikati fejn hemm dubju li r-riżultat huwa relatat mal-istess persuna.***	(31) ***Il-hits li jinkisbu*** mill-Eurodac għandhom jiġu vverifikati minn espert imħarreġ fil-marki tas-swaba' ***u fl-identifikazzjoni tal-wiċċ*** sabiex tiġi żgurata d-determinazzjoni preċiża tar-responsabbiltà taħt ir-Regolament (UE) Nru ***[.../...];*** l-identifikazzjoni eżatta ***taċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna apolida*** u l-identifikazzjoni eżatta ***tal-kriminal suspettat*** jew il-vittma tar-reat li d-data tagħha tista' ***tkun*** maħżuna fil-Eurodac.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont l-Artikolu 104 tar-Regoli ta' Proċedura, din l-emenda hija meħtieġa għaliex hija marbuta b'mod intrinsiku ma' emendi oħra ammissibbli relatati mal-iskopijiet tal-Eurodac (l-Artikolu 1), li jintroduċu s-salvagwardji dwar l-identifikazzjoni.

Emenda 123
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) ***Ċittadini ta' pajjiż terz jew persuni***	(32) ***Sabiex ikun hemm għajnuna***

apolidi li jkunu talbu protezzjoni internazzjonali f'wieħed mill-Istati Membri jistgħu jippruvaw li jitolbu protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru ieħor għal ħafna snin oħra. Għalhekk, il-perjodu massimu li matulu d-data dwar marki tas-swaba' u x-xbiha tal-wiċċ għandha tinżamm mis-Sistema Ċentrali għandu jkun ta' tul kunsiderevoli. Billi ħafna ċittadini ta' pajjiż terz jew persuni apolidi li għexu fl-Unjoni għal bosta snin ikunu kisbu status definit jew anki kisbu ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru wara dak il-perjodu, perjodu ta' 10 snin għandu jkun ikkunsidrat bħala perjodu raġonevoli għall-ħżin ta' data dwar marki tas-swaba' u x-xbiha tal-wiċċ .

effettiva fil-kontroll tal-immigrazzjoni illegali u bl-identifikazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi li jirrisjedu illegalement, il-perjodu massimu li matulu d-data dwar marki tas-swaba' u x-xbiha tal-wiċċ għandha tinżamm mis-Sistema Ċentrali għandu jkun ta' tul kunsiderevoli ***sabiex jiskoraġġixxi liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi li talbu għal protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru milli jippruvaw jitolbu għal protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru ieħor***. Billi ħafna ċittadini ta' pajjiż terz jew persuni apolidi li għexu fl-Unjoni għal bosta snin ikunu kisbu status definit jew anki kisbu ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru wara dak il-perjodu, perjodu ta' 10 snin għandu jkun ikkunsidrat bħala perjodu raġonevoli għall-ħżin ta' data dwar marki tas-swaba' u x-xbiha tal-wiċċ .

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għall-finijiet ta' ċarezza l-ispjegazzjoni ta' għalfejn id-data għandha tinżamm għall-perjodu ta' għaxar snin hija aġġustata kemm kemm b'din l-emenda.

Emenda 124
Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) ***Ċittadini*** ta' pajjiż terz jew persuni apolidi li jkunu talbu protezzjoni internazzjonali ***f'wieħed mill-Istati Membri jistgħu jippruvaw li jitolbu protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru ieħor għal ħafna snin oħra. Għalhekk, il-perjodu massimu li matulu d-data dwar marki tas-swaba' u x-xbiha tal-wiċċ għandha tinżamm mis-Sistema Ċentrali għandu jkun ta' tul kunsiderevoli***. Billi ħafna ċittadini ta' pajjiż terz jew persuni apolidi li għexu fl-Unjoni għal bosta snin	(32) ***Il-perjodu massimu li matulu d-data tal-marki tas-swaba' u tax-xbiha tal-wiċċ ta' ċittadini*** ta' pajjiż terz jew persuni apolidi li ***li*** jkunu talbu protezzjoni internazzjonali ***għandu jinżamm mis-Sistema Ċentrali u jenħtieġ li jkun limitat għal dak li huwa strettament neċessarju u proporzjonat, skont il-prinċipju tal-proporzjonalità stabbilit fl-Artikolu 52(1) tal-Karta u kif interpretat mill-ġurisprudenza tal-QtĠ-UE***. Billi ħafna ċittadini ta' pajjiż terz jew persuni apolidi

ikunu kisbu status definit jew anki kisbu ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru wara dak il-perjodu, perjodu ta' ***10*** snin għandu jkun ikkunsidrat bħala perjodu raġonevoli għall-ħżin ta' data dwar marki tas-swaba’ u x-xbiha tal-wiċċ .	li għexu fl-Unjoni għal bosta snin ikunu kisbu status definit jew anki kisbu ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru wara dak il-perjodu, perjodu ta' ***ħames*** snin għandu jkun ikkunsidrat bħala perjodu raġonevoli għall-ħżin ta' data dwar marki tas-swaba’ u x-xbiha tal-wiċċ .

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont l-Artikolu 104 tar-Regoli ta' Proċedura, din l-emenda hija meħtieġa għaliex hija marbuta b'mod intrinsiku ma' emendi oħra ammissibbli relatati mal-iskopijiet tal-Eurodac (l-Artikolu 1), li jintroduċu referenzi għall-konformità mal-prinċipji tan-neċessità u l-proporzjonalità skont l-Artikolu 52(1) tal-Karta u l-ġurisprudenza tal-QtĠ-UE.

Emenda 125
Monika Hohlmeier, Heinz K. Becker, Rachida Dati, Brice Hortefeux, Mariya Gabriel, Artis Pabriks

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Ċittadini ta’ pajjiż terz jew persuni apolidi li jkunu talbu protezzjoni internazzjonali f'wieħed mill-Istati Membri jistgħu jippruvaw li jitolbu protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru ieħor għal ħafna snin oħra. Għalhekk, il-perjodu massimu li matulu d-data ***dwar marki tas-swaba’ u x-xbiha tal-wiċċ*** għandha tinżamm mis-Sistema Ċentrali għandu jkun ta' tul kunsiderevoli. Billi ħafna ċittadini ta’ pajjiż terz jew persuni apolidi li għexu fl-Unjoni għal bosta snin ikunu kisbu status definit jew anki kisbu ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru wara dak il-perjodu, perjodu ta' 10 snin għandu jkun ikkunsidrat bħala perjodu raġonevoli għall-ħżin ta' data ***dwar marki tas-swaba’ u x-xbiha tal-wiċċ*** .	(32) Ċittadini ta’ pajjiż terz jew persuni apolidi li jkunu talbu protezzjoni internazzjonali f'wieħed mill-Istati Membri jistgħu jippruvaw li jitolbu protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru ieħor għal ħafna snin oħra. Għalhekk, il-perjodu massimu li matulu d-data ***bijometrika u alfanumerika*** għandha tinżamm mis-Sistema Ċentrali għandu jkun ta' tul kunsiderevoli. Billi ħafna ċittadini ta’ pajjiż terz jew persuni apolidi li għexu fl-Unjoni għal bosta snin ikunu kisbu status definit jew anki kisbu ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru wara dak il-perjodu, perjodu ta' 10 snin għandu jkun ikkunsidrat bħala perjodu raġonevoli għall-ħżin ta' data ***bijometrika u alfanumerika***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi u l-Europol ma jistgħux jitolbu għal tqabbil ma' data alfanumerika speċifika; f'ċerti każijiet l-awtorijiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi m'għandhomx għad-dispożizzjoni tagħhom il-marki tas-swaba' iżda d-data alfanumerika.

Emenda 126
Judith Sargentini
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Ċittadini ta' pajjiż terz jew persuni apolidi li jkunu talbu protezzjoni internazzjonali f'wieħed mill-Istati Membri ***jistgħu jippruvaw li*** jitolbu protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru ieħor għal ħafna snin oħra. Għalhekk, il-perjodu massimu li matulu d-data dwar marki tas-swaba' u x-xbiha tal-wiċċ għandha tinżamm mis-Sistema Ċentrali għandu jkun ta' tul kunsiderevoli. Billi ħafna ċittadini ta' pajjiż terz jew persuni apolidi li għexu fl-Unjoni għal bosta snin ikunu kisbu status definit jew anki kisbu ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru wara dak il-perjodu, perjodu ta' ***10*** snin għandu jkun ikkunsidrat bħala perjodu raġonevoli għall-ħżin ta' data dwar marki tas-swaba' ***u x-xbiha tal-wiċċ*** .	(32) Ċittadini ta' pajjiż terz jew persuni apolidi li jkunu talbu protezzjoni internazzjonali f'wieħed mill-Istati Membri ***jistgħu*** jitolbu protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru ieħor għal ħafna snin oħra. Għalhekk, il-perjodu massimu li matulu d-data dwar marki tas-swaba' u x-xbiha tal-wiċċ għandha tinżamm mis-Sistema Ċentrali għandu jkun ta' tul kunsiderevoli. Billi ħafna ċittadini ta' pajjiż terz jew persuni apolidi li għexu fl-Unjoni għal bosta snin ikunu kisbu status definit jew anki kisbu ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru wara dak il-perjodu, perjodu ta' ***għaxar*** snin għandu jkun ikkunsidrat bħala perjodu raġonevoli għall-ħżin ta' data dwar marki tas-swaba'***, data dwar ix-xbiha tal-wiċċ jew it-tnejn li huma***.

Or. en

Emenda 127
Gérard Deprez, Louis Michel, Petr Ježek

Proposta għal regolament
Premessa 32a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(32a) Jenħtieġ li d-data taċ-ċittadini ta 'pajjiżi terzi jew persuni apolidi risistemati fi Stat Membru skont ir-Regolament

XXX/XXX jinżammu għal tul ta' 10 snin . Dan it-tul ta' żmien ta' żamma diġà huwa applikabbli għall-applikanti u l-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Riformulazzjoni: din il-premessa hija maħsuba biex tiċċara t-tul ta' żmien ta' żamma tad-data tal-persuni risistemati fi Stat Membru f'konformità mar-Regolament XXX/XXX. Qed jiġi propost tul ta' żmien ta' 10 snin sabiex l-ipproċessar tad-data tal-persuni risistemati jiġi allinjat ma' dak tad-data tal-benefiċjari l-oħra ta' protezzjoni interanzzjonali.

Emenda 128
Sylvia-Yvonne Kaufmann

Proposta għal regolament
Premessa 32a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(32a) Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-4 ta' Diċembru 2015 dwar l-Apolidija, il-Kunsill u r-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri fakkru fil-wegħda tal-Unjoni ta' Settembru 2012 li l-Istati Membri kollha se jaderixxu mal-Konvenzjoni tal-1954 dwar l-Istatus ta' Persuni Apolidi u se jikkunsidraw l-adeżjoni mal-Konvenzjoni tal-1961. Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2016 dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-migrazzjoni f'pajjiżi terzi, il-Parlament Ewropew fakkar fl-importanza li jiġu identifikati persuni apolidi sabiex tingħatalhom il-protezzjoni previsti fid-dritt internazzjonali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija relatata mal-emendi għall-Artikolu 12(1)(d).

Emenda 129

Judith Sargentini
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) Fid-dawl tas-suċċess tal-prevenzjoni u l-monitorġġ ta' movimenti mhux awtorizzati ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi li ma għandhomx dritt joqogħdu fl-Unjoni, u biex jittieħdu l-miżuri neċessarji għall-infurzar b'suċċess ta' ritorn effettiv u riammissjoni lejn pajjiżi terzi skont id-Direttiva 2008/115/KE[35] u d-dritt tal-protezzjoni tad-data personali, perjodu ta' ħames snin għandu jiġi kkunsidrat bħala perjodu neċessarju għall-ħażna tad-data tal-marki tas-swaba' u x-xbiha tal-wiċċ.	***imħassar***

_____

[35] ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98

Or. en

Emenda 130
Monika Hohlmeier, Monika Hohlmeier, Rachida Dati, Rachida Dati, Mariya Gabriel, Artis Pabriks

Proposta għal regolament
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) Fid-dawl tas-suċċess tal-prevenzjoni u l-monitorġġ ta' movimenti mhux awtorizzati ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi li ma għandhomx dritt joqogħdu fl-Unjoni, u biex jittieħdu l-miżuri neċessarji għall-infurzar b'suċċess ta' ritorn effettiv u riammissjoni lejn pajjiżi terzi skont id-Direttiva 2008/115/KE[35] u d-dritt tal-protezzjoni tad-data personali, perjodu ta' ***ħames*** snin għandu jiġi kkunsidrat bħala perjodu neċessarju għall-ħażna tad-data ***tal-marki tas-swaba' u x-xbiha tal-wiċċ***.	(33) Fid-dawl tas-suċċess tal-prevenzjoni u l-monitorġġ ta' movimenti mhux awtorizzati ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi li ma għandhomx dritt joqogħdu fl-Unjoni, u biex jittieħdu l-miżuri neċessarji għall-infurzar b'suċċess ta' ritorn effettiv u riammissjoni lejn pajjiżi terzi skont id-Direttiva 2008/115/KE[35] u d-dritt tal-protezzjoni tad-data personali, perjodu ta' ***għaxar*** snin għandu jiġi kkunsidrat bħala perjodu neċessarju għall-ħażna tad-data ***bijometrika u alfanumerika***.

[35] ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98

[35] ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98

Or. en

Emenda 131
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) Fid-dawl tas-suċċess tal-prevenzjoni u l-monitorġġ ta' movimenti mhux awtorizzati ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi li ma għandhomx dritt joqogħdu fl-Unjoni, u biex jittieħdu l-miżuri neċessarji għall-infurzar b'suċċess ta' ritorn effettiv u riammissjoni lejn pajjiżi terzi skont id-Direttiva 2008/115/KE[35] u d-dritt tal-protezzjoni tad-data personali, perjodu ta' ***ħames*** snin għandu jiġi kkunsidrat bħala perjodu neċessarju għall-ħażna tad-data tal-marki tas-swaba' u x-xbiha tal-wiċċ.	(33) Fid-dawl tas-suċċess tal-prevenzjoni u l-monitorġġ ta' movimenti mhux awtorizzati ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi li ma għandhomx dritt joqogħdu fl-Unjoni, u biex jittieħdu l-miżuri neċessarji għall-infurzar b'suċċess ta' ritorn effettiv u riammissjoni lejn pajjiżi terzi skont id-Direttiva 2008/115/KE[35] u d-dritt tal-protezzjoni tad-data personali, perjodu ta' ***għaxar*** snin għandu jiġi kkunsidrat bħala perjodu neċessarju għall-ħażna tad-data tal-marki tas-swaba' u x-xbiha tal-wiċċ.

[35] ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98

[35] ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98

Or. en

Emenda 132
Judith Sargentini
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Il-perjodu taż-żamma għandu jkun iqsar f'ċerti sitwazzjonijiet speċjali fejn ma jkunx hemm bżonn li tinżamm data dwar marki tas-swaba' ***u x-xbiha tal-wiċċ*** u kull data personali oħra għal dak it-tul ta' żmien. Id-data dwar marki tas-swaba' ***u x-***	(34) Il-perjodu taż-żamma għandu jkun iqsar f'ċerti sitwazzjonijiet speċjali fejn ma jkunx hemm bżonn li tinżamm data dwar marki tas-swaba'***, data dwar ix-xbiha tal-wiċċ jew it-tnejn li huma*** u kull data personali oħra għal dak it-tul ta' żmien. Id-

xbiha tal-wiċċ u kull data personali oħra li tappartjeni għal ċittadini ta' persuni terzi għandha titħassar immedjatament ladarba ċittadini ta' pajjiż terz jew persuni apolidi jieħdu ċittadinanza ta' Stat Membru.	data dwar marki tas-swaba'***, id-data dwar ix-xbiha tal-wiċċ jew it-tnejn li huma*** u kull data personali oħra li tappartjeni għal ċittadini ta' persuni terzi għandha titħassar immedjatament ladarba ċittadini ta' pajjiż terz jew persuni apolidi jieħdu ċittadinanza ta' Stat Membru ***jew, fil-każ tat-tfal, hekk kif jagħlqu t-18-il sena***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija meħtieġa biex iżżomm il-loġika tat-test peress li għandha sservi biex tipproteġi lit-tfal vittmi tat-traffikar u tappoġġja l-identifikazzjoni u l-protezzjoni ta' tfal mhux akkumpanjati li jgħibu, jisparixxu jew jaħarbu, kif il-Kummissjoni Ewropea enfasizzat fil-memorandum ta' spjegazzjoni tagħha li jakkumpanja r-riformulazzjoni proposta tar-Regolament Eurodac. Sabiex ikun konformi tal-Artikolu 7, l-Artikolu 8 u l-Artikolu 24 tal-Karta, l-ipproċessar tad-data bijometrika tat-tfal mill-età ta' sitt snin jista' biss jiġi ġġustifikat jekk għandu l-għan li jipproteġi lit-tfal.

Emenda 133
Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Il-perjodu taż-żamma għandu jkun iqsar f'ċerti sitwazzjonijiet speċjali fejn ma jkunx hemm bżonn li tinżamm data dwar marki tas-swaba' u x-xbiha tal-wiċċ u kull data personali oħra għal dak it-tul ta' żmien. Id-data dwar marki tas-swaba' u x-xbiha tal-wiċċ u kull data personali oħra li tappartjeni għal ċittadini ta' persuni terzi għandha titħassar immedjatament ladarba ċittadini ta' pajjiż terz jew persuni apolidi jieħdu ċittadinanza ta' Stat Membru.	(34) Il-perjodu taż-żamma għandu jkun iqsar f'ċerti sitwazzjonijiet speċjali fejn ma jkunx hemm bżonn li tinżamm data dwar marki tas-swaba' u x-xbiha tal-wiċċ u kull data personali oħra għal dak it-tul ta' żmien. Id-data dwar marki tas-swaba' u x-xbiha tal-wiċċ u kull data personali oħra li tappartjeni għal ċittadini ta' persuni terzi għandha titħassar immedjatament ***u b'mod permanenti*** ladarba ċittadini ta' pajjiż terz jew persuni apolidi jieħdu ċittadinanza ta' Stat Membru.

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'konformità mal-Artikolu 104 tar-Regoli ta' Proċedura, din l-emenda hija meħtieġa peress li hija marbuta b'mod intrinsiku mal-emendi l-oħra ammissibli relatati mal-iskopijiet tal-

Eurodac (Artikolu 1), li jintroduċu referenzi għall-konformità mal-prinċipji ta' neċessità u proporzjonalità skont l-Artikolu 52(1) tal-Karta u l-ġurisprudenza rilevanti tal-QtĠ-UE.

Emenda 134
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Il-perjodu taż-żamma għandu jkun iqsar f'ċerti sitwazzjonijiet speċjali fejn ma jkunx hemm bżonn li tinżamm data dwar marki tas-swaba' u x-xbiha tal-wiċċ u kull data personali oħra għal dak it-tul ta' żmien. Id-data dwar marki tas-swaba' u x-xbiha tal-wiċċ u kull data personali oħra li tappartjeni għal ***ċittadini ta' persuni terzi*** għandha titħassar immedjatament ladarba ċittadini ta' pajjiż terz jew persuni apolidi jieħdu ċittadinanza ta' Stat Membru.	(34) Il-perjodu taż-żamma għandu jkun iqsar f'ċerti sitwazzjonijiet speċjali fejn ma jkunx hemm bżonn li tinżamm data dwar marki tas-swaba' u x-xbiha tal-wiċċ u kull data personali oħra għal dak it-tul ta' żmien. Id-data dwar marki tas-swaba' u x-xbiha tal-wiċċ u kull data personali oħra li tappartjeni għal ***ċittadin ta' pajjiż terz jew għal persuna apolida*** għandha titħassar immedjatament ladarba ċittadini ta' pajjiż terz jew persuni apolidi jieħdu ċittadinanza ta' Stat Membru.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Korrezzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni li ma żżidx fil-postijiet kollha meħtieġa l-formulazzjoni "u persuni apolidi", li hija konformi mal-iskop tal-Eurodac kif imsemmi fl-Artikolu 1(a).

Emenda 135
Gérard Deprez, Louis Michel, Petr Ježek

Proposta għal regolament
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) Hemm bżonn li jkunu preskritti b'mod ċar ir-responsabilitajiet rispettivi tal-Kummissjoni u ***eu-LISA*** , f'dak li għandu x'jaqsam mas-Sistema Ċentrali ***u l-Infrastruttura ta' Komuikazzjoni*** u tal-Istati Membri fir-rigward tal-ipproċessar tad-data, is-sigurtà tad-data, l-aċċess	(37) Hemm bżonn li jkunu preskritti b'mod ċar ir-responsabilitajiet rispettivi tal-Kummissjoni u ***eu-LISA*** , f'dak li għandu x'jaqsam mas-Sistema Ċentrali***, l-Infrastruttura ta' Komunikazzjoni u l-interoperabilità ma' sistemi oħra ta' informazzjoni*** u tal-Istati Membri fir-rigward tal-ipproċessar tad-data, is-sigurtà

għaliha u l-korrezzjoni tad-data reġistrata.

tad-data, l-aċċess għaliha u l-korrezzjoni tad-data reġistrata.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Jenħtieġ li tiġi stabbilita b'mod ċar ir-responsabilità tal-eu-Lisa għall-iżvilupp futur tas-sistema fir-rigward tal-interoperabilità tagħha ma' sistemi oħra tal-IT.

Emenda 136
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Premessa 41

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(41) ***Għall-finijiet ta' protezzjoni ta' data personali, u biex jiġi eskluż tqabbil sistematiku li għandu jiġi pprojbit, l-ipproċessar ta' data tal-Eurodac għandu jsir biss f'każijiet speċifiċi u*** meta jkun meħtieġ għall-finijiet tal-prevenzjoni, ir-rintraċċar jew l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew reati serji oħra. Każ speċifiku jeżisti b'mod partikolari meta t-talba għat-tqabbil tkun relatata ma' sitwazzjoni speċifika u konkreta jew ma' periklu speċifiku u konkret assoċjat ma' reat terroristiku jew reat kriminali serju ieħor, jew ma' persuni speċifiċi li fil-konfront tagħhom ikun hemm raġunijiet serji għaliex wieħed jemmen li dawn ikunu se jwettqu jew wettqu reati terroristiċi jew reati serji oħra. Każ speċifiku jeżisti wkoll meta t-talba għal tqabbil tkun relatata ma' persuna li tkun il-vittma ta' reat terroristiku jew ta' reat kriminali serju ieħor. Għaldaqstant, l-awtoritajiet maħtura u l-Europol għandhom jitolbu għal tqabbil mal-Eurodac meta jkollhom raġunijiet motivati biex jemmnu li tqabbil bħal dan ikun se jipprovdi informazzjoni li tgħinhom sostanzjalment fil-prevenzjoni, ir-rintraċċar jew l-investigazzjoni ta' reat terroristiku jew reat kriminali serju ieħor.	(41) ***L-ipproċessar tad-data tal-Eurodac għandu jsir biss f'każijiet speċifiċi, skont id-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali***, meta jkun meħtieġ għall-finijiet tal-prevenzjoni, ir-rintraċċar jew l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew reati serji oħra. Każ speċifiku jeżisti b'mod partikolari meta t-talba għat-tqabbil tkun relatata ma' sitwazzjoni speċifika u konkreta jew ma' periklu speċifiku u konkret assoċjat ma' reat terroristiku jew reat kriminali serju ieħor, jew ma' persuni speċifiċi li fil-konfront tagħhom ikun hemm raġunijiet serji għaliex wieħed jemmen li dawn ikunu se jwettqu jew wettqu reati terroristiċi jew reati serji oħra. Każ speċifiku jeżisti wkoll meta t-talba għal tqabbil tkun relatata ma' persuna li tkun il-vittma ta' reat terroristiku jew ta' reat kriminali serju ieħor. Għaldaqstant, l-awtoritajiet maħtura u l-Europol għandhom jitolbu għal tqabbil mal-Eurodac meta jkollhom raġunijiet motivati biex jemmnu li tqabbil bħal dan ikun se jipprovdi informazzjoni li tgħinhom sostanzjalment fil-prevenzjoni, ir-rintraċċar jew l-investigazzjoni ta' reat terroristiku jew reat kriminali serju ieħor.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ipproċessar tad-data tal-Eurodac għandu jsir biss abbażi ta' każijiet speċifiċi u f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE li tirregola l-użu tad-data personali.

Emenda 137
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Premessa 42

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(42) Barra minn hekk, l-aċċess għandu jkun permess biss bil-kundizzjoni li ***t-tqabbil mal-bażijiet tad-data*** nazzjonali tal-marki tas-swaba tal-Istat Membru u ***mas-sistemi*** awtomatizzati ta' identifikazzjoni tal-marki tas-swaba' tal-Istati Membri kollha oħra taħt id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI ***ma jwassalx sabiex tiġi stabbilita l-identità tas-suġġett tad-data***. Dik il-kundizzjoni titlob li l-Istat Membru li jagħmel it-talba jagħmel tqabbil mas-sistemi awtomatizzati ta' identifikazzjoni tal-marki tas-swaba' tal-Istati Membri l-oħra kollha taħt id-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI li huma teknikament disponibbli, sakemm dak l-Istat Membru ma jkunx jista' jiġġustifika li jeżistu raġunijiet suffiċjenti li wieħed jemmen li dan ma jwassalx sabiex tiġi stabbiltà l-identità tas-suġġett tad-data. Tali raġunijiet raġonevoli jeżistu b'mod partikolari fejn il-każ speċifiku ma jippreżenta l-ebda rabta operattiva jew investigattiva ma' Stat Membru. Dik il-kondizzjoni titlob l-implimentazzjoni legali u teknika minn qabel tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI mill-Istat Membru rikjedenti fil-qasam tad-data dwar il-marki tas-swaba', billi ma għandux ikun permess li titmexxa verifika tal-Eurodac għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi fejn dawn il-passi ta' hawn fuq ma jkunux ittieħdu l-ewwel.[36]	(42) Barra minn hekk, l-aċċess għandu jkun permess biss bil-kundizzjoni li ***tkun saret tfittxija minn qabel fil-bażijiet ta' data*** nazzjonali tal-marki tas-swaba***' u x-xbiha tal-wiċċ*** tal-Istat Membru u ***fis-sistemi*** awtomatizzati ta' identifikazzjoni tal-marki tas-swaba' tal-Istati Membri kollha oħra taħt id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI[36]. Dik il-kundizzjoni titlob li l-Istat Membru li jagħmel it-talba jagħmel tqabbil mas-sistemi awtomatizzati ta' identifikazzjoni tal-marki tas-swaba' tal-Istati Membri l-oħra kollha taħt id-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI li huma teknikament disponibbli, sakemm dak l-Istat Membru ma jkunx jista' jiġġustifika li jeżistu raġunijiet suffiċjenti li wieħed jemmen li dan ma jwassalx sabiex tiġi stabbiltà l-identità tas-suġġett tad-data. Tali raġunijiet raġonevoli jeżistu b'mod partikolari fejn il-każ speċifiku ma jippreżenta l-ebda rabta operattiva jew investigattiva ma' Stat Membru. Dik il-kondizzjoni titlob l-implimentazzjoni legali u teknika minn qabel tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI mill-Istat Membru rikjedenti fil-qasam tad-data dwar il-marki tas-swaba', billi ma għandux ikun permess li titmexxa verifika tal-Eurodac għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi fejn dawn il-passi ta' hawn fuq ma jkunux ittieħdu l-ewwel.

[36] ***THIS FOOTNOTE IS MISSING.***

[36] ***Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI***

THANK YOU FOR USING ANOTHER LANGUAGE.

tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali (ĠU L 210, 6.8.2008, p. 1).

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'konformità mal-estensjoni tal-iskop fl-Artikolu 1(1)(c) tal-proposta (mhix kodifikata) li tistipula li l-Eurodac se taqdi mhux biss skop ta' implimentazzjoni tar-Regolament ta' Dublin iżda saħansitra skopijiet ta' infurzar tal-liġi. Sabiex jitwettaq l-obbligu tal-awtoritajiet maħtura tal-Istati Membri u tal-Europol, il-proċedura għall-aċċess għall-Eurodac għandha tkun rapida u effettiva, iżda xorta waħda għandha tqis li l-għan ewlieni tal-Eurodac huwa li tappoġġa lill-Istati Membri fl-applikazzjoni tar-Regolament ta' Dublin.

Emenda 138
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Premessa 43

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(43) Qabel ma jfittxu fil-Eurodac, l-awtoritajiet maħtura għandhom ukoll, sakemm il-kundizzjonijiet għal tali tqabbil ikunu ġew issodisfati, jikkonsultaw is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI .[37]	***imħassar***

[37] THIS FOOTNOTE IS MISSING. THANK YOU FOR USING ANOTHER LANGUAGE.

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'konformità mal-estensjoni tal-iskop fl-Artikolu 1(1)(c) tal-proposta (mhix kodifikata) li tistipula li l-Eurodac se taqdi mhux biss skop ta' implimentazzjoni tar-Regolament ta' Dublin iżda saħansitra skopijiet ta' infurzar tal-liġi. Sabiex jitwettaq l-obbligu tal-awtoritajiet maħtura tal-Istati Membri u tal-Europol, l-infurzar tal-liġi stabbilit skont dan ir-Regolament, il-proċedura għall-aċċess għall-Eurodac għandha tkun rapida u effettiva, iżda xorta waħda għandha tqis li l-għan ewlieni tal-Eurodac huwa li tappoġġa lill-Istati Membri fl-applikazzjoni tar-Regolament ta' Dublin.

Emenda 139
Judith Sargentini
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 46

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(46) Ladarba l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-ħolqien ta' sistema għat-tqabbil tad-data dwar marki tas-swaba' ***u tax-xbiha tal-wiċċ*** sabiex tgħin l-implimentazzjoni tal-politika ta'ażil tal-Unjoni, ma jistax, min-natura tiegħu stess, jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għaldaqstant jista' jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TEU). F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan.	(46) Ladarba l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-ħolqien ta' sistema għat-tqabbil tad-data dwar marki tas-swaba'***, data dwar ix-xbiha tal-wiċċ jew it-tnejn li huma*** sabiex tgħin l-implimentazzjoni tal-politika ta'ażil tal-Unjoni, ma jistax, min-natura tiegħu stess, jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għaldaqstant jista' jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TEU). F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan.

Or. en

Emenda 140
Gérard Deprez, Louis Michel, Petr Ježek

Proposta għal regolament
Premessa 50

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(50) It-trasferimenti ta' data personali miksuba minn Stat Membru taħt dan ir-Regolament mis-Sistema Ċentrali lejn kwalunkwe pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali jew entità privata stabbilita fl-Unjoni jew barra minnha għandha tkun ipprojbita, sabiex jiġi żgurat id-dritt għal ***ażil*** u sabiex jiġu salvagwardjati l-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali	(50) It-trasferimenti ta' data personali miksuba minn Stat Membru taħt dan ir-Regolament mis-Sistema Ċentrali lejn kwalunkwe pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali jew entità privata stabbilita fl-Unjoni jew barra minnha għandha tkun ipprojbita, sabiex jiġi żgurat id-dritt għal ***asil*** u sabiex jiġu salvagwardjati l-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali

milli jkollhom id-data tagħhom żvelata lil xi pajjiż terz. Dan ifisser li l-Istati Membri ma għandhomx jittrasferixxu informazzjoni miksuba mis-Sistema Ċentrali fir-rigward ta': ***l-isem*** **(*ismijiet*)**; id-data tat-twelid; iċ-ċittadinanza; l-Istat Membru jew l-Istati Membri ta' oriġini jew l-Istat Membru ta' allokazzjoni; id-dettalji tad-dokument tal-identità jew tal-ivvjaġġar ; il-post u d-data ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali; in-numru ta' referenza użat mill-Istat Membru ta' oriġini; id-data ta' meta ttieħdu l-marki tas-swaba' kif ukoll id-data ta' meta l-Istat Membru ttrażmetta jew l-Istati Membri ttrażmettew id-data lill-Eurodac; ***il-user ID*** tal-operatur; u kwalunkwe informazzjoni marbuta ma' kwalunkwe trasferiment tas-suġġett tad-data taħt ir-Regolament(UE) Nru 604/2013. Dik il-projbizzjoni għandha tkun bla ħsara għad-dritt tal-Istati Membri li jittrasferixxu data bħal din lil pajjiżi terzi li japplika għalihom ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 [skont ir-Regolament (UE) Nru […/2016] rispettivament mar-regoli nazzjonali adottati skont id-Direttiva [2016/…/UE], sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi bħal dawn għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.	***u ċ-ċittadini ta' pajjiż terz jew persuni apolidi li għalihom l-Istati Membri jkunu bi ħsiebhom jesegwixxu proċedura ta' risistemazzjoni b'konformita mar-Regolament XXX/XXX*** milli jkollhom id-data tagħhom żvelata lil xi pajjiż terz. Dan ifisser li l-Istati Membri ma għandhomx jittrasferixxu informazzjoni miksuba mis-Sistema Ċentrali fir-rigward ta': ***l-isem*** **(*l-ismijiet*)**; id-data tat-twelid; iċ-ċittadinanza; l-Istat Membru jew l-Istati Membri ta' oriġini jew l-Istat Membru ta' allokazzjoni ***jew l-Istat Membru ta' risistemazzjoni***; id-dettalji tad-dokument tal-identità jew tal-ivvjaġġar; il-post u d-data ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ***jew ta' risistemazzjoni***; in-numru ta' referenza użat mill-Istat Membru ta' oriġini; id-data ta' meta ttieħdu l-marki tas-swaba' kif ukoll id-data ta' meta l-Istat Membru ttrażmetta jew l-Istati Membri ttrażmettew id-data lill-Eurodac; ***il-kodiċi ta' identifikazzjoni*** tal-operatur; u kwalunkwe informazzjoni marbuta ma' kwalunkwe trasferiment tas-suġġett tad-data taħt ir-Regolament(UE) Nru 604/2013. Dik il-projbizzjoni għandha tkun bla ħsara għad-dritt tal-Istati Membri li jittrasferixxu data bħal din lil pajjiżi terzi li japplika għalihom ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 [skont ir-Regolament (UE) Nru […/2016] rispettivament mar-regoli nazzjonali adottati skont id-Direttiva [2016/…/UE], sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi bħal dawn għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Riformulazzjoni: din l-emenda għandha l-għan li tissottometti għall-istess protezzjoni d-data ta' natura personali taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jew tal-persuni apolidi li għalihom l-Istati Membri jkunu bi ħsiebhom jesegwixxu proċedura ta' risistemazzjoni b'konformita mar-Regolament li jistabbilixxi Qafas tal-Unjoni għall-Risistemazzjoni.

Emenda 141
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Premessa 50

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(50) It-trasferimenti ta' data personali miksuba minn Stat Membru taħt dan ir-Regolament mis-Sistema Ċentrali lejn kwalunkwe pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali jew entità privata stabbilita fl-Unjoni jew barra minnha għandha tkun ipprojbita, sabiex jiġi żgurat id-dritt għal ***ażil*** u sabiex jiġu salvagwardjati l-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali milli jkollhom id-data tagħhom żvelata lil xi pajjiż terz. Dan ifisser li l-Istati Membri ma għandhomx jittrasferixxu informazzjoni miksuba mis-Sistema Ċentrali fir-rigward ta': l-isem(ismijiet); id-data tat-twelid; iċ-ċittadinanza; l-Istat Membru jew l-Istati Membri ta' oriġini jew l-Istat Membru ta' allokazzjoni; id-dettalji tad-dokument tal-identità jew tal-ivvjaġġar ; il-post u d-data ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali; in-numru ta' referenza użat mill-Istat Membru ta' oriġini; id-data ta' meta ttieħdu l-marki tas-swaba' kif ukoll id-data ta' meta l-Istat Membru ttrażmetta jew l-Istati Membri ttrażmettew id-data lill-Eurodac; il-user ID tal-operatur; u kwalunkwe informazzjoni marbuta ma' kwalunkwe trasferiment tas-suġġett tad-data taħt ir-Regolament(UE) Nru 604/2013. Dik il-projbizzjoni għandha tkun bla ħsara għad-dritt tal-Istati Membri li jittrasferixxu data bħal din lil pajjiżi terzi li japplika għalihom ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 [skont ir-Regolament (UE) Nru […/2016] rispettivament mar-regoli nazzjonali adottati skont id-Direttiva [2016/…/UE], sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi bħal dawn għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.	(50) It-trasferimenti ta' data personali miksuba minn Stat Membru taħt dan ir-Regolament mis-Sistema Ċentrali lejn kwalunkwe pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali jew entità privata stabbilita fl-Unjoni jew barra minnha għandha tkun ipprojbita, sabiex jiġi żgurat id-dritt għal ***asil*** u sabiex jiġu salvagwardjati l-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali milli jkollhom id-data tagħhom żvelata lil xi pajjiż terz. Dan ifisser li l-Istati Membri ma għandhomx jittrasferixxu informazzjoni miksuba mis-Sistema Ċentrali fir-rigward ta': l-isem(ismijiet); id-data tat-twelid; iċ-ċittadinanza; l-Istat Membru jew l-Istati Membri ta' oriġini jew l-Istat Membru ta' allokazzjoni; id-dettalji tad-dokument tal-identità jew tal-ivvjaġġar ; il-post u d-data ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali; in-numru ta' referenza użat mill-Istat Membru ta' oriġini; id-data ta' meta ttieħdu l-marki tas-swaba' ***u x-xbiha tal-wiċċ*** kif ukoll id-data ta' meta l-Istat Membru ttrażmetta jew l-Istati Membri ttrażmettew id-data lill-Eurodac; il-user ID tal-operatur; u kwalunkwe informazzjoni marbuta ma' kwalunkwe trasferiment tas-suġġett tad-data taħt ir-Regolament(UE) Nru 604/2013. Dik il-projbizzjoni għandha tkun bla ħsara għad-dritt tal-Istati Membri li jittrasferixxu data bħal din lil pajjiżi terzi li japplika għalihom ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 [skont ir-Regolament (UE) Nru […/2016] rispettivament mar-regoli nazzjonali adottati skont id-Direttiva [2016/…/UE], sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi bħal dawn għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Korrezzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni li ma żżidx fil-postijiet kollha meħtieġa kemm "il-marki tas-swaba'" kif ukoll "ix-xbiha tal-wiċċ", b'dan konformi mal-obbligu kif imsemmi fl-Artikolu 2.

Emenda 142
Judith Sargentini
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 51

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(51) ***F'każijiet individwali, l-informazzjoni*** miksuba mis-Sistema Ċentrali ***tista'*** tinqasam ma' pajjiż terz sabiex tassisti bl-identifikazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz f'relazzjoni mar-ritorn tiegħu/tagħha. ***Il-qsim ta' kull data personali jrid ikun soġġett għal kundizzjonijiet stretti. Meta tali informazzjoni tinqasam, ebda informazzjoni ma tista' tingħata lil pajjiż terz relatata mal-fatt li applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali saret minn ċittadin ta' pajjiż terz fejn il-pajjiż li l-individwu qed jintbagħat fih, huwa wkoll il-pajjiż tal-oriġini tal-individwu jew pajjiż terz fejn ikun se jintbagħat fih. Kull trasferiment ta' data lil pajjiż terz għall-identifikazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz irid isir skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu V tar-Regolament (UE) Nru. […2016].***	(51) ***L-informazzjoni*** miksuba mis-Sistema Ċentrali ***ma tistax*** tinqasam ma' pajjiż terz sabiex tassisti bl-identifikazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz f'relazzjoni mar-ritorn tiegħu/tagħha.

Or. en

Emenda 143
Gérard Deprez, Louis Michel, Petr Ježek

Proposta għal regolament
Premessa 69

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(69) Huwa xieraq li ***l-iskop territorjali*** ta' dan ir-Regolament ***ikun*** ristrett sabiex ikun allinjat ***mal-iskop territorjali*** tar-Regolament (UE) Nru […/…] ,	(69) Huwa xieraq li ***l-kamp ta' applikazzjoni*** ta' dan ir-Regolament ***jiġi*** ristrett sabiex ikun allinjat ***mal-kamp ta' applikazzjoni*** tar-Regolament (UE) Nru […/…]***, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar l-applikazzjoni tar-Regolament XXX/XXX*** ,

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Riformulazzjoni: Hawnhekk huwa meħtieġ li ssir referenza għar-regolament futur li jistabbilixxi Qafas tal-Unjoni għall-Risistemazzjoni f'dak li jikkonċerna l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu sabiex dan ir-regolament ikun jista' jiġi applikat.

Emenda 144
Louis Michel, Louis Michel, Petr Ježek

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) tiffaċilita l-implimentazzjoni tar-Regolament XXX/XXX f'konformità mad-dispożizzjonijiet previsti minn dak ir-Regolament.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Riformulazzjoni: din l-emenda għandha l-għan li żżid skop għal dan ir-Regolament peress li qed jiġi propost li fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jiżdideu d-data tal-persuni li għalihom Stat Membru jkun bi ħsiebu jesegwixxi proċedura ta' risistemazzjoni f'konformità mar-Regolament XXX/XXX.

Emenda 145
Malin Björk, Barbara Spinelli, Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) tassisti fil-kontroll tal-immigrazzjoni illegali lejn u movimenti	***imħassar***

sekondarji fl-Unjoni u bl-identifikazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti illegalment għad-determinazzjoni ta' miżuri xierqa li għandhom jittieħdu mill-Istati Membri, inkluża t-tneħħija u r-ripatriazzjoni ta' persuni residenti mingħajr awtorizzazzjoni.

3. L-Istati Membri jistgħu jintroduċu sanzjonijiet amministrattivi, skont il-liġi nazzjonali tagħhom, għal nuqqas ta' konformità mal-proċess tal-marki tas-swaba' u t-teħid tax-xbiha tal-wiċċ skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Dawn is-sanzjonijiet għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u disważivi. F'dan il-kuntest, id-detenzjoni għandha tintuża biss bħala l-aħħar alternattiva sabiex tiġi determinata jew verifikata l-identità ta' ċittadin ta' pajjiż terz.	3. L-Istati Membri jistgħu jintroduċu***,*** ***fejn xieraq,*** sanzjonijiet amministrattivi ***u ġġustifikati sew***, skont il-liġi nazzjonali tagħhom ***u b'rispett sħiħ għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea***, għal nuqqas ta' konformità mal-proċess tal-marki tas-swaba' u t-teħid tax-xbiha tal-wiċċ skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Dawn is-sanzjonijiet għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u disważivi. F'dan il-kuntest, id-detenzjoni***, għal żmien qasir skont kemm hu possibbli u meħtieġ,*** għandha tintuża biss bħala l-aħħar alternattiva ***wara konsulenza effettiva jekk ma hemm l-ebda mod*** sabiex tiġi determinata jew verifikata l-identità ta' ċittadin ta' pajjiż terz ***jew ta' persuna apolida u hemm riskju li persuna taħrab. Id-detenzjoni tal-minorenni għandha tkun ipprojbita***.

Or. en

Emenda 186
Lorenzo Fontana

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri jistgħu jintroduċu sanzjonijiet amministrattivi, skont il-liġi nazzjonali tagħhom, għal nuqqas ta' konformità mal-proċess tal-marki tas-swaba' u t-teħid tax-xbiha tal-wiċċ skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Dawn is-sanzjonijiet għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u disważivi. F'dan il-kuntest, id-detenzjoni għandha tintuża ***biss bħala l-aħħar alternattiva*** sabiex tiġi determinata jew verifikata l-identità ta' ċittadin ta' pajjiż terz.	3. L-Istati Membri jistgħu jintroduċu sanzjonijiet amministrattivi, skont il-liġi nazzjonali tagħhom, għal nuqqas ta' konformità mal-proċess tal-marki tas-swaba' u t-teħid tax-xbiha tal-wiċċ skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Dawn is-sanzjonijiet għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u disważivi. F'dan il-kuntest, id-detenzjoni għandha tintuża sabiex tiġi determinata jew verifikata l-identità ta' ċittadin ta' pajjiż terz.

Or. it

Emenda 187
Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri jistgħu jintroduċu sanzjonijiet amministrattivi, skont il-liġi nazzjonali tagħhom, għal nuqqas ta' konformità mal-proċess tal-marki tas-swaba' u t-teħid tax-xbiha tal-wiċċ skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Dawn is-sanzjonijiet għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u disważivi. F'dan il-kuntest, id-detenzjoni għandha tintuża biss bħala l-aħħar alternattiva sabiex tiġi determinata jew verifikata l-identità ta' ċittadin ta' pajjiż terz.	3. L-Istati Membri jistgħu jintroduċu sanzjonijiet amministrattivi, skont il-liġi nazzjonali tagħhom, għal nuqqas ta' konformità mal-proċess tal-marki tas-swaba' u t-teħid tax-xbiha tal-wiċċ skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Dawn is-sanzjonijiet għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u disważivi. F'dan il-kuntest, id-detenzjoni għandha tintuża biss bħala l-aħħar alternattiva sabiex tiġi determinata jew verifikata l-identità ta' ċittadin ta' pajjiż terz. ***F'kull każ individwali jeħtieġ li ssir valutazzjoni sabiex jiġi stabbilit jekk ġewx issodisfati l-prekundizzjonijiet kollha meħtieġa biex tiġi evitata d-detenzjoni arbitrarja.***

Or. en

Emenda 188
Judith Sargentini

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Mingħajr preġudizzju għal paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, meta t-teħid tal-marki tas-swaba’ jew tax-xbiha tal-wiċċ ma jkunx possibbli għal ċittadini ta’ pajjiż terz li jkunu meqjusa persuni vulnerabbli u minn minuri minħabba l-kundizzjonijiet tal-marki tas-swaba' jew tal-wiċċ, l-awtoritajiet ta' dan l-Istat Membri ma għandhomx jużaw sanzjonijiet biex jinfurzaw it-teħid tal-marki tas-swaba’ jew tax-xbiha tal-wiċċ. ***L-Istati Membri jistgħu jippruvaw mill-ġdid jieħdu l-marki tas-swaba' jew ix-xbiha tal-wiċċ ta'*** minorenni ***jew persuna vulnerabbli li jirrifjutaw li jikkooperaw, meta r-raġuni għan-nuqqas ta' konformità ma tkunx relatata mal-kundizzjonijiet*** tas-swaba' jew ix-xbiha tal-wiċċ ***jew is-saħħa tal-individwu u meta jkun ġustifikat li jagħmel dan. Meta minorenni, b’mod partikolari mhux akkumpanjat jew minorenni separat jirrifjuta li jagħti l-marki tas-swaba’ jew ix-xbiha tal-wiċċ u jkun hemm raġunijiet li wieħed jissospetta li hemm riskji ta’ salvagwardja jew protezzjoni tat-tfal, il-minorenni għandu jiġi referut lill-awtoritajiet*** nazzjonali għall-protezzjoni tat-tfal ***u / jew*** mekkaniżmi nazzjonali ta' riferiment.	4. Mingħajr preġudizzju għal paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, meta t-teħid tal-marki tas-swaba’ jew tax-xbiha tal-wiċċ ma jkunx possibbli għal ċittadini ta’ pajjiż terz li jkunu meqjusa persuni vulnerabbli u minn minuri minħabba l-kundizzjonijiet tal-marki tas-swaba' jew tal-wiċċ, l-awtoritajiet ta' dan l-Istat Membri ma għandhomx jużaw sanzjonijiet biex jinfurzaw it-teħid tal-marki tas-swaba’ jew tax-xbiha tal-wiċċ. ***Meta minorenni, b’mod partikolari mhux akkumpanjat jew*** minorenni ***separat, jirrifjuta li jagħti l-marki*** tas-swaba’ jew ix-xbiha tal-wiċċ***, il-minorenni għandu jiġi riferut lill-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tat-tfal, il-mekkaniżmi nazzjonali ta' riferiment jew it-tnejn. Għandha titwettaq valutazzjoni tal-ħtiġijiet speċifiċi bil-ħsieb li tinstab soluzzjoni dejjiema għat-tfal skont l-aħjar interessi tiegħu jew tagħha, mill-awtoritajiet*** nazzjonali għall-protezzjoni tat-tfal***, minn*** mekkaniżmi nazzjonali ta' riferiment ***oħrajn jew mit-tnejn***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija meħtieġa biex iżżomm il-loġika tat-test peress li għandha sservi biex tipproteġi lit-tfal vittmi ta' traffikar u tappoġġja l-identifikazzjoni u l-protezzjoni ta' tfal mhux akkumpanjati li jgħibu, jisparixxu jew jaħarbu, kif il-Kummissjoni Ewropea enfasizzat fil-memorandum ta' spjegazzjoni tagħha li jakkumpanja r-riformulazzjoni proposta tar-Regolament Eurodac. Sabiex jikkonforma mal-Artikoli 7, 8 u 24 tal-Karta, l-ipproċessar tad-data bijometrika tat-tfal mill-età żgħira ta' sitt snin jista' jiġi ġġustifikat biss jekk espressament isegwi objettiv għall-protezzjoni tat-tfal.

Emenda 189
Malin Björk, Barbara Spinelli, Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***Mingħajr preġudizzju għal paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, meta t-teħid tal-marki tas-swaba' jew tax-xbiha tal-wiċċ ma jkunx possibbli għal ċittadini ta' pajjiż terz li jkunu meqjusa persuni vulnerabbli u minn minuri minħabba l-kundizzjonijiet tal-marki tas-swaba' jew tal-wiċċ, l-awtoritajiet ta' dan l-Istat*** Membri ma għandhomx jużaw ***sanzjonijiet biex jinfurzaw*** it-teħid tal-marki tas-swaba' ***jew tax-xbiha tal-wiċċ***. L-Istati Membri jistgħu jippruvaw mill-ġdid jieħdu l-marki tas-swaba' ***jew ix-xbiha tal-wiċċ ta' minorenni jew*** persuna vulnerabbli li ***jirrifjutaw li jikkooperaw***, meta r-raġuni għan-nuqqas ta' konformità ma tkunx relatata mal-kundizzjonijiet tas-swaba' jew ***ix-xbiha tal-wiċċ jew*** is-saħħa tal-individwu u meta jkun ġustifikat li jagħmel dan**.** Meta minorenni, b'mod partikolari mhux akkumpanjat jew minorenni separat jirrifjuta li jagħti l-marki tas-swaba' jew ix-xbiha tal-wiċċ u jkun hemm raġunijiet li wieħed jissospetta li hemm riskji ta' salvagwardja jew protezzjoni tat-tfal, il-minorenni għandu jiġi referut lill-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tat-tfal u / jew mekkaniżmi nazzjonali ta' riferiment.	4. ***L-Istati*** Membri ma għandhomx jużaw ***is-sanzjonijiet biex jisfurzaw*** it-teħid tal-marki tas-swaba'. L-Istati Membri jistgħu jippruvaw mill-ġdid jieħdu l-marki tas-swaba' ***ta'*** persuna vulnerabbli li ***tirrifjuta li tikkoopera***, meta r-raġuni għan-nuqqas ta' konformità ma tkunx relatata mal-kundizzjonijiet tas-swaba' jew is-saħħa tal-individwu u meta jkun ġustifikat li jagħmel dan***, u dan għandu jsir b'mod adatt għall-età kif previst fl-Artikolu 2(2).*** Meta minorenni, b'mod partikolari mhux akkumpanjat jew minorenni separat jirrifjuta li jagħti l-marki tas-swaba' jew ix-xbiha tal-wiċċ u jkun hemm raġunijiet li wieħed jissospetta li hemm riskji ta' salvagwardja jew protezzjoni tat-tfal***, kif ivvalutat minn uffiċjal imħarreġ speċifikament biex jittratta mal-minorenni***, il-minorenni għandu jiġi referut lill-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tat-tfal u / jew mekkaniżmi nazzjonali ta' riferiment.

Or. en

Emenda 190
Anna Maria Corazza Bildt, Damiano Zoffoli, Barbara Matera, Petras Auštrevičius, Beatriz Becerra Basterrechea, Carlos Coelho, Hilde Vautmans

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

4. Mingħajr preġudizzju għal paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, meta t-teħid tal-marki tas-swaba’ jew tax-xbiha tal-wiċċ ma jkunx possibbli għal ċittadini ta’ pajjiż terz li jkunu meqjusa persuni vulnerabbli u minn minuri minħabba l-kundizzjonijiet tal-marki tas-swaba' jew tal-wiċċ, l-awtoritajiet ta' dan l-Istat Membri ma għandhomx jużaw sanzjonijiet biex jinfurzaw it-teħid tal-marki tas-swaba’ jew tax-xbiha tal-wiċċ. L-Istati Membri jistgħu jippruvaw mill-ġdid jieħdu l-marki tas-swaba' jew ix-xbiha tal-wiċċ ta' minorenni jew persuna vulnerabbli li jirrifjutaw li jikkooperaw, meta r-raġuni għan-nuqqas ta' konformità ma tkunx relatata mal-kundizzjonijiet tas-swaba' jew ix-xbiha tal-wiċċ jew is-saħħa tal-individwu u meta jkun ġustifikat li jagħmel dan. Meta minorenni, b’mod partikolari mhux akkumpanjat jew minorenni separat jirrifjuta li jagħti l-marki tas-swaba’ jew ix-xbiha tal-wiċċ u jkun hemm raġunijiet li wieħed jissospetta li hemm riskji ta’ salvagwardja jew protezzjoni tat-tfal, il-minorenni għandu jiġi referut lill-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tat-tfal u / jew mekkaniżmi nazzjonali ta' riferiment.	4. Mingħajr preġudizzju għal paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, meta t-teħid tal-marki tas-swaba’ jew tax-xbiha tal-wiċċ ma jkunx possibbli għal ċittadini ta’ pajjiż terz li jkunu meqjusa persuni vulnerabbli u minn minuri minħabba l-kundizzjonijiet tal-marki tas-swaba' jew tal-wiċċ, l-awtoritajiet ta' dan l-Istat Membri ma għandhomx jużaw sanzjonijiet biex jinfurzaw it-teħid tal-marki tas-swaba’ jew tax-xbiha tal-wiċċ. L-Istati Membri jistgħu jippruvaw mill-ġdid jieħdu l-marki tas-swaba' jew ix-xbiha tal-wiċċ ta' minorenni jew persuna vulnerabbli li jirrifjutaw li jikkooperaw, meta r-raġuni għan-nuqqas ta' konformità ma tkunx relatata mal-kundizzjonijiet tas-swaba' jew ix-xbiha tal-wiċċ jew is-saħħa tal-individwu u meta jkun ġustifikat li jagħmel dan. Meta minorenni, b’mod partikolari mhux akkumpanjat jew minorenni separat jirrifjuta li jagħti l-marki tas-swaba’ jew ix-xbiha tal-wiċċ u jkun hemm raġunijiet li wieħed jissospetta li hemm riskji ta’ salvagwardja jew protezzjoni tat-tfal, il-minorenni għandu jiġi referut lill-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tat-tfal u / jew mekkaniżmi nazzjonali ta' riferiment. Or. en

Emenda 191
Sylvia-Yvonne Kaufmann, Josef Weidenholzer, Vilija Blinkevičiūtė, Péter Niedermüller, Kati Piri, Maria Grapini, Juan Fernando López Aguilar, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Mingħajr preġudizzju għal paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, meta t-teħid tal-marki tas-swaba’ jew tax-xbiha tal-wiċċ ma jkunx possibbli għal ċittadini ta’ pajjiż terz li jkunu meqjusa persuni vulnerabbli u minn minuri minħabba l-kundizzjonijiet tal-marki tas-swaba' jew tal-wiċċ, l-awtoritajiet ta' dan l-Istat Membri ma	4. Mingħajr preġudizzju għal paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, meta t-teħid tal-marki tas-swaba’ jew tax-xbiha tal-wiċċ ma jkunx possibbli għal ċittadini ta’ pajjiż terz ***jew persuni apolidi*** li jkunu meqjusa persuni vulnerabbli u minn minuri minħabba l-kundizzjonijiet tal-marki tas-swaba' jew tal-wiċċ, l-awtoritajiet ta' dan l-

għandhomx jużaw sanzjonijiet biex jinfurzaw it-teħid tal-marki tas-swaba’ jew tax-xbiha tal-wiċċ. L-Istati Membri jistgħu jippruvaw mill-ġdid jieħdu l-marki tas-swaba' jew ix-xbiha tal-wiċċ ta' minorenni jew persuna vulnerabbli li jirrifjutaw li jikkooperaw, meta r-raġuni għan-nuqqas ta' konformità ma tkunx relatata mal-kundizzjonijiet tas-swaba' jew ix-xbiha tal-wiċċ jew is-saħħa tal-individwu u meta jkun ġustifikat li jagħmel dan. Meta minorenni, b’mod partikolari mhux akkumpanjat jew minorenni separat jirrifjuta li jagħti l-marki tas-swaba’ jew ix-xbiha tal-wiċċ u jkun hemm raġunijiet li wieħed jissospetta li hemm riskji ta’ salvagwardja jew protezzjoni tat-tfal, il-minorenni għandu jiġi referut lill-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tat-tfal u / jew mekkaniżmi nazzjonali ta' riferiment.

Istat Membri ma għandhomx jużaw sanzjonijiet biex jinfurzaw it-teħid tal-marki tas-swaba’ jew tax-xbiha tal-wiċċ ***u lanqas koerċizzjoni mentali jew fiżika***. L-Istati Membri jistgħu jippruvaw mill-ġdid jieħdu l-marki tas-swaba' jew ix-xbiha tal-wiċċ ta' minorenni jew persuna vulnerabbli li jirrifjutaw li jikkooperaw, meta r-raġuni għan-nuqqas ta' konformità ma tkunx relatata mal-kundizzjonijiet tas-swaba' jew ix-xbiha tal-wiċċ jew is-saħħa tal-individwu u meta jkun ġustifikat li jagħmel dan. Meta minorenni, b’mod partikolari mhux akkumpanjat jew minorenni separat jirrifjuta li jagħti l-marki tas-swaba’ jew ix-xbiha tal-wiċċ u jkun hemm raġunijiet li wieħed jissospetta li hemm riskji ta’ salvagwardja jew protezzjoni tat-tfal, il-minorenni għandu jiġi referut lill-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tat-tfal u / jew mekkaniżmi nazzjonali ta' riferiment.

Or. en

Emenda 192
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Mingħajr preġudizzju għal paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, meta t-teħid tal-marki tas-swaba’ jew tax-xbiha tal-wiċċ ma jkunx possibbli għal ċittadini ta’ pajjiż terz li jkunu meqjusa persuni vulnerabbli u minn minuri minħabba l-kundizzjonijiet tal-marki tas-swaba' jew tal-wiċċ, l-awtoritajiet ta' dan l-Istat Membri ma għandhomx jużaw sanzjonijiet biex jinfurzaw it-teħid tal-marki tas-swaba’ jew tax-xbiha tal-wiċċ. L-Istati Membri jistgħu jippruvaw mill-ġdid jieħdu l-marki tas-swaba' jew ix-xbiha tal-wiċċ ta' minorenni jew persuna vulnerabbli li jirrifjutaw li jikkooperaw, meta r-raġuni għan-nuqqas ta' konformità ma tkunx relatata mal-	4. Mingħajr preġudizzju għal paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, meta t-teħid tal-marki tas-swaba’ jew tax-xbiha tal-wiċċ ma jkunx possibbli għal ċittadini ta’ pajjiż terz ***jew persuni apolidi*** li jkunu meqjusa persuni vulnerabbli u minn minuri minħabba l-kundizzjonijiet tal-marki tas-swaba' jew tal-wiċċ, l-awtoritajiet ta' dan l-Istat Membri ma għandhomx jużaw sanzjonijiet biex jinfurzaw it-teħid tal-marki tas-swaba’ jew tax-xbiha tal-wiċċ. L-Istati Membri jistgħu jippruvaw mill-ġdid jieħdu l-marki tas-swaba' jew ix-xbiha tal-wiċċ ta' minorenni jew persuna vulnerabbli li jirrifjutaw li jikkooperaw, meta r-raġuni għan-nuqqas ta' konformità

kundizzjonijiet tas-swaba' jew ix-xbiha tal-wiċċ jew is-saħħa tal-individwu u meta jkun ġustifikat li jagħmel dan. Meta minorenni, b'mod partikolari mhux akkumpanjat jew minorenni separat jirrifjuta li jagħti l-marki tas-swaba' jew ix-xbiha tal-wiċċ u jkun hemm raġunijiet li wieħed jissospetta li hemm riskji ta' salvagwardja jew protezzjoni tat-tfal, il-minorenni għandu jiġi referut lill-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tat-tfal u / jew mekkaniżmi nazzjonali ta' riferiment.

ma tkunx relatata mal-kundizzjonijiet tas-swaba' jew ix-xbiha tal-wiċċ jew is-saħħa tal-individwu u meta jkun ġustifikat li jagħmel dan. Meta minorenni, b'mod partikolari mhux akkumpanjat jew minorenni separat jirrifjuta li jagħti l-marki tas-swaba' jew ix-xbiha tal-wiċċ u jkun hemm raġunijiet li wieħed jissospetta li hemm riskji ta' salvagwardja jew protezzjoni tat-tfal, il-minorenni għandu jiġi referut lill-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tat-tfal u / jew mekkaniżmi nazzjonali ta' riferiment.

Or. en

Emenda 193
Lorenzo Fontana

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Mingħajr preġudizzju għal paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, meta t-teħid tal-marki tas-swaba' jew tax-xbiha tal-wiċċ ma jkunx possibbli għal ċittadini ta' pajjiż terz li jkunu meqjusa persuni vulnerabbli u minn minuri minħabba l-kundizzjonijiet tal-marki tas-swaba' jew tal-wiċċ, l-awtoritajiet ta' dan l-Istat Membri ***ma għandhomx*** jużaw sanzjonijiet ***biex jinfurzaw it-teħid*** tal-marki tas-swaba' jew tax-xbiha tal-wiċċ. L-Istati Membri jistgħu jippruvaw mill-ġdid jieħdu l-marki tas-swaba' jew ix-xbiha tal-wiċċ ta' minorenni jew persuna vulnerabbli li jirrifjutaw li jikkooperaw, meta r-raġuni għan-nuqqas ta' konformità ma tkunx relatata mal-kundizzjonijiet tas-swaba' jew ix-xbiha tal-wiċċ jew is-saħħa tal-individwu u meta jkun ġustifikat li jagħmel dan. Meta minorenni, b'mod partikolari mhux akkumpanjat jew minorenni separat jirrifjuta li jagħti l-marki tas-swaba' jew ix-xbiha tal-wiċċ u jkun hemm raġunijiet li wieħed jissospetta li hemm riskji ta' salvagwardja jew protezzjoni tat-tfal, il-	4. Mingħajr preġudizzju għal paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, meta t-teħid tal-marki tas-swaba' jew tax-xbiha tal-wiċċ ma jkunx possibbli għal ċittadini ta' pajjiż terz li jkunu meqjusa persuni vulnerabbli u minn minuri minħabba l-kundizzjonijiet tal-marki tas-swaba' jew tal-wiċċ, l-awtoritajiet ta' dan l-Istat Membri ***għandhom*** jużaw sanzjonijiet ***jekk il-persuna ma tkunx bihsiebha tissottoponi ruħha għat-teħid*** tal-marki tas-swaba' jew tax-xbiha tal-wiċċ. L-Istati Membri jistgħu jippruvaw mill-ġdid jieħdu l-marki tas-swaba' jew ix-xbiha tal-wiċċ ta' minorenni jew persuna vulnerabbli li jirrifjutaw li jikkooperaw, meta r-raġuni għan-nuqqas ta' konformità ma tkunx relatata mal-kundizzjonijiet tas-swaba' jew ix-xbiha tal-wiċċ jew is-saħħa tal-individwu u meta jkun ġustifikat li jagħmel dan. Meta minorenni, b'mod partikolari mhux akkumpanjat jew minorenni separat jirrifjuta li jagħti l-marki tas-swaba' jew ix-xbiha tal-wiċċ u jkun hemm raġunijiet li wieħed jissospetta li hemm riskji ta'

minorenni għandu jiġi referut lill-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tat-tfal u / jew mekkaniżmi nazzjonali ta' riferiment.	salvagwardja jew protezzjoni tat-tfal, il-minorenni għandu jiġi referut lill-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tat-tfal u / jew mekkaniżmi nazzjonali ta' riferiment.
	Or. it

Emenda 194
Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-proċedura sabiex jittieħdu l-marki tas-swaba' u x-xbiha tal-wiċċ għandha tkun stabbilita u ***applikata f'konformità mal-prattika nazzjonali tal-Istat*** Membru kkonċernat u f'konformità mas-salvagwardji preskritti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, fil-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal.	5. Il-proċedura sabiex jittieħdu l-marki tas-swaba' u x-xbiha tal-wiċċ għandha tkun stabbilita u ***mmonitorjata, b'mod konġunt, mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil u l-FRA, abbażi tal-Lista ta' Kontroll 2015 tal-FRA[1a] u applikata mill-Istat*** Membru kkonċernat ***b'rispett sħiħ lejn id-dinjità tal-bniedem*** u f'konformità mas-salvagwardji preskritti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, fil-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal.
	[1a] Lista ta' Kontroll tal-FRA sabiex ikun hemm konformità mad-drittijiet fundamentali meta jittieħdu l-marki tas-swaba' għall-Eurodac, 2015 http://fra.europa.eu/en/publication/2015/fundamental-rights-implications-obligation-provide-fingerprints-eurodac#checklist
	Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont l-Artikolu 104 tar-Regoli ta' Proċedura, din l-emenda hija meħtieġa għaliex hija marbuta b'mod inseparabbli ma' emendi oħra ammissibbli relatati ma' skopijiet ulterjuri tal-

Eurodac (l-Artikolu 1), relatati ma' proċedura komuni stabbilita u mmonitorjata mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil u l-FRA - ara l-premessa 30.

Emenda 195
Gérard Deprez, Louis Michel, Hilde Vautmans, Petr Ježek

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-proċedura sabiex jittieħdu l-marki tas-swaba' u x-xbiha tal-wiċċ għandha tkun stabbilita u applikata f'konformità mal-prattika nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat ***u f'konformità mas-salvagwardji*** preskritti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, fil-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal.	5. ***Jenthieġ li t-teħid tal-marki tas-swaba' u tax-xbiha tal-wiċċ jitwettqu b'rispett sħiħ għad-dinjità tal-bniedem.*** Il-proċedura sabiex jittieħdu l-marki tas-swaba' u x-xbiha tal-wiċċ għandha tkun stabbilita u applikata f'konformità mal-prattika nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat***, f'konformità mal-approċċ komuni deskritt fl-Anness ta' dan ir-Regolament, u b'osservanza tad-dispożizzjonijiet ta' salvagwardja*** preskritti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, fil-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Riformulazzjoni: Ir-riżultati ta' stħarriġ juru li xi Stati Membri jawtorizzaw ir-rikors għad-detenzjoni sabiex jiżguraw ruħhom li l-migranti jagħtu l-marki tas-swaba tagħhom, xi whud jawtorizzaw l-użu ta' livell proporzjonat ta' sfurzar, filwaqt li oħrajn ma jużaw la d-detenzjoni u lanqas l-isfurzar. Għalhekk huwa neċessarju li jiġu armonizzati l-prattiki eżistenti sabiex ikun żgurat li l-obbligi tagħhom skont ir-Regolament Eurodac jiġu sodisfatti bl-istess livell ta' garanziji. Approċċ komuni żviluppat mill-Kummissjoni fid-dokument SWD(2015)150 final.

Emenda 196
Gérard Deprez, Louis Michel, Petr Ježek

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(aa) "ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li għalihom Stat Membru bi ħsiebu jeżegwixxi proċedura ta' risistemazzjoni" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li Stat Membru jkun bdiet proċedura ta' risistemazzjoni kontrihom f'konformità mal-Artikolu 10(2) tar-Regolament XXX/XXX.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Riformulazzjoni: din l-emenda għandha l-għan li żżid id-definizzjoni tal-kategorija l-ġdida ta' persuni li qed jiġi propost li d-data dwarhom tiġi rreġistrata fl-Eurodac. Għalhekk huwa neċessarji, hawnhekk, li ssir referenza għar-Regolament XXX/XXX.

Emenda 197
Gérard Deprez, Louis Michel, Petr Ježek

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b– punt i (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ia) fil-każ ta' persuna koperta bl-Artikolu 12(a), l-Istat Membru li jittrażmetti d-data ta' natura personali lis-Sistema Ċentrali u li jirċievi r-riżultati tat-tqabbil;

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Riformulazzjoni: din l-emenda hija relatata mal-proposta ta' żieda ta' kategorija ġdida (il-Kapitolu IIa ġdid) u għandha l-għan li tiżgura l-koerenza tat-test fir-rigward ta' din iż-żieda.

Emenda 198
Judith Sargentini
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) "permanenza ***illegali***" tfisser il-	(d) "permanenza ***irregolari***" tfisser il-

preżenza fit-territorju ta’ Stat Membru, ta' ċittadin ta' pajjiż terz li ma jissodisfax, jew li ma għadux jissodisfa l-kundizzjonijiet tad-dħul kif stabbiliti fl-Artikolu 5 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen jew kundizzjonijiet oħra għad-dħul, permanenza jew residenza f'dan l-Istat Membri;	preżenza fit-territorju ta’ Stat Membru, ta' ċittadin ta' pajjiż terz li ma jissodisfax, jew li ma għadux jissodisfa l-kundizzjonijiet tad-dħul kif stabbiliti fl-Artikolu 5 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen jew kundizzjonijiet oħra għad-dħul, permanenza jew residenza f'dan l-Istat Membri;

Or. en

Emenda 199
Malin Björk, Barbara Spinelli, Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) "permanenza ***illegali***" tfisser il-preżenza fit-territorju ta’ Stat Membru, ta' ċittadin ta' pajjiż terz li ma jissodisfax, jew li ma għadux jissodisfa l-kundizzjonijiet tad-dħul kif stabbiliti fl-Artikolu 5 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen jew kundizzjonijiet oħra għad-dħul, permanenza jew residenza f'dan l-Istat Membri;	(d) "permanenza ***irregolari***" tfisser il-preżenza fit-territorju ta’ Stat Membru, ta' ċittadin ta' pajjiż terz li ma jissodisfax, jew li ma għadux jissodisfa l-kundizzjonijiet tad-dħul kif stabbiliti fl-Artikolu 5 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen jew kundizzjonijiet oħra għad-dħul, permanenza jew residenza f'dan l-Istat Membri; *(Din l-emenda tapplika għat-test leġiżlattiv kollu li qed jiġi eżaminat. L-adozzjoni tagħha timponi adattamenti tekniċi fit-test kollu.)*

Or. en

Emenda 200
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) "permanenza illegali" tfisser il-preżenza fit-territorju ta’ Stat Membru, ta' ċittadin ta' pajjiż terz li ma ***jissodisfax***, jew li ma ***għadux jissodisfa*** l-kundizzjonijiet	(d) "permanenza illegali" tfisser il-preżenza fit-territorju ta’ Stat Membru, ta' ċittadin ta' pajjiż terz ***jew persuna apolida*** li ma ***tissodisfax***, jew li ma ***għadhiex***

tad-dħul kif stabbiliti fl-Artikolu 5 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen jew kundizzjonijiet oħra għad-dħul, permanenza jew residenza f'dan l-Istat ***Membri***;	***tissodisfa*** l-kundizzjonijiet tad-dħul kif stabbiliti fl-Artikolu 5 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen jew kundizzjonijiet oħra għad-dħul, permanenza jew residenza f'dan l-Istat ***Membru***;

Or. en

Emenda 201
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) "hit" tfisser l-eżistenza ta' tqabbila jew tqabbil stabbilit mis-Sistema Ċentrali permezz ta' tqabbil bejn informazzjoni dwar marki tas-swaba' rreġistrata fil-bażi tad-data ċentrali kompjuterizzata u dawk trażmessi minn Stat Membru fir-rigward ta' persuna, mingħajr preġudizzju għall-ħtieġa li Stati Membri jiċċekkjaw immedjatament ir-riżultati tat-tqabbil skont l-Artikolu 26(4);	(f) "hit" tfisser l-eżistenza ta' tqabbila jew tqabbil stabbilit mis-Sistema Ċentrali permezz ta' tqabbil bejn informazzjoni dwar marki tas-swaba' ***u xbiha tal-wiċċ*** rreġistrata fil-bażi tad-data ċentrali kompjuterizzata u dawk trażmessi minn Stat Membru fir-rigward ta' persuna, mingħajr preġudizzju għall-ħtieġa li Stati Membri jiċċekkjaw immedjatament ir-riżultati tat-tqabbil skont l-Artikolu 26(4);

Or. en

Ġustifikazzjoni

Korrezzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni li ma żżidx fil-postijiet kollha meħtieġa kemm "il-marki tas-swaba'" kif ukoll "ix-xbiha tal-wiċċ", b'dan konformi mal-obbligu kif imsemmi fl-Artikolu 2.

Emenda 202
Malin Björk, Barbara Spinelli, Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) "Europol" tfisser l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija kif stabbilit bid-Deċiżjoni 2009/371/ĠAI;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

In its original form, the Eurodac Regulation was conceived to assist in the detection of multiple asylum applications. As such, access to data was restricted to immigration and asylum authorities. In 2013, the Eurodac Regulation was amended to introduce the possibility for Member States' law enforcement authorities and Europol to access Eurodac for the purposes of prevention, detection and investigation of terrorist offences and other serious criminal offences.The proposal to add a secondary objective not envisaged in the original architecture of the system raised considerable concerns. In its opinion, the European Data Protection Supervisor (EDPS) argued that the necessity and proportionality of law enforcement access were not sufficiently demonstrated and applicable data protection law aspects had not been sufficiently considered. In particular, it argued that the additional purpose of Eurodac was hard to reconcile with the principle of purpose limitation, and that the access to a database of vulnerable persons was potentially discriminatory. The rapporteur has opened up this part of the regulation in order to give Europol direct access to the Eurodac database. However, the concerns raised in 2013 against the enlargement of the scope remains, and there has yet not been a assessment of necessity or proportionality. As long as necessity and proportionality have not been proven for each of these elements, the Regulation risks violating the Charter and could be challenged before the CJEU. As recommended by the EDPS, such an expansion should not be done before a careful assessment of the suitability of Eurodac to meet these objectives.

Emenda 203
Gérard Deprez, Louis Michel, Petr Ježek

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(j) "***data tal-Eurodac***" tfisser id-data kollha maħżuna fis-Sistema Ċentrali ***taħt l-Artikolu*** 12, l-Artikolu ***13(2)*** u l-Artikolu 14(2) ;	(j) "***id-data fil-Eurodac***" tfisser id-data kollha maħżuna fis-Sistema Ċentrali ***f'konformità mal-Artikolu*** 12, l-Artikolu ***12(a), l-Artikolu 13(2)*** u l-Artikolu 14(2);

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Riformulazzjoni: din l-emenda hija relatata mal-proposta ta' żieda ta' kategorija ġdida (il-Kapitolu IIa ġdid) u għandha l-għan li tiżgura l-koerenza tat-test fir-rigward ta' din iż-żieda.

Emenda 204
Judith Sargentini
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(j) "data tal-Eurodac" tfisser id-data kollha maħżuna fis-Sistema Ċentrali taħt l-Artikolu 12***, l-Artikolu 13(2)*** u l-Artikolu ***14(2)*** ;	(j) "data tal-Eurodac" tfisser id-data kollha maħżuna fis-Sistema Ċentrali taħt l-Artikolu 12 u l-Artikolu ***13(2)***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija ammissibbli peress li hija marbuta b'mod inseparabbli mal-emendi ammissibbli li jħassru l-Artikoli 14(1), 14(2), 14(4), 14(5) u 14(6)

Emenda 205
Malin Björk, Marina Albiol Guzmán, Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(k) "infurzar tal-liġi" tfisser il-prevenzjoni, ir-rintraċċar jew l-investigazzjoni ta reati terroristiċi jew ta' reati kriminali serji oħra;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

In its original form, the Eurodac Regulation was conceived to assist in the detection of multiple asylum applications. As such, access to data was restricted to immigration and asylum authorities. In 2013, the Eurodac Regulation was amended to introduce the possibility for Member States' law enforcement authorities and Europol to access Eurodac for the purposes of prevention, detection and investigation of terrorist offences and other serious criminal offences.The proposal to add a secondary objective not envisaged in the original architecture of the system raised considerable concerns. In its opinion, the European Data Protection Supervisor (EDPS) argued that the necessity and proportionality of law enforcement access were not sufficiently demonstrated and applicable data protection law aspects had not been sufficiently considered. In particular, it argued that the additional purpose of Eurodac was hard to reconcile with the principle of purpose limitation, and that the access to a database of vulnerable persons was potentially discriminatory. The rapporteur has opened up this part of the regulation in order to give Europol direct access to the Eurodac database. However, the concerns raised in 2013 against the enlargement of the

scope remains, and there has yet not been a assessment of necessity or proportionality. As long as necessity and proportionality have not been proven for each of these elements, the Regulation risks violating the Charter and could be challenged before the CJEU. As recommended by the EDPS, such an expansion should not be done before a careful assessment of the suitability of Eurodac to meet these objectives.

Emenda 206
Monika Hohlmeier, Heinz K. Becker, Jeroen Lenaers, Rachida Dati, Brice Hortefeux, Mariya Gabriel, Monika Hohlmeier

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(k) "infurzar tal-liġi" tfisser il-prevenzjoni, ir-rintraċċar ***jew l-investigazzjoni ta*** reati terroristiċi jew ta' reati kriminali serji oħra;	(k) "infurzar tal-liġi" tfisser il-prevenzjoni, ir-rintraċċar***, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta'*** reati terroristiċi jew ta' reati kriminali serji oħra;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emend atapplika għat-test kollu u hija konformi maż-żieda tal-paragrafu (c) ġdid tal-Artikolu (1).

Emenda 207
Malin Björk, Barbara Spinelli, Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt l

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(l) "reati terroristiċi" tfisser ir-reati taħt il-liġi nazzjonali li jikkorrispondu jew huma ekwivalenti għal dawk imsemmija fl-Artikoli minn 1 sa 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/475/ĠAI;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

In its original form, the Eurodac Regulation was conceived to assist in the detection of multiple asylum applications. As such, access to data was restricted to immigration and asylum authorities. In 2013, the Eurodac Regulation was amended to introduce the possibility

for Member States' law enforcement authorities and Europol to access Eurodac for the purposes of prevention, detection and investigation of terrorist offences and other serious criminal offences.The proposal to add a secondary objective not envisaged in the original architecture of the system raised considerable concerns. In its opinion, the European Data Protection Supervisor (EDPS) argued that the necessity and proportionality of law enforcement access were not sufficiently demonstrated and applicable data protection law aspects had not been sufficiently considered. In particular, it argued that the additional purpose of Eurodac was hard to reconcile with the principle of purpose limitation, and that the access to a database of vulnerable persons was potentially discriminatory. The rapporteur has opened up this part of the regulation in order to give Europol direct access to the Eurodac database. However, the concerns raised in 2013 against the enlargement of the scope remains, and there has yet not been a assessment of necessity or proportionality. As long as necessity and proportionality have not been proven for each of these elements, the Regulation risks violating the Charter and could be challenged before the CJEU. As recommended by the EDPS, such an expansion should not be done before a careful assessment of the suitability of Eurodac to meet these objectives.

Emenda 208
Monika Hohlmeier, Heinz K. Becker, Jeroen Lenaers, Rachida Dati, Brice Hortefeux, Mariya Gabriel, Artis Pabriks

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt l

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(l) "reati terroristiċi" tfisser ir-reati ***taħt il-liġi nazzjonali li jikkorrispondu jew huma ekwivalenti għal dawk imsemmija fl-Artikoli minn 1 sa 4 tad-Deċiżjoni*** Qafas 2002/475/ĠAI***;***	(l) "reati terroristiċi" tfisser ir-reati ***msemmija fl-Artikoli 3 sa 12 tad-Direttiva (EU) 2017/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni*** Qafas ***tal-Kunsill*** 2002/475/ĠAI ***u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI].***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Qafas 2002/475/ĠAI kienu integrati fid-direttiva l-ġdida dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu, ivvutata fil-Parlament Ewropew fis-16 ta' Frar 2017.

Emenda 209
Judith Sargentini
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt n

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(n) "data tal-marki tas-swaba'" tfisser id-data li tirrigwarda impressjonijiet sempliċi u rrolljati tal-għaxar swaba' fejn preżenti , jew ta' marka latenti tas-swaba';	(n) "data tal-marki tas-swaba'" tfisser id-data li tirrigwarda impressjonijiet sempliċi u rrolljati tal-għaxar swaba' fejn preżenti***, jew għall-inqas tas-swaba' werrejja***, jew ta' marka latenti tas-swaba';

Or. en

Emenda 210
Malin Björk, Barbara Spinelli, Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt o

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(o) "xbiha tal-wiċċ" tfisser xbiha diġitali tal-wiċċ li jkun fiha biżżejjed riżoluzzjoni u kwalità biex tintuża għal tqabbil bijometriku.	***imħassar***

Or. en

Emenda 211
Gérard Deprez, Louis Michel, Petr Ježek

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt oa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(oa) "persuna apolida" tfisser persuna li hija kkunsidrata li mhi ċittadina ta' l-ebda stat skont il-liġi tiegħu.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Definizzjoni tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1954 dwar l-Istatus ta' Persuni Apolidi

Emenda 212
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt oa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(oa) "dejta alfanumerika" tfisser dejta rrappreżentata minn ittri, numri, karattri speċjali, spazji u marki tal-punteġġjatura;

Or. en

Ġustifikazzjoni

B'mod konformi ma' emenda oħra li tippermetti t-tfittxija f'dejta alfanumerika.

Emenda 213
Gérard Deprez, Louis Michel, Petr Ježek

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***Data*** dwar persuni koperti ***bl-Artikoli 10(1),*** 13(1) u 14(1) li tiġi proċessata fis-Sistema Ċentrali għandha tiġi proċessata f'isem l-Istat Membru ta' oriġini taħt il-kundizzjonijiet preskritti f'dan ir-Regolament u separata b'mezzi tekniċi xierqa.	4. ***Id-data*** dwar persuni koperti ***mill-Artikolu 10(1), l-Artikolu 12a u l-Artikoli*** 13(1) u 14(1) li tiġi proċessata fis-Sistema Ċentrali għandha tiġi proċessata f'isem l-Istat Membru ta' oriġini taħt il-kundizzjonijiet preskritti f'dan ir-Regolament u separata b'mezzi tekniċi xierqa.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Riformulazzjoni: l-emenda hija relatata mal-proposta ta' żieda ta' kategorija ġdida (kapitolu IIa ġdid) u għandha l-għan li tiżgura l-koerenza tat-test fir-rigward ta' din iż-żieda.

Emenda 214
Malin Björk, Barbara Spinelli, Marina Albiol Guzmán, Dennis de Jong

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. eu-LISA għandha titħalla tuża data personali reali tas-sistema ta' produzzjoni tal-Eurodac għal finijiet ta' ttestjar fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:	***imħassar***
(a)għal dijanjostiċi u tiswija meta jinstabu difetti fis-Sistema Ċentrali; u	
(b)għall-ittestjar ta' teknoloġiji u tekniċi ġodda relevanti biex itejbu l-prestazzjoni tas-Sistema Ċentrali jew it-trażmissjoni tad-data lejha.	
F'każijiet bħal dawn, il-miżuri tas-sigurtà, il-kontroll tal-aċċess u attivitajiet ta' lloggjar fl-ambjent ta' ttestjar għandhom ikunu ugwali għal dawk tas-sistema ta' produzzjoni tal-Eurodac. Data personali reali adottata għall-ittestjar għandha ssir anonima b'tali mod li s-suġġett tad-data ma jibqax aktar identifikabbli.	

Or. en

Emenda 215
Judith Sargentini
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. eu-LISA għandha titħalla tuża data personali reali tas-sistema ta' produzzjoni tal-Eurodac għal finijiet ta' ttestjar fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:	***imħassar***
(a)għal dijanjostiċi u tiswija meta jinstabu difetti fis-Sistema Ċentrali; u	
(b)għall-ittestjar ta' teknoloġiji u tekniċi ġodda relevanti biex itejbu l-prestazzjoni tas-Sistema Ċentrali jew it-trażmissjoni tad-data lejha.	
F'każijiet bħal dawn, il-miżuri tas-sigurtà, il-kontroll tal-aċċess u attivitajiet ta' lloggjar fl-ambjent ta' ttestjar għandhom ikunu ugwali għal dawk tas-sistema ta'	

produzzjoni tal-Eurodac. Data personali reali adottata għall-ittestjar għandha ssir anonima b'tali mod li s-suġġett tad-data ma jibqax aktar identifikabbli.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont il-kummenti tas-Sorveljant Ewropew tal-Protezzjoni tad-Data: minħabba r-riskji tal-użu ta' data reali għal finijiet ta' ittestjar u l-assenza ta' valur miżjud tal-użu ta' tali data, l-EDPS jirrakomanda t-tħassir tal-Artikolu 5(2) tal-proposta ta' riformulazzjoni li jippermetti l-użu ta' data reali għall-finijiet ta' ittestjar.

Emenda 216
Sylvia-Yvonne Kaufmann, Josef Weidenholzer, Vilija Blinkevičiūtė, Péter Niedermüller, Kati Piri, Maria Grapini, Juan Fernando López Aguilar, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
eu-LISA għandha titħalla tuża data personali reali tas-sistema ta' produzzjoni tal-Eurodac għal finijiet ta' ttestjar fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:	***Eu-LISA*** għandha titħalla tuża data personali reali tas-sistema ta' produzzjoni tal-Eurodac għal finijiet ta' ttestjar ***u f'konformità stetta mal-Artikolu 17 tar-Regolamenti tal-Persunal dwar is-sigriet professjonali għal kull persuna involuta fl-ittestjar biss*** fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

Or. en

Emenda 217
Gérard Deprez, Louis Michel, Petr Ježek

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
eu-LISA għandha titħalla tuża ***data*** personali reali ***tas-sistema*** ta' produzzjoni tal-Eurodac għal finijiet ta' ttestjar fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:	***L-eu-LISA*** għandha titħalla tuża ***d-data*** personali reali ***li tkun ġejja mis-sistema*** ta' produzzjoni tal-Eurodac għal finijiet ta' ttestjar***, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet previsti mir-Regolament (UE) 2016/679,*** fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

Or. fr

Emenda 218
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
eu-LISA għandha titħalla tuża data personali reali tas-sistema ta' produzzjoni tal-Eurodac għal finijiet ta' ttestjar fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:	eu-LISA għandha titħalla tuża data personali reali tas-sistema ta' produzzjoni tal-Eurodac għal finijiet ta' ttestjar ***u ta' irfinar*** fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

Or. en

Emenda 219
Gérard Deprez, Louis Michel, Petr Ježek

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F'każijiet bħal dawn, il-miżuri tas-sigurtà, il-kontroll tal-aċċess u attivitajiet ta' lloggjar fl-ambjent ta' ttestjar għandhom ikunu ugwali għal dawk tas-sistema ta' produzzjoni tal-Eurodac. Data personali reali adottata għall-ittestjar għandha ssir anonima b'tali mod li s-suġġett tad-data ma jibqax aktar identifikabbli.	F'każijiet bħal dawn, il-miżuri tas-sigurtà, il-kontroll tal-aċċess u attivitajiet ta' lloggjar fl-ambjent ta' ttestjar għandhom ikunu ugwali għal dawk tas-sistema ta' produzzjoni tal-Eurodac. Data personali reali adottata għall-ittestjar għandha ssir anonima b'tali mod li s-suġġett tad-data ma jibqax aktar identifikabbli. ***L-eu-Lisa għandha tiżgura li s-salvagwardji xierqa fir-rigward l-aċċess għal data minn kuntratturi esterni jiġu rispettati skont id-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 24 u 28 tar-Regolament (UE) 2016/679.***

Or. fr

Emenda 220
Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F’każijiet bħal dawn, il-miżuri tas-sigurtà, il-kontroll tal-aċċess u attivitajiet ta' lloggjar fl-ambjent ta' ttestjar għandhom ikunu ugwali għal dawk tas-sistema ta' produzzjoni tal-Eurodac. Data personali reali adottata għall-ittestjar għandha ssir anonima b’tali mod li s-suġġett tad-data ma jibqax aktar identifikabbli.	F’każijiet bħal dawn, il-miżuri tas-sigurtà, il-kontroll tal-aċċess u attivitajiet ta' lloggjar fl-ambjent ta' ttestjar għandhom ikunu ugwali għal dawk tas-sistema ta' produzzjoni tal-Eurodac. Data personali reali adottata għall-ittestjar għandha ***tkun soġġetta għal kundizzjonijiet stretti u*** ssir anonima b’tali mod li s-suġġett tad-data ma jibqax aktar identifikabbli. ***Id-data kollha personali għandha tiġi mħassra direttament u b'mod permanenti mill-ambjent tal-ittestjar wara li jkunu ntlaħqu l-għanijiet tal-ittestjar jew it-testijiet ikunu ġew ikkompletati.***

Or. en

Emenda 221
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F’każijiet bħal dawn, il-miżuri tas-sigurtà, il-kontroll tal-aċċess u attivitajiet ta' lloggjar fl-ambjent ta' ttestjar għandhom ikunu ugwali għal dawk tas-sistema ta' produzzjoni tal-Eurodac. Data personali reali adottata għall-ittestjar għandha ssir anonima b’tali mod li s-suġġett tad-data ma jibqax aktar identifikabbli.	F’każijiet bħal dawn, il-miżuri tas-sigurtà, il-kontroll tal-aċċess u attivitajiet ta' lloggjar fl-ambjent ta' ttestjar għandhom ikunu ugwali għal dawk tas-sistema ta' produzzjoni tal-Eurodac. Data personali reali adottata għall-ittestjar għandha ssir anonima b’tali mod li s-suġġett tad-data ma jibqax aktar identifikabbli. ***Wara li jkunu ġew ikkompletati l-għanijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu, id-data personali reali għandha titħassar b'mod permanenti mill-ambjent tal-ittestjar.***

Or. en

Emenda 222
Gérard Deprez, Louis Michel, Petr Ježek

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) L-interoperabilità ma' sistemi oħra ta' informazzjoni

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Riformulazzjoni: Jispeċifika li l-EU-Lisa tkun responsabbli għall-iżvilupp futur ta' kanali siguri ta' komunikazzoni bejn is-Sistema Ċentrali tal-Eurodac u sistemi oħra.

Emenda 223
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1)(c), l-Istati Membri għandhom jaħtru l-awtoritajiet li jkunu awtorizzati li jitolbu tqabbil mad-data tal-Eurodac konformement ma' dan ir-Regolament. L-awtoritajiet maħtura għandhom ikunu awtoritajiet tal-Istati Membri li huma responsabbli għall-prevenzjoni, ir-rintraċċar u l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew ta' reati serji oħra. ***L-awtoritajiet maħtura m'għandhomx jinkludu aġenziji jew unitajiet esklużivament responsabbli għall-intelligence b'rabta mas-sigurtà nazzjonali.***	1. Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1)(c), l-Istati Membri għandhom jaħtru l-awtoritajiet li jkunu awtorizzati li jitolbu tqabbil mad-data tal-Eurodac konformement ma' dan ir-Regolament. L-awtoritajiet maħtura għandhom ikunu awtoritajiet tal-Istati Membri li huma responsabbli għall-prevenzjoni, ir-rintraċċar u l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew ta' reati serji oħra.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mhuwiex ċara għaliex iddaħħlet esklużjoni speċifika fit-test għall-aġenziji jew unitajiet responsabbli esklużivament mill-intelligence relatat mas-sigurtà nazzjonali relatata mal-għan stipulat fl-Artikolu 1(1)(c). Il-kundizzjonijiet li taħthom l-awtoritajiet maħtura mill-Istati Membri jistgħu jitolbu l-aċċess għad-data tal-Eurodac huma rregolati f'dan ir-regolament. Liema awtoritajiet maħtura l-Istat Membru juża biex jimplementa l-obbligu tiegħu għall-

prevenzjoni, id-detezzjoni jew l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew ta' reati kriminali serji oħra hija għażla tal-Istat Membru nnifsu.

Emenda 224
Sylvia-Yvonne Kaufmann, Josef Weidenholzer, Vilija Blinkevičiūtė, Péter Niedermüller, Kati Piri, Maria Grapini, Juan Fernando López Aguilar, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kull Stat Membru għandu jżomm elenku tal-awtoritajiet maħtura.	2. Kull Stat Membru għandu jżomm elenku tal-awtoritajiet maħtura ***u jikkomunikah minnufih lill-Kummissjoni u lill-eu-LISA. Eu-LISA għandha tippubblika l-lista kkonsolidata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Fejn dik il-lista tkun ġiet emendata, eu-LISA għandha tippubblika online lista kkonsolidata aġġornata darba fis-sena***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija relatata mal-Artikolu 1(1)c) mibdul tal-proposta tal-Kummissjoni.

Emenda 225
Malin Björk, Barbara Spinelli, Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 7	***imħassar***
L-awtoritajiet ta' verifika tal-Istati Membri għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi	
1.	
Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1)(c), kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità waħda nazzjonali jew unità ta' tali awtorità biex taġixxi bħala l-awtorità ta' verifika tagħha. L-awtorità ta' verifika għandha tkun awtorità tal-Istat Membru	

responsabbli għall-prevenzjoni, ir-rintraċċar u l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew ta' reati serji oħra.

L-awtorità maħtura u l-awtorità ta' verifika jistgħu jkunu parti mill-istess organizzazzjoni jekk dan ikun permess taħt il-liġi nazzjonali, iżda l-awtorità ta' verifika għandha taġixxi b'mod indipendenti meta taqdi l-kompiti tagħha taħt dan ir-Regolament. L-awtorità ta' verifika għandha tkun separata mill-unitajiet operattivi msemmija fl-Artikolu 6(3) u ma għandhiex tirċievi struzzjonijiet minn għandhom fir-rigward tal-eżitu tal-verifika.

L-Istati Membri jistgħu jaħtru aktar minn awtorità ta' verifika waħda biex jirriflettu l-istruttura organizzattiva u amministrattiva tagħhom, skont ir-rekwiżiti kostituzzjonali jew legali tagħhom.

2.

L-awtorità ta' verifika għandha tiżgura li l-kundizzjonijiet għat-talba għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' mad-data tal-Eurodac jiġu ssodisfati.

Huwa biss persunal tal-awtorità ta' verifika li jingħata s-setgħat meħtieġa li għandu jkun awtorizzat li jirċievi u jittrażmetti talba għal aċċess għall-Eurodac skont it-termini tal-Artikolu 20.

Hija biss l-awtorità ta' verifika li għandha tkun awtorizzata li tressaq talbiet għal tqabbil tal-marki tas-swaba' u tax-xbiha tal-wiċċ lill-Punt ta' Aċċess Nazzjonali.

(Din l-emenda tapplika għat-test leġiżlattiv kollu li qed jiġi eżaminat. L-adozzjoni tagħha timponi adattamenti tekniċi fit-test kollu.)

Or. en

Ġustifikazzjoni

In its original form, the Eurodac Regulation was conceived to assist in the detection of multiple asylum applications. As such, access to data was restricted to immigration and asylum authorities. In 2013, the Eurodac Regulation was amended to introduce the possibility

for Member States' law enforcement authorities and Europol to access Eurodac for the purposes of prevention, detection and investigation of terrorist offences and other serious criminal offences.The proposal to add a secondary objective not envisaged in the original architecture of the system raised considerable concerns. In its opinion, the European Data Protection Supervisor (EDPS) argued that the necessity and proportionality of law enforcement access were not sufficiently demonstrated and applicable data protection law aspects had not been sufficiently considered. In particular, it argued that the additional purpose of Eurodac presented a 'function creep' and was hard to reconcile with the principle of purpose limitation, and that the access to a database of vulnerable persons (international protection applicants) was potentially discriminatory.The rapporteur has opened up this part of the regulation in order to give Europol direct access to the Eurodac database.However, the concerns raised in 2013 against the enlargement of the scope remains, and there has yet not been a assessment of necessity or proportionality. As long as necessity and proportionality have not been proven for each of these elements, the Regulation risks violating the Charter and could be challenged before the CJEU. As recommended by the EDPS, such an expansion should not be done before a careful assessment of the suitability of Eurodac to meet these objectives.

Emenda 226
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità ta' verifika għandha tiżgura li l-kundizzjonijiet għat-talba għat-tqabbil ***tal-marki*** tas-swaba' mad-data tal-Eurodac jiġu ssodisfati.	L-awtorità ta' verifika għandha tiżgura li l-kundizzjonijiet għat-talba għat-tqabbil ***ta' marki*** tas-swaba'***, l-immaġni tal-wiċċ u data alfanumerika*** mad-data tal-Eurodac jiġu ssodisfati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Correction of the commission'sproposal that doesn't insert in all the required places both 'fingerprints' and'facial image', which is in line with the obligation as mentioned in article 2. Regarding the search possibility alphanumeric data: Under the proposal,national law enforcement authorities and Europol cannot request comparison with specific alphanumeric data, which is highly detrimental to investigations, especially in the counter-terrorism field,trying to establish the places and dates of entry in the EU of suspects forwhich a used identity is known, but no fingerprint is available. In thiscontext, and given that Art.1.1(c) of the proposal, extends its scope ofEurodac to law enforcement purposes, it would be essential for national lawenforcement authorities and Europol to have access to all data contained inEurodac in order to properly carry out their tasks.

Emenda 227
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Hija biss l-awtorità ta' verifika li għandha tkun awtorizzata li tressaq talbiet għal tqabbil tal-marki tas-swaba' ***u tax-xbiha tal-wiċċ*** lill-Punt ta' Aċċess Nazzjonali.	Hija biss l-awtorità ta' verifika li għandha tkun awtorizzata li tressaq talbiet għal tqabbil tal-marki tas-swaba'***, l-immaġni tal-wiċċ u data alfanumerika*** lill-Punt ta' Aċċess Nazzjonali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Ġustifikazzjoni hija simili għall-emenda preċedenti

Emenda 228
Judith Sargentini
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Hija biss l-awtorità ta' verifika li għandha tkun awtorizzata li tressaq talbiet għal tqabbil tal-marki tas-swaba' ***u*** tax-xbiha tal-wiċċ lill-Punt ta' Aċċess Nazzjonali.	Hija biss l-awtorità ta' verifika li għandha tkun awtorizzata li tressaq talbiet għal tqabbil tal-marki tas-swaba'***,*** tax-xbiha tal-wiċċ ***jew it-tnejn*** lill-Punt ta' Aċċess Nazzjonali.

Or. en

Emenda 229
Malin Björk, Barbara Spinelli, Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 8	***imħassar***
Europol	

1.Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1)(c), il-Europol għandu jaħtar unità speċjalizzata b'uffiċjali tal-Europol li huma debitament awtorizzati li jaġixxu bħala l-awtorità ta' verifika tiegħu, li għandha taġixxi b'mod indipendenti mill-awtorità maħtura msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu meta twettaq il-kompiti tagħha taħt dan ir-Regolament, u ma għandhiex tirċievi struzzjonijiet mill-awtorità maħtura fir-rigward tal-eżitu tal-verifika. L-unità għandha tiżgura li l-kundizzjonijiet għat-talba għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' u tax-xbiha tal-wiċċ mad-data tal-Eurodac ikunu ssodisfati. Il-Europol għandu jistabbilixxi, bi ftehim ma' kwalunkwe Stat Membru, il-Punt ta' Aċċess Nazzjonali ta' dak l-Istat Membru li jikkomunika t-talbiet tagħha għal tqabbil tal-marki tas-swaba' u tax-xbiha tal-wiċċ mas-Sistema Ċentrali.

2.Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1 (1)(c), il-Europol għandu jistabbilixxi unità operattiva li tkun awtorizzata titlob tqabbil mad-data tal-Eurodac permezz tal-Punt ta' Aċċess Nazzjonali stabbilit tagħha. L-awtorità maħtura għandha tkun unità operattiva tal-Europol li jkollha kompetenza tiġbor, taħżen, tipproċessa, tanalizza u tikkondividi informazzjoni biex tappoġġa u ssaħħaħ azzjoni mill-Istati Membri fil-prevenzjoni, ir-rintraċċar jew l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew reati serji oħra li jaqgħu fl-ambitu tal-mandat tal-Europol.

(Din l-emenda tapplika għat-test leġiżlattiv kollu li qed jiġi eżaminat. L-adozzjoni tagħha timponi adattamenti tekniċi fit-test kollu.)

Or. en

Ġustifikazzjoni

In its original form, the Eurodac Regulation was conceived to assist in the detection of multiple asylum applications. As such, access to data was restricted to immigration and asylum authorities. In 2013, the Eurodac Regulation was amended to introduce the possibility for Member States' law enforcement authorities and Europol to access Eurodac for the purposes of prevention, detection and investigation of terrorist offences and other serious criminal offences.The proposal to add a secondary objective not envisaged in the original

architecture of the system raised considerable concerns. In its opinion, the European Data Protection Supervisor (EDPS) argued that the necessity and proportionality of law enforcement access were not sufficiently demonstrated and applicable data protection law aspects had not been sufficiently considered. In particular, it argued that the additional purpose of Eurodac presented a 'function creep' and was hard to reconcile with the principle of purpose limitation, and that the access to a database of vulnerable persons (international protection applicants) was potentially discriminatory.The rapporteur has opened up this part of the regulation in order to give Europol direct access to the Eurodac database.However, the concerns raised in 2013 against the enlargement of the scope remains, and there has yet not been a assessment of necessity or proportionality. As long as necessity and proportionality have not been proven for each of these elements, the Regulation risks violating the Charter and could be challenged before the CJEU. As recommended by the EDPS, such an expansion should not be done before a careful assessment of the suitability of Eurodac to meet these objectives.

Emenda 230
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1)(c), il-Europol għandu jaħtar ***unità speċjalizzata b'uffiċjali tal-Europol li huma debitament awtorizzati li jaġixxu bħala l-awtorità ta' verifika tiegħu, li*** għandha taġixxi b'mod indipendenti ***mill-awtorità maħtura msemmija*** fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu meta twettaq il-kompiti tagħha taħt dan ir-Regolament, u ma għandhiex tirċievi struzzjonijiet mill-awtorità maħtura fir-rigward tal-eżitu tal-verifika. ***L-unità għandha tiżgura li l-kundizzjonijiet għat-talba għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' u tax-xbiha tal-wiċċ mad-data tal-Eurodac ikunu ssodisfati. Il-Europol għandu jistabbilixxi, bi ftehim ma' kwalunkwe Stat Membru, il-Punt ta' Aċċess Nazzjonali ta' dak l-Istat Membru li jikkomunika t-talbiet tagħha għal tqabbil tal-marki tas-swaba' u tax-xbiha tal-wiċċ mas-Sistema Ċentrali***.	1. Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1)(c), il-Europol għandu jaħtar ***awtorità li tkun awtorizzata li titlob aċċess għall-Eurodac permezz tal-punt ta' aċċess ċentrali maħtur tagħha għall-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew ta' reati kriminali serji oħra. L-awtorità maħtura*** għandha taġixxi b'mod indipendenti ***mill-punt ta' aċċess ċentrali msemmi*** fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu meta twettaq il-kompiti tagħha taħt dan ir-Regolament, u ma għandhiex tirċievi struzzjonijiet mill-awtorità maħtura fir-rigward tal-eżitu tal-verifika. ***L-awtorità maħtura għandha tkun unità operattiva tal-Europol***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

In line with the purpose extention in Article1(1)(c) of proposal (non-codified) which provides thatEurodac will serve not only the purpose of implementation of the Dublin Regulation, but also law enforcementpurposes. In order to fullfill the obligation of Member States designatedauthorities and Europol, the procedure for access to Eurodac should be quick and effective, but should stilltake into consideration that the main purpose of Eurodac is to support the MemberStates in applying the Dublin regulation. This amendment together with the next arranges the access of Europol to Eurodac similar to the mechanism in the Entry-Exit System.

Emenda 231
Sylvia-Yvonne Kaufmann, Josef Weidenholzer, Vilija Blinkevičiūtė, Péter Niedermüller, Maria Grapini, Juan Fernando López Aguilar, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1)(c), il-Europol għandu jaħtar unità speċjalizzata b'uffiċjali tal-Europol li huma debitament awtorizzati li jaġixxu bħala l-awtorità ta' verifika tiegħu, li għandha taġixxi b'mod indipendenti mill-awtorità maħtura msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu meta twettaq il-kompiti tagħha taħt dan ir-Regolament, u ma għandhiex tirċievi struzzjonijiet mill-awtorità maħtura fir-rigward tal-eżitu tal-verifika. L-unità għandha tiżgura li l-kundizzjonijiet għat-talba għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' u tax-xbiha tal-wiċċ mad-data tal-Eurodac ikunu ssodisfati. ***Il-Europol għandu jistabbilixxi, bi ftehim ma' kwalunkwe Stat Membru, il-Punt ta' Aċċess Nazzjonali ta' dak l-Istat Membru li jikkomunika*** t-talbiet tagħha għal tqabbil tal-marki tas-swaba' u tax-xbiha tal-wiċċ mas-Sistema Ċentrali.	1. Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1)(c), il-Europol għandu jaħtar unità speċjalizzata b'uffiċjali tal-Europol li huma debitament awtorizzati li jaġixxu bħala l-awtorità ta' verifika tiegħu, li għandha taġixxi b'mod indipendenti mill-awtorità maħtura msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu meta twettaq il-kompiti tagħha taħt dan ir-Regolament, u ma għandhiex tirċievi struzzjonijiet mill-awtorità maħtura fir-rigward tal-eżitu tal-verifika. L-unità għandha tiżgura li l-kundizzjonijiet għat-talba għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' u tax-xbiha tal-wiċċ mad-data tal-Eurodac ikunu ssodisfati. ***Fejn il-kundizzjonijiet huma sodisfatti, il-Europol għandha tikkomunika*** t-talbiet tagħha għal tqabbil tal-marki tas-swaba' u tax-xbiha tal-wiċċ mas-Sistema Ċentrali**.**

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija relatata mal-Artikolu 1(1) (c). Kemm għal raġunijiet tekniċi kif ukoll ta' protezzjoni tad-data, il-Europol bħal'issa mhix f'pożizzjoni titlob paragun permezz tal-punt ta' kuntatt nazzjonali, minkejja li l-leġiżlatur kien ippermetta lill-Europol jagħmel dan fl-aħħar

proċedura ta' riformulazzjoni fl-2013. B'hekk, il-Europol għandha tkun permessa titlob paragun b'mod dirett.

Emenda 232
Judith Sargentini
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1)(c), il-Europol għandu jaħtar unità speċjalizzata b'uffiċjali tal-Europol li huma debitament awtorizzati li jaġixxu bħala l-awtorità ta' verifika tiegħu, li għandha taġixxi b'mod indipendenti mill-awtorità maħtura msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu meta twettaq il-kompiti tagħha taħt dan ir-Regolament, u ma għandhiex tirċievi struzzjonijiet mill-awtorità maħtura fir-rigward tal-eżitu tal-verifika. L-unità għandha tiżgura li l-kundizzjonijiet għat-talba għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' ***u*** tax-xbiha tal-wiċċ mad-data tal-Eurodac ikunu ssodisfati. Il-Europol għandu jistabbilixxi, bi ftehim ma' kwalunkwe Stat Membru, il-Punt ta' Aċċess Nazzjonali ta' dak l-Istat Membru li jikkomunika t-talbiet tagħha għal tqabbil tal-marki tas-swaba' ***u*** tax-xbiha tal-wiċċ mas-Sistema Ċentrali.	1. Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1)(c), il-Europol għandu jaħtar unità speċjalizzata b'uffiċjali tal-Europol li huma debitament awtorizzati li jaġixxu bħala l-awtorità ta' verifika tiegħu, li għandha taġixxi b'mod indipendenti mill-awtorità maħtura msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu meta twettaq il-kompiti tagħha taħt dan ir-Regolament, u ma għandhiex tirċievi struzzjonijiet mill-awtorità maħtura fir-rigward tal-eżitu tal-verifika. L-unità għandha tiżgura li l-kundizzjonijiet għat-talba għat-tqabbil tal-marki tas-swaba'**,** tax-xbiha tal-wiċċ ***jew għat-tnejn*** mad-data tal-Eurodac ikunu ssodisfati. Il-Europol għandu jistabbilixxi, bi ftehim ma' kwalunkwe Stat Membru, il-Punt ta' Aċċess Nazzjonali ta' dak l-Istat Membru li jikkomunika t-talbiet tagħha għal tqabbil ***tad-data*** tal-marki tas-swaba'**,** tax-xbiha tal-wiċċ ***jew għat-tnejn*** mas-Sistema Ċentrali.

Or. en

Emenda 233
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għall-finijiet ***stabbiliti fl-Artikolu 1 (1)(c)***, il-Europol għandu ***jistabbilixxi*** unità	2. Għall-finijiet ***tal-Artikolu 1(1)(c)***, il-Europol għandu ***jaħtar*** unità

operattiva li tkun awtorizzata titlob tqabbil mad-data tal-Eurodac permezz tal-Punt ta' ***Aċċess Nazzjonali stabbilit tagħha. L-awtorità maħtura għandha tkun unità operattiva tal-Europol li jkollha kompetenza tiġbor, taħżen, tipproċessa, tanalizza u tikkondividi informazzjoni biex tappoġġa u ssaħħaħ azzjoni mill-Istati Membri fil-prevenzjoni, ir-rintraċċar jew l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew reati serji oħra li jaqgħu fl-ambitu tal-mandat tal-Europol***.	***speċjalizzata b'uffiċjali tal-Europol li huma debitament awtorizzati bħala l-punt*** ta' ***aċċess ċentrali. Il-punt ta' aċċess ċentrali għandu jivverifika li l-kundizzjonijiet għat-talba għall-aċċess għall-Eurodac stabbiliti fl-Artikolu 22 huma ssodisfati.*** ***Il-punt ta' aċċess ċentrali għandu jaġixxi b'mod indipendenti meta jwettaq il-kompiti tiegħu skont dan ir-Regolament u ma għandux jirċievi struzzjonijiet mill-awtorità maħtura msemmija fil-paragrafu 1 fir-rigward tal-eżitu tal-verifika***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

In line with the purpose extention in Article1(1)(c) of proposal (non-codified) which provides that Eurodac will serve not only the purpose of implementation of the Dublin Regulation, but also law enforcementpurposes. In order to fullfill the obligation of Member States designatedauthorities and Europol, the procedure for access to Eurodac should be quickand effective, but should still take into consideration that the main purposeof Eurodac is to support the Member States in applying the Dublin regulation.This amendment together with the previous arranges the access of Europol to Eurodacsimilar to the mechanism in the Entry-Exit System.

Emenda 234
Vilija Blinkevičiūtė, Vilija Blinkevičiūtė, Vilija Blinkevičiūtė, Vilija Blinkevičiūtė, Vilija Blinkevičiūtė, Juan Fernando López Aguilar, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1 (1)(c), il-Europol għandu jistabbilixxi unità operattiva li tkun awtorizzata titlob tqabbil mad-data tal-Eurodac ***permezz tal-Punt ta' Aċċess Nazzjonali stabbilit tagħha***. L-awtorità maħtura għandha tkun unità operattiva tal-Europol li jkollha kompetenza tiġbor, taħżen, tipproċessa, tanalizza u tikkondividi informazzjoni biex tappoġġa u ssaħħaħ azzjoni mill-Istati Membri fil-prevenzjoni, ir-rintraċċar jew l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew	2. Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1 (1)(c), il-Europol għandu jistabbilixxi unità operattiva li tkun awtorizzata titlob tqabbil mad-data tal-Eurodac. L-awtorità maħtura għandha tkun unità operattiva tal-Europol li jkollha kompetenza tiġbor, taħżen, tipproċessa, tanalizza u tikkondividi informazzjoni biex tappoġġa u ssaħħaħ azzjoni mill-Istati Membri fil-prevenzjoni, ir-rintraċċar jew l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew reati serji oħra li jaqgħu fl-ambitu tal-mandat tal-Europol.

reati serji oħra li jaqgħu fl-ambitu tal-mandat tal-Europol.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija relatata mal-Artikolu 1(1) (c). Kemm għal raġunijiet tekniċi kif ukoll ta' protezzjoni tad-data, il-Europol bħal'issa mhix f'pożizzjoni titlob paragun permezz tal-punt ta' kuntatt nazzjonali, minkejja li l-leġiżlatur kien ippermetta lill-Europol jagħmel dan fl-aħħar proċedura ta' riformulazzjoni fl-2013. B'hekk, il-Europol għandha tkun permessa titlob paragun b'mod dirett.

Emenda 235
Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1)(ca), il-Europol għandu jaħtar unità operattiva responsabbli mit-tfal neqsin u mit-tfal vittmi tat-traffikar tal-bniedem. L-awtorità maħtura għandha tkun unità operattiva tal-Europol li għandha kompetenza tiġbor, taħżen, tipproċessa, tanalizza u tikkondividi informazzjoni biex tappoġġa u ssaħħaħ azzjoni mill-Istati Membri fil-prevenzjoni, ir-rintraċċar jew l-investigazzjoni ta' traffikar tat-tfal, tħaddim tat-tfal jew esplojtazzjoni tat-tfal.

Or. en

Ġustifikazzjoni

In accordance with rule 104 of the rules of procedure, this amendment is necessary because it is inextricably linked to other admissible amendments related to further purposes of Eurodac (Article 1), related to family reunification and the identification and protection of minors. While lowering the age of taking fingerprints and facial images to six years old (Article 10, 13 and 14), the purpose of Eurodac should also be facilitating family reunification and identify and protect child victims of human trafficking. This will positively contribute to the protection of the rights of the child, including the rights of unaccompanied minors. Introducing a Europol operating unit on missing children and child victims of trafficking in human beings will contribute to this purpose.

Emenda 236
Monika Hohlmeier, Heinz K. Becker, Rachida Dati, Brice Hortefeux, Mariya Gabriel

Proposta għal regolament
Artikolu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 8a
	Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta
	B'mod konformi mal-Artikolu (40)(8) tar-Regolament (UE) 2016/1624, il-membri tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u l-Kosta jew timijiet ta' persunal involuti f'kompiti relatati mar-ritorn kif ukoll il-membri tat-timijiet ta' appoġġ għall-ġestjoni tal-migrazzjoni għandhom, fi ħdan il-mandat tagħhom, ikollhom id-dritt li jaċċessaw u jfittxu data imdaħħla fil-Eurodac fi ħdan il-mandat tagħhom. Huma jagħmlu dan billi jużaw l-interfaċċa teknika stabbilita u miżmuma mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u l-Kosta kif imsemmi fl-Artikolu (10)(3a).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tikkorrispondi mar-rwol il-ġdid li assuma l-Eurodac, li jidher fil-paragrafu (b) tal-Artikolu 1. Il-Eurodac issa għandu jassisti fil-kontroll tal-immigrazzjoni illegali u l-moviment sekondarju. Fil-mandar il-ġdid tagħha, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta li nħolqot issa ukoll għandha dan il-kompitu. L-għoti ta' aċċess lill-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta għandu jiżgura li l-potenzjal il-ġdid tal-Eurodac jiġi sfruttat bis-sħiħ.

Emenda 237
Petr Ježek, Louis Michel, Petr Ježek

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) in-numru ta' settijiet ta' data	(a) in-numru ta' settijiet ta' data

trażmessi dwar persuni msemmija ***fl-Artikoli 10(1),*** 13(1) u 14(1);	trażmessi dwar persuni msemmija ***fl-Artikolu 10(1), l-Artikolu 12a, u l-Artikoli*** 13(1) u 14(1);

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Riformulazzjoni: l-emenda hija relatata mal-proposta ta' żieda ta' kategorija ġdida (kapitolu IIa ġdid) u għandha l-għan li tiżgura l-koerenza tat-test fir-rigward ta' din iż-żieda.

Emenda 238
Judith Sargentini
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) in-numru ta' settijiet ta' data trażmessi dwar persuni msemmija fl-Artikoli 10(1)***, 13(1) u 14(1)***;	(a) in-numru ta' settijiet ta' data trażmessi dwar persuni msemmija fl-Artikoli 10(1) ***u 13(1)***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija ammissibbli peress li hija marbuta b'mod inseparabbli mal-emendi ammissibbli li jħassru l-Artikoli 14(1), 14(2), 14(4), 14(5) u 14(6)

Emenda 239
Malin Björk, Barbara Spinelli, Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) in-numru ta' hits dwar persuni msemmija fl-Artikolu 10(1) ***li kienu*** sussegwentement issottomettew applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru ieħor ***, li kienu nqabdu f'relazzjoni ma' qsim irregolari tal-fruntiera esterna u li nstabu li qed joqogħdu illegalment fi Stat***	(b) in-numru ta' hits dwar persuni msemmija fl-Artikolu 10(1) ***li*** sussegwentement issottomettew applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru ieħor;

Membru ;

Or. en

Emenda 240
Judith Sargentini
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) in-numru ta' hits dwar persuni msemmija fl-Artikolu 10(1) ***li kienu*** sussegwentement issottomettew applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru ieħor ***, li kienu nqabdu f'relazzjoni ma' qsim irregolari tal-fruntiera esterna u li nstabu li qed joqogħdu illegalment fi Stat Membru*** ;	(b) in-numru ta' hits dwar persuni msemmija fl-Artikolu 10(1) ***li*** sussegwentement issottomettew applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru ieħor;

Or. en

Emenda 241
Judith Sargentini
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) in-numru ta' hits dwar persuni msemmija fl-Artikolu 13(1) li sussegwentement kienu ssottomettew applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ***li kienu nqabdu f'relazzjoni ma' qsim irregolari tal-fruntiera esterna u li nstabu li qed joqogħdu illegalment fi Stat Membru*** ;	(c) in-numru ta' hits dwar persuni msemmija fl-Artikolu 13(1) li sussegwentement kienu ssottomettew applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali;

Or. en

Emenda 242
Malin Björk, Barbara Spinelli, Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) in-numru ta' ***hits*** dwar persuni msemmija fl-Artikolu 13(1) li sussegwentement kienu ssottomettew applikazzjoni ***għall-protezzjoni internazzjonali li kienu nqabdu f'relazzjoni ma' qsim irregolari tal-fruntiera esterna u li nstabu li qed joqogħdu illegalment fi Stat Membru*** ;	(c) in-numru ta' ***suċċessi*** dwar persuni msemmija fl-Artikolu 13(1) li sussegwentement kienu ssottomettew applikazzjoni ***għal protezzjoni internazzjonali***;

Or. en

Emenda 243
Judith Sargentini
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) in-numru ta' hits dwar persuni msemmija fl-Artikolu 14(1) li preċedentement kienu ssottomettew applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru ieħor , li kienu nqabdu f'relazzjoni ma' qsim irregolari tal-fruntiera esterna u li nstabu li qed joqogħdu illegalment fi Stat Membru ;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija ammissibbli peress li hija marbuta b'mod inseparabbli mal-emendi ammissibbli li jħassru l-Artikoli 14(1), 14(2), 14(4), 14(5) u 14(6)

Emenda 244
Malin Björk, Barbara Spinelli, Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) in-numru ta' ***hits*** dwar persuni msemmija fl-Artikolu 14(1) li ***preċedentement*** kienu ssottomettew applikazzjoni ***għall-protezzjoni*** internazzjonali fi Stat Membru ieħor ***, li kienu nqabdu f'relazzjoni ma' qsim irregolari tal-fruntiera esterna u li nstabu li qed joqogħdu illegalment fi Stat Membru*** ;	(d) in-numru ta' ***sejbiet*** dwar persuni msemmija fl-Artikolu 14(1) li ***qabel*** kienu ssottomettew applikazzjoni ***għal protezzjoni*** internazzjonali fi Stat Membru ieħor;

Or. en

Emenda 245
Judith Sargentini
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) l-ammont ta' data dwar marki tas-swaba' li s-Sistema Ċentrali kellha titlob iktar minn darba mill-Istati Membri ta' oriġini minħabba li d-data dwar marki tas-swaba' tażmessa oriġinarjament ma setgħetx twassal għal tqabbil bl-użu tas-sistema kompjuterizzata ta' għarfien ta' marki tas-swaba';	(e) l-ammont ta' data dwar marki tas-swaba'***, diżaggregat skont is-sena ta' twelid tas-suġġett tad-data,*** li s-Sistema Ċentrali kellha titlob iktar minn darba mill-Istati Membri ta' oriġini minħabba li d-data dwar marki tas-swaba' tażmessa oriġinarjament ma setgħetx twassal għal tqabbil bl-użu tas-sistema kompjuterizzata ta' għarfien ta' marki tas-swaba';

Or. en

Ġustifikazzjoni

This amendment is needed to maintain the logic of the text as it should serve to protect child victims of trafficking and support the identification and protection of unaccompanied children who go missing, disappear or abscond, as the European Commission highlighted in its explanatory memorandum accompanying the proposed recast Eurodac Regulation. In order to comply with Article 7, Article 8 and Article 24 of the Charter, the processing of children's biometric data as young as six years of age can only be justified if it expressly pursues a child protection objective. In particular, children's statistics concerning the reliability of biometric matching should be broken down by year of birth.

Emenda 246
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) l-ammont ta' data dwar marki tas-swaba' li s-Sistema Ċentrali kellha titlob iktar minn darba mill-Istati Membri ta' oriġini minħabba li d-data dwar marki tas-swaba' trażmessa oriġinarjament ma setgħetx twassal għal tqabbil bl-użu tas-sistema kompjuterizzata ta' għarfien ta' marki tas-swaba';	(e) l-ammont ta' data dwar marki tas-swaba' ***u tal-immaġni tal-wiċċ*** li s-Sistema Ċentrali kellha titlob iktar minn darba mill-Istati Membri ta' oriġini minħabba li d-data dwar marki tas-swaba' ***u tal-immaġni tal-wiċċ*** trażmessa oriġinarjament ma setgħetx twassal għal tqabbil bl-użu tas-sistema kompjuterizzata ta' għarfien ta' marki tas-swaba' ***u ta' xbihat tal-wiċċ***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Korrezzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni li ma żżidx fil-postijiet kollha meħtieġa kemm "il-marki tas-swaba" kif ukoll "ix-xbiha tal-wiċċ", li hija konformi mal-obbligu kif imsemmi fl-Artikolu 2.

Emenda 247
Judith Sargentini
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) in-numru ta' hits dwar persuni msemmija fl-Artikolu 19(1) ***u (4)*** li għalihom ġew ***rreġistrati*** hits taħt il-punti (b) , (c) ***u (d)*** ta' dan l-Artikolu;	(g) in-numru ta' hits dwar persuni msemmija fl-Artikolu 19(1) li għalihom ġew ***irreġistrati*** hits taħt il-punti (b), (c) ta' dan l-Artikolu;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija ammissibbli peress li hija marbuta b'mod inseparabbli mal-emendi ammissibbli li jħassru l-Artikoli 14(1), 14(2), 14(4), 14(5) u 14(6)

Emenda 248
Judith Sargentini
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(j) in-numru ta' talbiet magħmula għal persuni msemmija fl-Artikolu 31;	(j) in-numru ***u t-tip*** ta' talbiet magħmula għal persuni msemmija fl-Artikolu 31;

Or. en

Emenda 249
Judith Sargentini
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Id-data statistika għal persuni msemmija fil-paragrafu 1 minn (a) sa (h) għandha tkun pubblikata u disponibbli għall-pubbliku kull xahar. Fl-aħħar ta' kull sena, id-data statistika ***tas-sena*** għall-persuni msemmija fil-paragrafu 1 minn (a) sa (h) għandha tiġi ppubblikata u ssir disponibbli għall-pubbliku minn eu-LISA . L-istatistiċi għandu jkollhom analiżi dettaljata tad-data għal kull Stat Membru.	2. Id-data statistika għal persuni msemmija fil-paragrafu 1 minn (a) sa (h) għandha tkun pubblikata u disponibbli għall-pubbliku kull xahar. ***Id-data diżaggregata li tispeċifika l-età u s-sess tal-persuni msemmija fil-paragrafu 1(a) sa (h) għandha tkun inkluża fid-data statistika mensili.*** Fl-aħħar ta' kull sena, id-data statistika ***tas-sena*** għall-persuni msemmija fil-paragrafu 1 minn (a) sa (h) għandha tiġi ppubblikata u ssir disponibbli għall-pubbliku minn eu-LISA . L-istatistiċi għandu jkollhom analiżi dettaljata tad-data għal kull Stat Membru.

Or. en

Ġustifikazzjoni

This amendment is needed to maintain the logic of the text as it should serve to protect child victims of trafficking and support the identification and protection of unaccompanied children who go missing, disappear or abscond, as the European Commission highlighted in its explanatory memorandum accompanying the proposed recast Eurodac Regulation. In order to comply with Article 7, Article 8 and Article 24 of the Charter, the processing of children's biometric data as young as six years of age can only be justified if it expressly pursues a child

protection objective. In particular, to better evaluate the impact of the Eurodac Regulation on children, monthly statistics provided by eu-LISA under Article 9 of the proposal should be broken down by age and sex to understand how many boys and girls under the age of 18 years are affected.

Emenda 250
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Id-data statistika ***għal persuni*** msemmija fil-paragrafu 1 minn (a) sa ***(h)*** għandha tkun pubblikata u disponibbli għall-pubbliku kull xahar. Fl-aħħar ta' kull sena, id-data statistika ***tas-sena*** għall-persuni msemmija fil-paragrafu 1 minn (a) sa (h) għandha tiġi ppubblikata u ssir disponibbli għall-pubbliku minn eu-LISA . L-istatistiċi għandu jkollhom analiżi dettaljata tad-data għal kull Stat Membru.	2. Id-data statistika ***għall-persuni*** msemmija fil-paragrafu 1 minn (a) sa ***(k)*** għandha tkun ***imqassma, fejn possibbli, skont l-età u s-sess sabiex wieħed jifhem kemm subien u bniet minorenni huma affettwati u għandha tiġi*** pubblikata u ***ssir*** disponibbli għall-pubbliku kull xahar. Fl-aħħar ta' kull sena, id-data statistika ***tas-sena*** għall-persuni msemmija fil-paragrafu 1 minn (a) sa (h) għandha tiġi ppubblikata u ssir disponibbli għall-pubbliku minn eu-LISA . L-istatistiċi għandu jkollhom analiżi dettaljata tad-data għal kull Stat Membru.

Or. en

Emenda 251
Maria Grapini, Josef Weidenholzer, Vilija Blinkevičiūtė, Péter Niedermüller, Maria Grapini, Juan Fernando López Aguilar, Dietmar Köster, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Id-data statistika għal persuni msemmija fil-paragrafu 1 minn (a) sa (h) għandha tkun pubblikata u disponibbli għall-pubbliku kull xahar. Fl-aħħar ta' kull sena, id-data statistika ***tas-sena*** għall-persuni msemmija fil-paragrafu 1 minn (a) sa (h) għandha tiġi ppubblikata u ssir disponibbli għall-pubbliku minn eu-LISA .	2. Id-data statistika għal persuni msemmija fil-paragrafu 1 minn (a) sa (h) għandha tkun pubblikata u disponibbli għall-pubbliku kull xahar ***u għandha tikkontjeni dettalji dwar is-sena ta' twelid u l-ġeneru tas-suġġett tad-data***. Fl-aħħar ta' kull sena, id-data statistika ***tas-sena*** għall-persuni msemmija fil-paragrafu 1

L-istatistiċi għandu jkollhom analiżi dettaljata tad-data għal kull Stat Membru.	minn (a) sa (h) għandha tiġi ppubblikata u ssir disponibbli għall-pubbliku minn eu-LISA . L-istatistiċi għandu jkollhom analiżi dettaljata tad-data għal kull Stat Membru.

Or. en

Emenda 252
Monika Hohlmeier, Heinz K. Becker, Rachida Dati, Brice Hortefeux, Mariya Gabriel

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Il-persunal debitament awtorizzat tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u l-Kosta għandu jkollu aċċess għall-istatistika mfassla mill-eu-LISA msemmija fil-paragrafu (1)(a) sa (h) u għad-data rilevanti msemmija fl-Artikolu (12) (d) sa (s), fl-Artikolu (13) (d) sa (m) u fl-Artikolu (14) (d) sa (m), għall-finijiet biss imsemmija fl-Artikolu (1)(b) u għall-finijiet imsemmija fl-Artikoli 11 u 37 tar-Regolament (UE) 2016/1624, mingħajr ma tkun possibbli l-identifikazzjoni individwali. L-ipproċessar ta' dawn id-data jenħtieġ li jitwettaq b'konformità mal-miżuri ta' salvagwardja tal-protezzjoni tad-data previsti fir-Regolament (UE) 2016/1624.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tikkorrispondi mar-rwol il-ġdid li assuma l-Eurodac, li jidher fil-paragrafu (b) tal-Artikolu 1. Il-Eurodac issa għandu jassisti fil-kontroll tal-immigrazzjoni illegali u l-moviment sekondarju. Fil-mandar il-ġdid tagħha, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta li nħolqot issa ukoll għandha dan il-kompitu. L-għoti ta' aċċess lill-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta għandu jiżgura li l-potenzjal il-ġdid tal-Eurodac jiġi sfruttat bis-sħiħ.

Emenda 253

Sylvia-Yvonne Kaufmann, Josef Weidenholzer, Vilija Blinkevičiūtė, Péter Niedermüller, Kati Piri, Maria Grapini, Juan Fernando López Aguilar

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kull Stat Membru għandu jieħu fil-pront il-marki tas-swaba' tas-swaba' kollha u jieħu ritratt tax-xbiha tal-wiċċ ta' kull applikant għall-protezzjoni internazzjonali li jkollu tal-inqas sitt snin u għandu, mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 72 siegħa wara li tiġi ddepożitata l-applikazzjoni tiegħu għall-protezzjoni internazzjonali, kif iddefinit mill-Artikolu 21(2) tar-Regolament , jittrażmettihom flimkien mad-data msemmija fl-Artikolu 12 minn (c) sa (n) ta' dan ir-Regolament lis-Sistema Ċentrali.	Kull Stat Membru għandu jieħu fil-pront il-marki tas-swaba' tas-swaba' kollha u jieħu ritratt tax-xbiha tal-wiċċ ta' kull applikant għall-protezzjoni internazzjonali li jkollu tal-inqas sitt snin u għandu, mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 72 siegħa wara li tiġi ddepożitata l-applikazzjoni tiegħu għall-protezzjoni internazzjonali, kif iddefinit mill-Artikolu 21(2) tar-Regolament , jittrażmettihom flimkien mad-data msemmija fl-Artikolu 12 minn (c) sa (n) ta' dan ir-Regolament lis-Sistema Ċentrali. ***It-teħid ta' marki tas-swaba u tax-xbihat tal-wiċċ ta' tfal huwa partikolarment għall-finijiet imsemmija fl-Artikolu 1(1)(ca).***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija relatata direttament mat-tibdila fl-età minn 14-il sena għal 6 snin proposta mill-Kummissjoni f'dan l-Artikolu.

Emenda 254
Malin Björk, Barbara Spinelli, Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kull Stat Membru għandu jieħu fil-pront il-marki tas-swaba' tas-swaba' kollha ***u jieħu ritratt tax-xbiha tal-wiċċ*** ta' kull applikant għall-protezzjoni internazzjonali li jkollu tal-inqas ***sitt snin*** u għandu, mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 72 siegħa wara li tiġi ddepożitata l-applikazzjoni tiegħu għall-protezzjoni internazzjonali, kif iddefinit mill-Artikolu ***21(2)*** tar-	Kull Stat Membru għandu jieħu fil-pront il-marki tas-swaba' tas-swaba' kollha ta' kull applikant għall-protezzjoni internazzjonali li jkollu tal-inqas ***14-il sena*** u għandu, mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 72 siegħa wara li tiġi ddepożitata l-applikazzjoni tiegħu għall-protezzjoni internazzjonali, kif iddefinit mill-Artikolu ***[21(2)]*** tar-Regolament ***(UE)***

Regolament , jittrażmettihom flimkien mad-data msemmija fl-Artikolu ***12 minn (c) sa (n)*** ta' dan ir-Regolament lis-Sistema Ċentrali.	***Nru*** , jittrażmettihom flimkien mad-data msemmija fl-Artikolu ***12(c) sa (n)*** ta' dan ir-Regolament lis-Sistema Ċentrali. *(Din l-emenda tapplika għat-test leġiżlattiv kollu li qed jiġi eżaminat. l-adozzjoni tagħha timponi adattamenti tekniċi fit-test kollu.)*

Or. en

Emenda 255
Judith Sargentini
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kull Stat Membru għandu jieħu fil-pront il-marki tas-swaba' tas-swaba' kollha ***u jieħu ritratt tax-xbiha tal-wiċċ*** ta' kull applikant għall-protezzjoni internazzjonali li jkollu tal-inqas ***sitt snin*** u għandu, mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 72 siegħa wara li tiġi ddepożitata l-applikazzjoni tiegħu għall-protezzjoni internazzjonali, kif iddefinit mill-Artikolu ***21(2)*** tar-Regolament , jittrażmettihom flimkien mad-data msemmija fl-Artikolu ***12 minn (c) sa (n)*** ta' dan ir-Regolament lis-Sistema Ċentrali.	Kull Stat Membru għandu jieħu fil-pront il-marki tas-swaba' tas-swaba' kollha ta' kull applikant għall-protezzjoni internazzjonali li jkollu tal-inqas ***18-il sena*** u għandu, mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 72 siegħa wara li tiġi ddepożitata l-applikazzjoni tiegħu għall-protezzjoni internazzjonali, kif iddefinit mill-Artikolu ***[21(2)]*** tar-Regolament ***(UE) Nru***, jittrażmettihom flimkien mad-data msemmija fl-Artikolu ***12(c) sa (n)*** ta' dan ir-Regolament lis-Sistema Ċentrali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan huwa relatat mal-introduzzjoni ta' paragrafu 1A ġdid għal dan l-Artikolu, bil-għan li jiġu protetti aħjar tfal vittmi tat-traffikar u li tiġi appoġġata l-identifikazzjoni u l-protezzjoni tat-tfal li jkunu għebu.

Emenda 256
Judith Sargentini
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Għall-finijiet tal-Artikolu 1(1)(ca), kull Stat Membru għandu jieħu fil-pront il-marki tas-swaba' kollha u jieħu ritratt tax-xbiha tal-wiċċ tat-tfal kollha applikantt għall-protezzjoni internazzjonali li jkollhom tal-inqas sitt snin u għandu, mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 72 siegħa wara li tiġi ddepożitata l-applikazzjoni tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali, kif iddefinit mill-Artikolu 21(2) tar-Regolament XX/XXXX, jittrażmettihom flimkien mad-data msemmija fil-punt (c) sa (n) tal-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament lis-Sistema Ċentrali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija meħtieġa biex iżżomm il-loġika tat-test peress li għandha sservi biex tipproteġi lit-tfal vittmi tat-traffikar u tappoġġja l-identifikazzjoni u l-protezzjoni ta' tfal mhux akkumpanjati li jgħibu, jisparixxu jew jaħarbu, kif il-Kummissjoni Ewropea enfasizzat fil-memorandum ta' spjegazzjoni tagħha li jakkumpanja r-riformulazzjoni proposta tar-Regolament Eurodac. In order to comply with Article 7, Article 8 and Article 24 of the Charter, the processing of children's biometric data as young as six years of age can only be justified if it expressly pursues a child protection objective.

Emenda 257
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
In-nuqqas ta' konformità mal-limitu tal-ħin ta’ 72 siegħa ma għandux jeżonera lill-Istati Membri mill-obbligu li jieħdu u jitrażmettu l-marki tas-swaba’ lis-Sistema Ċentrali. Fejn il-kundizzjoni tat-truf tas-swaba’ ma tippermettix li jittieħdu marki tas-swaba’ fi kwalità li tiżgura tqabbil xieraq taħt l-Artikolu 26, l-Istat Membru ta’ oriġini għandu jerġa’ jieħu l-marki tas-	In-nuqqas ta' konformità mal-limitu tal-ħin ta’ 72 siegħa ma għandux jeżonera lill-Istati Membri mill-obbligu li jieħdu u jitrażmettu l-marki tas-swaba’ ***u l-immaġni tal-wiċċ*** lis-Sistema Ċentrali. Fejn il-kundizzjoni tat-truf tas-swaba’ ma tippermettix li jittieħdu marki tas-swaba’ fi kwalità li tiżgura tqabbil xieraq taħt l-Artikolu 26, l-Istat Membru ta’ oriġini

swaba' tal-applikant u jibagħthom mill-ġdid mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 48 siegħa wara li jkunu reġgħu ttieħdu b'suċċess.	għandu jerġa' jieħu l-marki tas-swaba' tal-applikant u jibagħthom mill-ġdid mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 48 siegħa wara li jkunu reġgħu ttieħdu b'suċċess.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Korrezzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni li ma żżidx fil-postijiet kollha meħtieġa kemm "il-marki tas-swaba" kif ukoll "ix-xbiha tal-wiċċ", li hija konformi mal-obbligu kif imsemmi fl-Artikolu 2.

Emenda 258
Judith Sargentini
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'deroga mill-paragrafu 1, fejn mhux possibbli li jittieħdu l-marki tas-swaba' ***u*** tax-xbiha tal-wiċċ ta' applikant għall-protezzjoni internazzjonali minħabba miżuri li ttieħdu sabiex tiġi żgurata s-saħħa tal-applikant jew il-protezzjoni tas-saħħa pubblika, l-Istati Membri għandhom jieħdu u jibagħtu dawn il-marki ***u x-xbiha tal-wiċċ*** mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 48 siegħa wara li dawn ir-raġunijiet ta' saħħa ma jibqgħux validi.	B'deroga mill-paragrafu 1, fejn mhux possibbli li jittieħdu l-marki tas-swaba'**,** tax-xbiha tal-wiċċ ***jew it-tnejn,*** ta' applikant għall-protezzjoni internazzjonali minħabba miżuri li ttieħdu sabiex tiġi żgurata s-saħħa tal-applikant jew il-protezzjoni tas-saħħa pubblika, l-Istati Membri għandhom jieħdu u jibagħtu dawn il-marki***, ix-xbiha tal-wiċċ jew it-tnejn*** mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 48 siegħa wara li dawn ir-raġunijiet ta' saħħa ma jibqgħux validi.

Or. en

Emenda 259
Malin Björk, Barbara Spinelli, Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Id-data tal-marki tas-swaba' tista'	***imħassar***

tittieħed u tiġi trażmessa mill-membri tat-Timijiet tal-Gwardjani tal-Fruntiera Ewropej [u tal-Kosta] jew minn esperti dwar l-ażil tal-Istat Membri meta jwettqu l-ħidmiet tagħhom u jeżerċitaw is-setgħat skont [ir-Regolament dwar il-Gwardjani tal-Fruntiera Ewropej [u tal-Kosta] u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 2007/2004, ir-Regolament 863/2007 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/267/KE] u [r-Regolament (UE) Nru 439/2010].

Or. en

Emenda 260
Judith Sargentini
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Id-data tal-marki tas-swaba' ***tista'*** tittieħed u tiġi trażmessa mill-membri ***tat-Timijiet tal-Gwardjani tal-Fruntiera Ewropej [u tal-Kosta] jew minn*** esperti dwar l-ażil ***tal-Istat*** Membri ***meta jwettqu l-ħidmiet tagħhom u jeżerċitaw is-setgħat skont [ir-Regolament dwar il-Gwardjani tal-Fruntiera Ewropej [u tal-Kosta] u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 2007/2004, ir-Regolament 863/2007 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/267/KE] u [r-Regolament (UE) Nru 439/2010]***.	3. Id-data tal-marki tas-swaba' ***għandha*** tittieħed u tiġi trażmessa mill-membri esperti dwar l-ażil ***tal-Istati*** Membri ***li rċevew taħriġ speċifiku dwar id-drittijiet fundamentali, id-dritt għall-ażil u dwar kif jiġu indirizzati l-bżonnijiet speċjali ta' migranti vulnerabbli, inklużi tfal***.

Or. en

Emenda 261
Sylvia-Yvonne Kaufmann, Josef Weidenholzer, Vilija Blinkevičiūtė, Péter Niedermüller, Kati Piri, Maria Grapini, Juan Fernando López Aguilar

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni *Emenda*

3. Id-data tal-marki tas-swaba' tista' tittieħed u tiġi trażmessa mill-membri tat-Timijiet tal-Gwardjani tal-Fruntiera Ewropej [u tal-Kosta] jew minn esperti dwar l-ażil tal-Istat Membri meta jwettqu l-ħidmiet tagħhom u jeżerċitaw is-setgħat skont [ir-Regolament dwar il-Gwardjani tal-Fruntiera Ewropej [u tal-Kosta] u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 2007/2004, ir-Regolament 863/2007 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/267/KE] u [r-Regolament (UE) Nru 439/2010].	3. Id-data tal-marki tas-swaba' ***u tax-xbiha tal-wiċċ*** tista' tittieħed u tiġi trażmessa mill-membri tat-Timijiet tal-Gwardjani tal-Fruntiera Ewropej [u tal-Kosta] jew minn esperti dwar l-ażil tal-Istat Membri meta jwettqu l-ħidmiet tagħhom u jeżerċitaw is-setgħat skont [ir-Regolament dwar il-Gwardjani tal-Fruntiera Ewropej [u tal-Kosta] u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 2007/2004, ir-Regolament 863/2007 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/267/KE] u [r-Regolament (UE) Nru 439/2010].

Or. en

Emenda 262
Monika Hohlmeier, Heinz K. Becker, Rachida Dati, Rachida Dati, Mariya Gabriel

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Għall-finijiet tal-paragrafu 3, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u l-Kosta u l-Aġenzija futura tal-Unjoni Ewropea għall-Asil għandhom jistabbilixxu u jmantnu interfaċċja teknika li tippermetti konnessjoni diretta mas-Sistema Ċentrali tal-Eurodac.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha tnaqqas id-dipendenza tal-Aġenzija fuq l-infrastruttura nazzjonali li tista' tkun piż reali għall-ħidma ta' kuljum tal-aġenziji, peress li mhux kull infrastruttura nazzjonali hija tal-għola standards.

Emenda 263
Malin Björk, Barbara Spinelli, Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(b)	***xbiha tal-wiċċ;***	***imħassar***

Or. en

Emenda 264
Judith Sargentini
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) xbiha tal-wiċċ;	(b) xbiha tal-wiċċ ***fejn is-suġġett tad-data huwa minorenni***;

Or. en

Emenda 265
Judith Sargentini
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) kunjom(ijiet) u isem(ismijiet), isem(ismijiet) fit-twelid u ismijiet użat preċedentement ***u kwalunkwe psewdonimu, li jistgħu jiddaħħlu separatament***;	(c) kunjom(ijiet) u isem(ismijiet), isem(ismijiet) fit-twelid u ismijiet użat preċedentement;

Or. en

Emenda 266
Judith Sargentini
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ċittadinanza(i);	***imħassar***

Or. en

Emenda 267
Sylvia-Yvonne Kaufmann, Josef Weidenholzer, Vilija Blinkevičiūtė, Péter Niedermüller, Kati Piri, Maria Grapini, Juan Fernando López Aguilar, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ċittadinanza(i);	(d) ċittadinanza(i) ***jew ċittadinanza preżunta u dikjarata jew status ta' persuna apolida skont l-Artikolu 1(1) tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1954 dwar l-Istatus ta' Persuni Apolidi***;

Or. en

Emenda 268
Judith Sargentini
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) post u data tat-twelid;	***imħassar***

Or. en

Emenda 269
Kati Piri, Josef Weidenholzer, Vilija Blinkevičiūtė, Péter Niedermüller, Kati Piri, Maria Grapini, Juan Fernando López Aguilar, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ga) detallji ta' rabtiet familjari ta' minorenni, bħall-ismijiet tal-membri tal-familja u persuni li jakkumpanjawhom jew kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra li tista' tgħin

	bir-rintraċċjar tal-familja jew ir-riunifikazzjoni possibbli;

Or. en

Ġustifikazzjoni

As the European Commission highlighted in its explanatory memorandum accompanying the proposed Eurodac recast, the lowering of the minimum age from 14 years to 6 years in Article 10(1) et al. should serve in order to protect child victims of trafficking and support the identification and protection of unaccompanied children. In order to comply with Article 7, 8 and 24 of the EU Charter of Fundamental Rights the processing of childrens' biometric data could be only justified by a child protection purpose. Therefore this amendment is directly linked to the changes which the Commission proposed.

Emenda 270
Judith Sargentini
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) it-tip u n-numru tal-identità jew dokument tal-ivvjaġġar; il-kodiċi bi tliet ittri tal-pajjiż emittenti u l-validità;	***imħassar***

Or. en

Emenda 271
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu sa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(sa) fil-każ ta' minuri, u b'mod partikolari meta mhux akkumpanjat, fejn applikabbli, data dwar membri tal-familja, bħal kunjom(ijiet), isem(ismijiet), data tat-twelid, sess, nazzjonalità(nazzjonalitajiet), post tat-twelid, relazzjoni mal-minuri.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-aħjar interess tat-tfal għandu jkun parti essenzjali ta' dan ir-Regolament. Din l-emenda hija relatata mal-Artikolu 2.